# Għaqda Mużikali Imperial
## Festa Marija Bambina 2019
## Il-Mellieħa






FLORIANA | MELLIEHA | MINUSTHREE - THE POINT | MOSTA
ROCSGRP.COM/INVEST | 2015 1515 | INVEST@ROCSGRP.COM

TERMS & CONDITIONS APPLY.

ROCS COMPANY LIMITED IS AN ENROLLED TIED INSURANCE INTERMEDIARY UNDER THE INSURANCE DISTRIBUTION ACT, CAP 487 OF THE LAWS OF MALTA FOR MAPFRE MSV LIFE P.L.C.. MAPFRE MSV LIFE P.L.C.(C-15722) IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT, CAP 403 OF THE LAWS OF MALTA. BOTH ENTITIES ARE REGULATED BY THE MFSA.

# Werrej


L-Għaqda Mużikali Imperial… il-bieraħ, illum u għada
– Josef Borg – President ..... 5
Ħidma – Dario Vella – Sindku ..... 8
Festa li ġġib in-nies flimkien – Fr Joe Caruana – Arċipriet ..... 9
L-investiment fir-riżors uman – Dr John Baptist Gauci – Segretarju Ġenerali ..... 12
Spejjeż – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ..... 16
L-għajnuna tal-ħafna – John Schembri – Direttur ..... 17
Riflessjonijiet … – Mro Anthony Borg – Surmast Direttur ..... 20
L-anzjani fis-soċjetajiet – Carmen Cini – Chairperson – Kumitat Nisa ..... 24
Ħin vs Volontarjat – Clayton Vella – Segretarju – Kummissjoni Banda u Kor ..... 25
Il-ħafna mingħand il-ftit – Damian Vella
– Chairperson – Kummissjoni Żgħażagħ ..... 29
Too High? – Julie Thomas – Director of Imperial Choir ..... 32
Inkomplu Naħdmu b'Impenn – Philip Schembri – Għalliem ..... 37
Percussion Instruments – Geoff Thomas – Music Teacher ..... 40
Rispett u għaqda bejn is-soċjetajiet – Avv. Noel Camilleri – President GħKB ..... 43
Djarju 2018 – 2019 ..... 44
Nifirħu lil… ..... 52
Niftakru f'ħutna li ħallewna ..... 53
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2019 ..... 54
Programm mill-Banda u l-Kor Imperial
fid-Dar tal-Anzjani 'Madonna tal-Mellieħa' ..... 56
Programm t'Attivitajiet ..... 58
Activities Organised by The Imperial Band Club 2019 ..... 61
A donation to the Imperial Band Club ..... 65
Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fi Żmien il-bini tal-Ark Trijonfali
– David Muscat ..... 69
Home is where the heart is – Brian Roberts ..... 77
Esebizzjoni 'Iċ-Ċaħda' – Ryan Micallef ..... 78
Awguri! – Onorevoli Evarist Bartolo
– Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ..... 81
Ja alla tal-ħadid – Paul P. Borg ..... 83
Success doesn't find you, you have to go out and get it – Pippa Roberts ..... 86
Project within the scheme "Festi Inklussivi" ..... 87
L-Għaqda Mużikali Imperial tkompli tgħolli isem il-Mellieħa 'l fuq
– Onor. Clayton Bartolo – Membru Parlamentari – Tnax-il Distrett ..... 88
Marija Omm Kristu u Omm l-Insara – Mons. Mosè Debono ..... 89
Is-Sejba ta' Ridott fl-Aħrax tal-Mellieħa – Jonathan Muscat ..... 90
Jum Twelidek, Jum Ir-Rebħa – Ġanni Camilleri ..... 92
Training Workshop "Developing ensemble skills and techniques
in young musicians" ..... 93
Living a New Reality – Professor Stephen Calleya ..... 96
Stejjer mix-Xquq u l-Irdum tal-Qammieħ – Jeffrey Sammut ..... 97
Mill-Mellieħa sal-Assedju – Anthony Fenech ..... 117
Iż-żmien għaddej ġmielu…Waslet festa oħra!
– Christopher Bartolo – Sagristan ..... 118
Skema "Irrestawra Darek 2018" ..... 121
Il-Mellieħa u l-inħawi mil-L saż-Ż – David Bartolo ..... 122
Iż-żmien hu l-aqwa teżor – Ralph Micallef ..... 126
L-Introduzzjoni tas-Sistema tar-Razzjon
u l-Ispezzjonijiet li kienu jsiru fil-Ħwienet fil-Mellieħa
– Charles Debono – Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ..... 127
Proġett "It-tagħlim tal-mużika għal persuni neqsin mis-smigħ" ..... 131
Il-Malti, li Nħobb Jiena – Joseph F Cachia ..... 134
L-Ismijiet – Joseph F Cachia ..... 135
Xogħlijiet Artistiċi fis-Santwarju tal-Mellieħa – Mario Fenech ..... 138
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ..... 140



***VO/0841***

*Pubblikazzjoni:*
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Lehen l-Imperial
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci,
Anthony Borg, Carmen Schembri,
Anthony Schembri,

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftehmu bhala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Ghaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

***Disinn tal-Faċċata:***
Stephen Grima

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara

Pittura tal-Faċċata:
L-Ark Trijonfali fid-daħla għall-bitħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li din is-sena għalaq tliet mitt sena mill-bini tiegħu. Pittura ta' Stephen Grima.

*Disinn u Stampar:*
BEST Print Co. Ltd
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com




**MELLIEĦA OPENING HOURS**
**DAILY** 7.30AM - 8PM
**SATURDAYS** 7AM - 8PM
**SUNDAYS** 8AM - 6PM

*Il-festa t-tajba!*

valyou

SUPERMARKETS

MELLIEĦA | NAXXAR | PENDERGARDENS | ONLINE

*your home for fresh*





/ValyouSupermarkets

valyou.com.mt

Eight24
PROPERTY & INTERIORS

Whether you are purchasing a new home or setting up an office, **Eight24** offers a complete service. We support you during planning, finishing and furnishing with bespoke projections and designs to suit individual needs and budgets.

Enjoy your space

info@eight24.mt +356 2752 1035 / +356 7982 6535 68, Triq is-Sagħtar, Mellieħa www.eight24.mt



Beauty Mood Hair+Beauty Salon



28 Saint Helen Street Mellieha
Tel:21523514
beautymoodmellieha@gmail.com


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs
Tel: 21582659 . Mobile 79477682 / 3 / 4 /5 .
Email: info@bgs.com.mt . Website: www.bgs.com.mt
Traffic Signs - Belishia Globes - Road Markings Paint
Street Furniture - Car Park Markings
Traffic Management Services - Building Services
30
3T
1 San Ġiljan
6 Valletta
7 Ħ'Attard
H
16 S. Pawl il-Baħar
7 Ir-Rabat
21 Ħaż-Żebbuġ
We mark, others follow . . .



# L-Għaqda Mużikali Imperial… il-bieraħ, illum u għada

Josef Borg
*President*



Din is-sena l-ġranet tal-Festa jġibuli nostalġija kbira ta' mument sabiħ li għaddiet minnu s-Soċjetà tagħna, l-Għaqda Mużikali Imperial. Kien propju f'nofs Awwissu tas-sena 1979 li sar il-kuntratt tax-xiri tal-Każin, ħolma għal snin kbar li fl-aħħar saret realtà. Il-ferħ, is-sodisfazzjon u l-ħeġġa kbira tal-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial kont tħosshom, u dak li ħafna kienu ilhom ħerqana għalih, każin ġdid u li jixraq lis-soċjetà, fl-aħħar kien ser isir realtà.

Hekk kien, u propju fi ftit anqas minn sena u nofs wara, twaqqa' l-każin il-qadim u nbena ieħor ġdid fl-istess żmien meta kien iċċelebrat il-Ħamsin Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà. Kienu żminijiet mill-isbaħ li għaddiet minnhom l-Għaqda tagħna, ħidma kbira volontarja mill-membri, b'appoġġ mill-poplu Mellieħi. Għaddew erbgħin sena, iżda l-ġrajjiet li seħħew dak iż-żmien għadhom stampati f'moħħi, u għandna għaliex nirringrazzjaw lil ħafna nies li ħadmu biex l-Għaqda Mużikali Imperial ikollha każin li jagħmlilha unur.

Kien propju f'dawn iż-żminijiet ukoll li jien bdejt nieħu l-ewwel taħriġ mużikali tiegħi. Niftakar li għal madwar sena sħiħa, jien u ħija s-Surmast Direttur Anthony Borg, konna mmorru nieħdu l-lezzjonijiet għand is-Surmast George Buttigieg id-dar tiegħu, mhux darba iżda tliet darbiet fil-ġimgħa, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u l-Ħadd filgħodu. George Buttigieg kien ħabib kbir ta' missieri, bniedem ta' dixxiplina, jgħallmek tajjeb iżda trid tistudja biex il-lezzjoni li jkollok titgħallimha sewwa, jekk le titgħallimha mod ieħor, għax iżommok għandu d-dar biex tistudja hemm stess taħt għajnejh u titlaq biss meta tkun tafha sewwa.

Id-darba ta' wara tistudja żgur inkella ħoll xagħrek u ġib iż-żejt! Żminijiet oħra, iżda llum il-ġurnata nirringrazzja lil Alla li fil-ħajja tiegħi ltqajt ma' nies bħal George li għallem il-mużika u ħalla impatt qawwi fil-ħajja ta' ħafna persuni, u dan għamlu mill-qalb u b'dedikazzjoni kbira. Hekk bdejt indoqq mal-Banda Imperial, għadda żmien mhux ħażin, erbgħin sena. Fost ħafna bandisti li bdejna ndoqqu dak iż-żmien, tlieta għadna niffurmaw parti mill-banda Imperial – is-Surmast, Victor Gauci u jien.

Minn qalbi nixtieq nifraħ u nawgura lis-Sur Dario Vella li ġie elett bħala Sindku ġdid għal-Lokalità tal-Mellieħa, waqt li nirringrazzja lis-Sur John Buttigieg għall-ħidma kbira li wettaq b'risq il-Mellieħa. Nawgura wkoll lill-kunsilliera kollha li ġew eletti bħala membri tal-Kunsill u lil dawk kollha li kkontestaw f'dawn l-elezzjonijiet. Ninsab ċert li bħalma seħħ fil-passat, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa se jibqa' jkun ta' eżempju ta' kif għandha tkun tmexxija serja b'risq il-lokalità. L-Għaqda Mużikali Imperial twiegħed l-appoġġ tagħha u l-għajnuna kollha possibbli lill-Kunsill Lokali fil-ħidma tiegħu.

Ix-xogħol fis-soċjetà tagħna huwa wieħed kontinwu. Ħidma ma taqta' xejn, tispiċċa minn attività u tibda l-preparamenti għall-impenn li jkun imiss. Iżda mhux biss. Bħala Kumitat ħadna l-inizjattiva li napplikaw għal fondi differenti biex inkomplu nkabbru l-ħidma tagħna u anke nagħmlu proġetti kapitali li jkomplu jattrezzaw u jsebbħu d-dar tas-soċjetà. Matul l-aħħar sena sar xogħol ta' tisbiħ fil-Bar tal-każin, kif ukoll fis-sular t'isfel li ngħata dehra isbaħ, u nxtraw siġġijiet ġodda li taw dehra ferm differenti. Fil-preżent qed nistennew il-permessi mill-Awtorità tal-Ippjannar biex jibda x-xogħol ta' tisbiħ tal-faċċata tal-każin, u fl-istess ħin il-każin isir kompletament aċċessibbli għal dawk li għandhom diffikultà ta' mobilità. Il-ħidma tagħna tkompli, u dan kollu huwa possibbli għal ħafna persuni li joffru l-ħidma tagħhom b'mod volontarju b'risq is-soċjetà. Lil dawn kollha nirringrazzjahom għall-ħidma tagħhom u nħeġġiġhom biex ikomplu jagħtu servizz lill-każin.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.


Pure Clean
Masters of our craft.
Cleaner, Greener Cleaning.
Your garments deserve the best. That's why we use PureClean. The new, eco-friendly cleaning option that uses internationally approved wet cleaning methods. It's compatible with dry clean items, solvent free, better for the environment and eliminates more bacteria and dirt than traditional methods. Cleaner clothes, fresher results.
swan.com.mt
T: 2248 2200 | M: 9901 9855 | E: sales@swan.com.mt
swan
laundry


HAIR CARE - TREATMENTS - NAILS - MAKEUP - ACCESSORIES - EXTENSIONS
HAIR SENSATIONS
BY LEANNE
Rosette
the nail technician
39, Triq In-Nahal, Mellieha
21529292 , 99857010 , 79447338
Find us on facebook
Wishing Happy Holidays to all our Valued Clients.


SAMMY BUTTIGIEG
( CIKKIES )
FRESH FRUIT, VEGETABLES & EGGS SUPPLIER,
TO HOTELS, CATERERS & VENDORS
Cikkies Garage , Triq Gnien Ingraw, Mellieha
Mob: 79520615 Tel: 21523497 , 21520615


FOSSIL
FOSSIL
FOSSIL
HERBIES
JEWELLERY LTD.
44, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha Tel: 21525906 www.herbiesmalta.com



# Ħidma

Dario Vella
*Sindku*



Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal l-ewwel messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li s-Soċjetà Mużikali Imperial tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-Festa.

Il-ferħ li jġibu magħhom dawn il-jiem tal-Festa huwa għall-fatt li hawn l-għaqda f'din il-lokalità tagħna. Il-ħidma li tkun ilha għaddejja minn wara l-aħħar festa ssarraf f'ferħ u fi mħabba lejn il-Bambina tagħna. Hu ta' sodisfazzjon li tara l-għaqdiet kollha ta' dan ir-raħal għaddejjin b'ħidma kontinwa biex ta' kull sena jsebbħu l-pjazza u jpaxxu lin-nies u lil mijiet ta' turisti li jattendu f'dawn il-jiem. Ħafna drabi ngħidu "jalla l-festa tiġi s-sena kollha" u hekk hu. Jien nappella lill-poplu kollu Mellieħi biex, mhux biss fi żmien il-festa, iżda matul is-sena kollha nkomplu bil-ħidma biex verament dan ir-raħal għażiż jibqa' uniku u l-aqwa. L-Għaqda Mużikali Imperial matul is-sena torganizza bosta attivitajiet bi preparazzjoni għall-festa ta' Marija Bambina. Grazzi tal-impenn tagħkom lejn il-komunità Melleħija.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa tul is-26 sena mit-twaqqif tiegħu dejjem kien ta' spalla għal kull għaqda fil-Mellieħa, u dan il-Kunsill hekk ħa jkompli jagħmel. Dan għaliex bħala Kunsill nemmnu bis-sħiħ li l-għaqdiet kollha jixraqilhom dejjem l-aħjar biex flimkien inkomplu nkabbru u nkattru l-kultura ġewwa r-raħal mill-isbaħ tagħna.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi f'ismi u f'isem sħabi l-Kunsilliera kollha u l-istaff tal-Kunsill, nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma bla waqfien tagħhom u lill-familjari tagħhom tas-sapport kontinwu.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

ID-DROGA TEQIRDEK...
Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121





# Festa li ġġib in-nies flimkien

Fr Joe Caruana
*Arċipriet*



X'jiġik l-ewwel f'moħħok meta ssemmi l-festa? Jista' jkun li jiġik f'moħħok il-banda, l-innu, il-programmi fil-pjazza, in-nar, it-tiżjin u l-kumplament, ovvjament kulħadd skont il-gosti tiegħu. Jien l-ewwel ħaġa li tiġini f'moħħi hi l-immaġini ta' nies flimkien. Nies flimkien il-knisja, il-każini, id-djar mal-familja. Żgur li tiġik f'moħħok il-folla għall-ħruġ u d-dħul tal-vara, pjazza maħnuqa għall-baned u ġiġġifogu u fuq ix-xifer jaraw in-nar tal-ajru.

Jidhirli li dan l-aspett tal-festa hu aspett pożittiv ħafna. Fi żmien fejn qegħdin naraw aktar nies li ma jimpurtahomx minn xulxin, fejn l-individwaliżmu għolla rasu sewwa, kulma jwassal biex iressaq in-nies flimkien hu ta' valur.

Is-soċjetà li qed ngħixu fiha hi soċjetà ta' kontradizzjonijiet kbar. Waqt li l-pluraliżmu hi mantra li nisimgħuha fuq fomm kulħadd, fl-istess ħin kibru l-każi ta' xenofobija – biża' jew stmerrija ta' persuni minħabba r-razza, il-kulur tal-ġilda jew ir-reliġjon tagħhom. Waqt li l-aċċettazzjoni tal-ġeneru sesswali hi fuq l-aġenda ta' kull entità politika, fl-istess ħin il-*bullying* fl-iskejjel kiber daqs qatt qabel. Għalkemm pajjiżna hu minn ta' quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma' mezzi ta' komunikazzjoni soċjali qed naraw ukoll aktar minn qatt qabel familji mfarrkin fejn il-miżżewġin jinfirdu u l-ġenituri u t-tfal sikwit mhux kapaċi jikkomunikaw bejniethom. L-egoiżmu u l-individwaliżmu sfrenat tmissu b'idejk kull fejn iddawwar wiċċek u minkejja li pajjiżna hu wieħed mill-aktar popolat fid-dinja tant nies imwerwra għax f'din il-massa kollha jħossuhom waħedhom u li ħadd ma jifhimhom.

Il-festa tissimbolizza dak kollu li għandu jgħaqqadna. Ovvjament bħal kull ħaġa oħra nistgħu nabbużaw minnha u nużawha biex toħloq firda. Hekk jiġri meta jkun hemm min joħloq piki bla sens, min jieħu l-okkażjoni biex jixrob iżżejjed u jaqla' l-ġlied, min jinqeda bil-massa biex jiġbed l-attenzjoni u joqgħod jixxena. Biss nemmen li dawn huma l-eċċezzjoni u mhux ir-regola; għalhekk m'għandniex inħalluhom jaqtgħulna qalbna.

Ġesù ġie fid-dinja biex jgħaqqad flimkien il-bnedmin mifruda bejniethom u mbagħad, lil dawn, jgħaqqadhom ma' Alla Missieru u Missierna. Għalhekk kull festa Nisranija għandha valur kbir. Aħna l-Mellieħa fortunati li dawk kollha li jieħdu ħsieb jorganizzaw il-festa huma responsabbli biżżejjed biex ifittxu tassew dak li jgħaqqadna. Din mhi xejn ħaġa ħafifa fejn ikun hemm il-folol kbar tan-nies u għalhekk id-differenza ta' opinjonijiet. Madanakollu hi l-għażla t-tajba. Aħna għandna ngħinuhom f'dan billi nevitaw li noħolqu konfronti u nfittxu l-ftehim u nkunu tolleranti ta' xulxin. Hu b'hekk li tassew ikollna festa kbira, festa li tagħmlilna ġieħ, festa li togħġob 'l Alla u li tagħti unur lil Marija Bambina. Aħna u niċċelebraw il-festa tat-twelid ta' dik li fil-persuna tagħha, litteralment, għaqqdet dak li hu tas-sema ma' dak li hu tal-art f'binha Ġesù veru Alla u veru bniedem, ejjew nitolbuha bil-qalb biex il-festa tagħna tkompli tgħaqqadna tassew bejnietna.

Viva Marija Bambina.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***


ALLNEEDS THE D.I.Y. STORE
ALLNEEDS
IRONMONGERY
19, St.Anne Street,Mellieħa
Tel: 21521167
www.allneeds.com.mt


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on Facebook

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**

# L-investiment fir-riżors uman

Dr John Baptist Gauci
*Segretarju Ġenerali*



Kwalunkwe għaqda hi b'saħħitha daqskemm huma b'saħħithom il-membri tagħha, mill-kbir saż-żgħir bla ebda distinzjoni. Ifellaq xi ħadd, tbati l-għaqda kollha; imma jekk jeċċella xi ħadd, l-għaqda kollha tiggwadanja. Jekk insaħħu l-individwi fi ħdan l-għaqda, tissaħħaħ l-għaqda u flimkien nistgħu nibqgħu mexjin 'il quddiem. L-importanti hu li kulħadd iħares lejn il-ġid komuni, lejn id-destinazzjoni aħħarija ta' fejn nixtiequ li l-għaqda narawha fiż-żmien li ġej. Essenzjali wkoll li l-membri kollha jħossuhom li huma importanti għall-għaqda, u mhux sempliċi numru. Is-sens ta' appartenenza vera fi ħdan grupp iġib miegħu sensazzjoni ta' kuntentizza fl-individwu, u din tinħass kemm ġewwa l-għaqda kif ukoll minn barra l-għaqda. B'hekk hemm iċ-ċans li n-nies fi ħdan l-għaqda ma jitbegħdux, u fl-istess ħin aktar nies li qatt ma kienu viċin tal-għaqda jibdew jitħajru jersqu biex jissieħbu fl-għaqda. Iż-żewġ aspetti huma importanti ndaqs, kemm li żżomm in-nies tiegħek miegħek, kif ukoll li tiġbed aktar nies lejk.

F'dawn l-erba' versi li ktibt sentejn ilu kont għamilt referenza qasira għan-nuqqas ta' nies fl-għaqdiet volontarji tagħna li għandhom ħiliet u kompetenzi differenti, b'mod speċjali nies li jkunu kwalifikati f'aspetti li jolqtu l-amministrazzjoni, il-finanzi, l-aspetti legali, l-immaniġġjar ta' proġetti kapitali, it-tagħlim, u oħrajn. Kont tennejt li kull sezzjoni tas-soċjetà hi importanti biex l-għaqdiet volontarji tagħna, inkluż is-soċjetajiet mużikali, jibqgħu mexjin 'il quddiem bir-ritmu li qabdu f'dawn l-aħħar snin. Iżda billi tħambaq u ma taqbadx il-barri minn qrunu, qajla tista' tittama li tagħmel avvanz. Fl-istess ħin, faċli tgħidu dan il-kliem, iżda iktar diffiċli li twettqu. Il-ħidma kontinwa f'għaqda bħalma hi tagħna ma tieqaf qatt, u li tiddeċiedi li żżid magħha attivitajiet oħra li joħorġu 'l barra mill-kalendarju tradizzjonali hu pass diffiċli, forsi xi ftit kuraġġuż, imma żgur li hu bżonjuż.

Kien propju għalhekk li tul din l-aħħar sena l-Għaqda tagħna daħlet għal tliet proġetti bil-għan li ninkoraġġixxu aktar parteċipazzjoni attiva minn persuni differenti t'abbiltajiet varji. Wieħed minnhom wettaqnieh u t-tnejn l-oħra għaddejjin bihom.

Qabel ma tħares mill-bieb 'il barra, tajjeb li l-ewwel tagħti titwila lejn in-nies viċin tiegħek u tibda billi tinvesti fihom. Dawn huma n-nies li diġà huma leali lejn is-soċjetà tiegħek, li għandhom għal qalbhom il-ġid tagħha, u li jixtiequ li jarawha tibqa' miexja dejjem iktar 'il quddiem. Forsi l-għaqdiet mużikali tagħna ma jagħtux kas biżżejjed lil dawn in-nies, jista' jkun li jeħduhom wisq *for granted*. Iżda fl-opinjoni tiegħi għandna bżonn li nibqgħu noffrulhom opportunitajiet li jistimulawhom, li jkomplu jħeġġuhom u li permezz tagħhom ikomplu jżidu l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom. Dan kien l-għan ewlieni wara l-proġett bl-isem ta' "Developing ensemble skills and techniques in young musicians", fl-iskema 'Komunitajiet Kreattivi' amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti. Permezz ta' dan il-proġett stajna nistiednu mużiċist u surmast ta' fama internazzjonali b'esperjenza twila fil-qasam mużikali, Mro Helge Haukås, li flimkien mas-Surmast Direttur tal-Għaqda tagħna nisġu programm ta' tagħlim imqassam fuq tlett ijiem. Matulu, il-mużiċisti tagħna kellhom l-opportunità li jirriflettu fuq il-prattiċi li nħaddnu u fuq kif dawn nistgħu ntejbuhom u nkomplu nibnu fuqhom. Kienet esperjenza unika li ntlaqgħet tajjeb ħafna min-nies tagħna u li ħalliet riżultati li jmorru lil hinn minn dak li konna qed nistennew.

Il-qasam tad-direzzjoni mużikali kien it-tieni wieħed li poġġejna fil-mira tagħna. Jekk nixtiequ li jkollna aktar nies kompetenti fit-tagħlim u fid-direzzjoni tal-mużika, ħassejna li ma kellniex noqogħdu nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna. Ridna li lill-mużiċisti tagħna, speċjalment dawk żgħażagħ, nagħtuhom iċ-ċans li jħarsu lejn id-direzzjoni

mużikali minn lenti differenti minn dik li huma mdorrijin iħarsu minnha, u dan billi npoġġuhom fuq in-naħa l-oħra tal-munita. Permezz tal-proġett "Nibnu Pedament Professjonali għad-Direzzjoni tal-Banda b'Mod Ħolistiku u Sostenibbli" fl-iskema 'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda, 2019' amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u mill-Għaqda Każini tal-Banda, il-mużiċisti żgħażagħ tagħna qed ikollhom l-opportunità li taħt il-gwida tas-Surmast Alan Chircop, surmast li żgur m'għandu bżonn tal-ebda introduzzjoni, jifhmu aħjar x'tinvolvi d-direzzjoni mużikali u qed jieħdu esperjenza diretta f'dan il-qasam. Dan il-proġett qed isir flimkien ma' ħames għaqdiet mużikali oħra u fih qed jieħdu sehem ħames mużiċisti mill-Banda tagħna. Ninsabu ċerti li dan il-proġett se jkun qed iħalli ħafna ġid, tant li diġà bdejna nesperjenzaw l-effetti diretti tiegħu.

Ħassejna wkoll il-bżonn li nixirfu ftit iktar lil hinn minn dawk il-membri li forsi huma l-iktar midħla tal-Għaqda. Ma nixtiqux li xi membri tal-familja tagħna jħossuhom imwarrba, jew li forsi jħossu li l-għaqda għandha biss bżonnhom biex darba fis-sena jħallsu l-miżata, forsi b'sens ta' lealtà, forsi għax dejjem hekk għamlu, jew forsi għax b'hekk iħossuhom li qed jikkontribwixxu lejn l-għaqda li tant għandhom għal qalbhom. Importanti immens, imma ma naħsibx li b'hekk qed isostnu bl-aħjar mod possibbli s-sens t'appartenenza li għamilt referenza għalih iktar 'il fuq. U huwa għalhekk li xtaqna li noħorġu aħna stess biex nilħqu lil kulħadd u noffru l-opportunità lil kulħadd biex jagħti daqqa t'id f'dak li jħossuhom l-aktar komdi fih. Dħalna għal proġett ieħor bl-isem ta' "Nibnu profil tal-membri tal-Għaqda tagħna", b'finanzjament mill-iskema 'Small Initiatives Support Scheme' (SIS) amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat. Nedejna eżerċizzju sabiex niġbru informazzjoni dwar il-membri tagħna bil-għan li nsaħħu l-volontarjat fi ħdan l-Għaqda u fl-istess waqt inħajru lill-membri biex ikunu aktar attivi fi ħdan l-Għaqda billi nkunu nistgħu nitolbu l-għajnuna tagħhom f'ċirkustanzi fejn huma l-iktar li jistgħu u jixtiequ jkunu ta' għajnuna. Għalhekk nappella lill-membri kollha biex jikkooperaw magħna f'dan il-proġett ferm importanti, u jekk hemm xi ħadd li għad mhux membru tal-Għaqda tagħna imma jixtieq li jkollu iktar informazzjoni dwar l-Għaqda, nistiednu javviċina lil xi membru tal-Kumitat.

Huwa l-pjan tagħna li nkomplu ninvestu fil-membri tagħna, kemm permezz ta' programmi ta' taħriġ u edukazzjoni, imma fuq kollox billi noffru opportunità ġenwina biex kulħadd iħossu li qed jikkontribwixxi għall-ġid tal-komunità. Fortunatament illum l-opportunitajiet ta' tagħlim żdiedu għal kulħadd, imma nħoss li naqas bil-bosta l-interess li persuna tkun tifforma parti integrali minn għaqda u b'hekk qatt ma tesperjenza dak is-sens sħiħ ta' appartenenza. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu varji, imma bħala għaqda qed naraw li nagħmlu li nistgħu biex noħorġu jdejna għal kulħadd. Imbagħad ikun jonqos biss lin-naħa l-oħra li tilqa' l-istedina tagħna.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd!

Bejn it-23 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2019
ser inxandru 'live'
l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-funzjonijiet reliġjużi
fl-okkażjoni tal-
Festa ta' Marija Bambina 2019
fuq is-sit elettroniku
www.imperialbandclub.com

**fieldsports**
Shooting Sports & The Outdoor Life



IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF THE WORLD'S LEADING BRANDS
HAND GUNS - SHOTGUNS - RIFLES - AIR GUNS - AMMUNITION - SCOPES - KNIVES - FOOTWEAR - EYEWEAR - CLOTHING - ACCESSORIES
**Shop:** 21/22 Parish Square, Mellieha. **Telephone:** 21523036. **Email:** info@fieldsportsmalta.com. **Website:** www.fieldsportsmalta.com.

Benelli BERETTA BROWNING COLT Perazzi GAMO FIOCCHI Rizzini
B&P Baschieri & Pellagri WINCHESTER EOTech GLOCK Blaser BUCK KNIVES Aimpoint CCI meopta




bottles & bottles
www.bottlesandbottles.com
“ your wholesale beverage store ”
OPEN ALL DAY, 7 DAYS A WEEK
7, TRIQ L-ETNA, MELLIEHA
Find us on Facebook
Contact Us: 21521235

start
computers.com.mt

back to school Offers

All through the month of September

IPTV

Starting from ONLY €8 a month.
Contact us NOW for more info!

15% OFF

When you present this Advert at the shop.

Offer ends 31 Oct 2019. T&Cs apply.

27888765

79217100

SHOP

New Mill Street (Between the Post Office and the Local Council)

A.F. SKIP HIRE
Mellieħa




**Toni** (ta' Rasu)

**Mob: 9925 3837**
**9935 3837**

*Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas*




# Spejjeż

Anthony Schembri
*Segretarju Finanzjarju*



Mhux kulma jiswa l-flus hu spiża. Nistħajjilkom tgħidu dan biex ġej dis-sena! Jekk tixtri oġġett u tħallas għalih, mhux spejjeż tkun qed tagħmel? U hekk hu. Imma hemm tipi differenti ta' spejjeż. Hemm spejjeż li jkollok tagħmel regolarment biex tamministra għaqda bħalma hi din tagħna minn ġurnata għall-oħra, dawk li jissejħu spejjeż rikurrenti. Imbagħad hemm spejjeż li tagħmel kull tant żmien biex tkompli tkabbar u ssaħħaħ l-għaqda, bħalma hu xiri ta' strumenti jew tisbieħ fl-infrastruttura tal-każin. Imma mbagħad hemm spejjeż li wieħed jagħmel biex jirrendu dħul fuq perjodu ta' żmien, u għalhekk ma jibqgħux spejjeż iżda jsiru investimenti. Iċ-ċans hu li dawn tal-aħħar dejjem jitqegħdu n-naħa t'isfel tal-lista tal-affarijiet li hemm bżonn li jsiru, u ħafna drabi jista' jkun bir-raġun. Kif tista' tispjega li għaddej minn eżerċizzju li qed tipprova tnaqqas l-ispejjeż tiegħek, u mbagħad tagħmel investiment sostanzjali? Mhux faċli u lanqas hu dejjem possibbli. Imma wieħed għandu jżomm f'moħħu li għada taħsad dak li tiżra' llum.

Kien għalhekk li l-Kumitat tul l-aħħar sena ħa d-deċiżjoni li jinstalla sistema ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt tal-Każin. Spiża sostanzjali, imma fl-opinjoni tal-Kumitat kien investiment għaqli li kellna nidħlu għalih għax kien iż-żmien opportun. Min fela bir-reqqa l-magażin li l-Għaqda tagħna ħarġet is-sena l-oħra għall-Festa tal-Vitorja seta' jaqra l-artiklu dwar il-proġett "Resilient Communities" miktub mis-Sinjura Helga Ellul, il-President tal-*Core Platform*. Fl-artiklu tagħha s-Sinjura Ellul għamlet referenza għal dan l-investiment, u kien propjament bis-saħħa tal-proġett "Resilient Communities" u ta' benefattur tal-Għaqda li stajna finalment naraw li dan l-investiment seta' jseħħ. Dawn il-pannelli qegħdin idawru l-enerġija tax-xemx li pajjiżna hu mogħni biha fi dħul tant neċessarju għall-Għaqda tagħna. F'sitwazzjoni fejn is-sorsi tad-dħul huma limitati u l-ispejjeż dejjem jogħlew, ridna nagħmlu pass ambizzjuż, iżda meqjus, biex inkomplu nħarsu 'l quddiem b'kuraġġ.

Fl-istess waqt, qed nagħtu l-kontribut tagħna biex nagħmlu lil pajjiżna iktar sostenibbli. Il-konsum ta' enerġija li każin bħal tagħna għandu hu wieħed konsiderevoli. Bħala parti integrali mill-komunità, inħossu li huwa dmir tagħna li nagħmlu li nistgħu biex l-impatt tagħna fuq l-ambjent innaqqsuh kemm nistgħu, u dan qed nagħmluh permezz ta' dawn il-pannelli, flimkien ma' inizzjattivi oħra li ħadna biex inkunu iktar effiċjenti fil-konsum tal-enerġija.

Ma jfissirx li issa nistgħu noqogħdu bilqegħda għax il-parti tagħna għamilniha u l-flus deħlin! Kieku tajjeb! Ma jfissirx li nistgħu nonfqu bl-addoċċ, jew li nistgħu nagħmlu kapriċċi. Anzi, bil-kontra. Irridu naraw li noqogħdu iktar bil-għaqal ħalli l-investiment li għamilna verament irendi. Inkella jkun kollu ta' xejn. Huwa obbligu tagħna li naraw li nkomplu ninvestu f'attivitajiet li jservu ta' ġid għall-Għaqda tagħna u l-komunità inġenerali. B'hekk inkomplu nilħqu l-għanijiet li kellhom missirijietna meta taw il-ħajja lil din l-Għaqda. Inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni mużikali u kulturali għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet ta' llum u t'għada, imma nagħmlu dan f'rispett sħiħ lejn l-ambjent li fih noperaw, fis-sens wiesgħa tal-kelma.

Nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-anzjani, lill-emigranti u lill-Melleħin kollha.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*



# L-għajnuna tal-ħafna

John Schembri
*Direttur*



Meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel kont nisma' lill-anzjani jgħidu li l-għajnuna tajba fl-ikel, aħseb u ara fix-xogħol. B'daqqa t'id mingħand kulħadd ix-xogħol isir mingħajr wisq tbatija żejda. L-aqwa li kulħadd ikun jaf x'qed jagħmel u ma jkunx hemm min itellef iktar milli jgħin. Kollox bil-galbu u kollox meqjus, pass pass, mingħajr għaġġla imma mingħajr telf ta' ħin.

U dan jgħodd ukoll, jew forsi iktar, f'għaqda bħal din tagħna fejn ix-xogħol hu ħafna u differenti. Min jiżbogħ u min inaddaf, min isewwi u min jirranġa, min xogħol amministrattiv u min xogħol manwali, insomma, ftit minn kollox. Imbagħad hemm ukoll bżonn ta' min jorganizza l-attivitajiet u min jipprepara għalihom. B'hekk ir-rota ddur u nibqgħu mexjin 'il quddiem. Kulħadd fuq xogħlu, kulħadd mill-aħjar li jista', kulħadd għal għan wieħed. Il-ftit tal-ħafna huwa ġeneralment aħjar mill-ħafna tal-ftit.

Kulħadd bżonnjuż, u n-nuqqas ta' persuna waħda tinħass, kemm għax jonqos xi ħadd mill-familja, imma speċjalment jekk il-kontribut li kienet tagħti kien wieħed sostanzjali. Imma ma nistgħux nieqfu u rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem. Xi kultant jitfaċċa xi ħadd ġdid, jew forsi xi ħadd li kien ilu nieqes għal numru ta' snin. Tieħu gost, u allaħares mhux hekk, għax inkella l-għaqda tmut mewta naturali.

Bil-koperazzjoni ta' kulħadd naraw kif inkomplu nissaħħu u nikbru, xi minn daqqiet b'rata aktar mgħaġġla minn żminijiet oħra, xi daqqiet ftit iktar bil-mod. Imma l-aqwa li ma tieqafx għax inkella tmur lura u titlef dak li tkun ilħaqt b'ħafna xogħol u taħbit. L-importanti li kulħadd jiġbed ħabel wieħed, b'mod kontinwu u mhux bi skossi li ma jagħmlu xejn tajjeb għal ħadd.

U filwaqt li malajr fhimt għala l-anzjani tagħna kienu jgħidu li l-għajnuna tajba fix-xogħol, għalfejn hi tajba anke fl-ikel bqajt qatt ma fhimtha!

Nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd, b'mod speċjali lill-morda u lill-anzjani li ma jistgħux igawdu din il-festa magħna.

Greystone
Bar & Restaurant
Mellieħa

153, Triq Ġorġ Borg Olivier,
Mellieħa
MLĦ 1020

Tel: +356 2152 3499
Mob: +356 9944 6621
Email: greystonepub@hotmail.com

# ROY THAI SPECIALIST

*Massage & Beauty Centre*

MASSAGE
WAXING
BEAUTY
PHYSIOTHERAPY



34, Francis Zahra Street, Mellieha

M: 77 222 113 | T: 2713 7513 | E: roythaispecialist@gmail.com | F: Roy Thai Specialist











# REFLECTIONS

**Sports Pub and Grill in Mellieha**

Serves breakfast, lunch and dinner, as well as pub snacks together with the best drink service and quality in town, complete with 10 beer brands on draught. Reflections shows all types of sports, especially football and has ample space for parking. Head over on Friday nights for karaoke and on Saturday nights for a live band, or visit the games room for a round of darts, billiards, air hockey and table soccer any day of the week, guaranteeing an excellent atmosphere for a great night out. At Reflections, we also have an à la carte menu to accommodate any type of function.

**Open every day.**

Cross Square, Mellieha.
T: 2152 3756; M: 7953 6969;
E: *events@reflectionsmalta.com*;
*www.reflectionsmalta.com*


munchies
bistro & lido...mellieha bay
Munchies Mellieha Bay Limited Marfa Road, Mellieha Bay
Tel: 21576416, 99576417 res@munchiesmalta.com



# Riflessjonijiet …

Mro Anthony Borg
*Surmast Direttur*



F'din il-kontribuzzjoni tiegħi xtaqt naqsam magħkom xi ħsibijiet u tifkiriet fuq l-arti tal-mużika u dwar nies li ġejt f'kuntatt magħhom permezz tal-istess arti.

**Umiltà…**

Ftit tal-jiem ilu kont qed naqra xi tagħrif dwar il-kompożitur Taljan Giacomo Puccini u ġiet għall-attenzjoni tiegħi kwotazzjoni li huwa qal dwar waħda mill-aqwa opri li huwa kiteb, il-*Madame Butterfly*. Ħsibt li jkun tajjeb jekk din il-kwotazzjoni naqsamha magħkom lkoll.

Dwar il-mużika ta' din l-opra Puccini qal hekk:

*'Il-mużika ta' din l-opra ġiet iddettata lili minn Alla. Jien kont biss l-istrument li ktibtha fuq il-karta u wassaltha lill-pubbliku.'*

Naħseb li jkun tajjeb li wieħed jirriffletti ftit fuq dawn il-kelmiet.

**Ronnie…**

Lil Ronnie Sultana sirt nafu għall-ewwel darba fis-sena 1980 meta ngħaqadt mal-Kor u Orkestra Marija Bambina ndoqq it-trumbetta. Kien huwa li nkoraġġieni u nsista biex inkompli l-istudju tiegħi fil-mużika għax dejjem emmen li kelli futur. Matul is-snin baqa' jsegwi l-karriera mużikali tiegħi sal-aħħar jiem ta' ħajtu. Dejjem għaddieli kelma ta' ġid u ta' kuraġġ. Meta nħtart Direttur Mużikali tal-istess Għaqda, Ronnie kien id-Direttur tal-Kor fejn mexa b'lealtà liema bħalha. Kien iħobb bil-bosta lill-Mellieħa, lill-Melleħin u dak kollu li hu Mellieħi. Kien jiftaħar li huwa Mellieħi. Kien jifraħ meta jara lil xi ħadd mill-Mellieħa jirnexxi. Matul is-snin iddiskutejna u argumentajna fuq mitt elf ħaġa. Mhux dejjem qbilna f'kollox imma bejnietna dejjem kien hemm rispett reċiproku. Ta' kull sena, nhar il-festa ta' Marija Bambina, kien jistieden lin-neputi tiegħu Gejtu u lili biex nisimgħu l-Innu tal-Bambina tal-Banda Imperial mill-gallerija tad-dar li kellu fil-pjazza tal-Mellieħa. L-aħħar kelmiet li kien inissel ta' kull sena qabel ma jibda l-Innu kienu jkunu dawn:

*'Kos kemm għandna għax nkunu kburin aħna l-Melleħin b'dawn iż-żewġ innijiet mill-isbaħ li għandna ad unur Marija Bambina!'*

Is-sena li għaddiet, qabel Gejtu u jien ħallejnih, fakkarna biex nerġgħu nżommu l-appuntament tas-soltu għal din is-sena… imma d-destin ried li jkun mod ieħor.

**Leli…**

Tnikkitt immens meta waslitli l-aħbar li ħalliena Leli Cauchi. Leli għal żmien twil ta kontribut siewi lil Banda Imperial meta kien imexxi l-katuba waqt is-servizzi mużikali. Forsi għal dawk li mhumiex ntiżi f'dan ix-xogħol tidher li din hija xi ħaġa żgħira, imma min hu intiż f'dan il-mestier jaf kemm huwa importanti dan ix-xogħol speċjalment waqt il-marċi. Illum m'għadekx issib voluntiera bħal Leli li lesti li jidħlu għal dan l-impenn. Sħabi u jien grati ħafna lejn Leli għall-kontribut importanti li huwa ta lill-Banda Imperial. Minn qalbi nsellimlu u mill-ġdid ngħidlu GRAZZI.

Nieħu din l-okkażjoni biex insellem lil ħutna l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial li ħallew din id-dinja għal ħajja aħjar.

**Carl…**

Kien ta' sodisfazzjon kbir meta waqt il-programm ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ ta' din is-sena Carl Borg idderieġa għall-ewwel darba l-Banda Imperial. Kienet okkażjoni li lili emozzjonatni ħafna għal diversi raġunijiet.

1. Nieħu gost meta nara mużiċist tal-Banda Imperial motivat u jaħdem qatigħ biex ikabbar il-ħiliet tiegħu f'diversi oqsma tal-mużika.
2. Tatni sodisfazzjoni kbir li sab appoġġ inkundizzjonat mill-Bandisti u mill-membri tal-Kor. Mhux biss ferħu b'dan u nkoraġġewh,

imma fehmu wkoll li kull bidu huwa diffiċli u għamlu l-almu tagħhom kollu biex jgħinuh jirnexxi. Prosit u grazzi lilkom lkoll.

3. Kienet okkażjoni fejn għal ftit minuti, wara kważi tnejn u għoxrin sena, erġajt mort lura minn fejn bdejt, dik li nservi l-Banda Imperial bħala mużiċista.
4. Kienet okkażjoni li fakkritni meta tletin sena ilu, is-Surmast John Mamo bil-kunsens tal-Kumitat, kien kellimni u offrieli li nibda nidderieġi l-Banda Imperial. Niftakarni li ma ridtx ngħidlu iva għax ħassejt li kienet responsabilità kbira. Imma huwa nsista li ngħid iva għal żewġ raġunijiet; l-ewwel għax kien jemmen fija u t-tieni wegħdni li se jgħinni f'dak li jkolli bżonn. Żamm kelmtu. Aċċettajt u ma ddispjaċinix.

Ir-raġunijiet li s-Surmast John Mamo kien qalli meta avviċinani huma l-istess raġunijiet li jien nixtieq inwassal lil Carl. Awguri!

**Ħajr…**

Fl-aħħar nett nixtieq inrodd ħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom biex aħna, il-Banda u l-Kor Imperial, ikollna sena oħra ta' suċċess.

Minn qalbi nixtieq lil kulħadd il-Festa t-Tajba.


IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*

J & G
Discount
Discount Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

Opening Hours
Mon-Fri:
9.00 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00



Free Delivery








BOV CARDS

# YOUR CARD
# **YOUR EXPERIENCES**

Travel with your BOV Contactless Cards and make the most out of your experience. Just tap and go – fast and easy payments for all your purchases.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta

COM 2094

**LOCAL & OVERSEAS**
funeral arrangements

Offering
**UNDERSTANDING & INTEGRITY**

**PRE-ARRANGEMENT**
services available

**CREMATION & BURIAL AT SEA** services available



WE DON'T
just arrange funerals,
WE HELP
create meaningful days

John Bray
& Family
FUNERAL SERVICES

*John Bray - Funeral Director*

PROFESSIONAL
GUIDANCE
*through difficult times*

**24/7 Service** | **Local & Overseas funeral directors** | **Moderate Prices**

John Bray & Family Funeral Services
Est. 1981

Garage/Office Funeral Services, Lampuki Street, St Paul's Bay
Office Funeral Services, Triq Salvinu Vella, Mellieha
Residence 117, Our Lady of Fatima, Parades Street, St Paul's Bay

Tel: 21585716 | 21573588 | 21571260 | 21522400 *(Mellieha office)*
Mob: 99493479 | 79493479 | 99477153
Email: johnbrayandson@yahoo.com

**www.johnbrayandsonmalta.com**





# L-anzjani fis-soċjetajiet



Carmen Cini
*Chairperson – Kumitat Nisa*

Din id-darba ħsibt li f'dawn l-erba' kelmiet li naqsam magħkom ta' kull sena nikteb fuq l-anzjani. Ħeqq, jien magħhom ngħodd ta'!

Kull soċjetà jkollha membri u membri tal-kumitat ta' kull età, u naċċertakom li dawn huma bżonnjużi kollha kemm huma. Kulħadd bil-mod tiegħu. L-esperjenza fl-anzjani hija bżonnjuża immens għas-soċjetà għax dawn ikunu ltaqgħu mhux biss meta s-soċjetà kienet fuq pedestal, imma anke meta jkun hemm problemi, xi minn daqqiet forsi kbar ukoll. F'dawn is-sitwazzjonijiet ma tistax tkun baħri tal-bnazzi. Hekk kien jgħidli l-mibki Ġużepp Bartolo, u nirringrazzjah tat-tagħlim li tani matul is-snin li qattajna naħdmu flimkien. Ħasra li ċertu membri u oħrajn li kienu xi darba taw sehemhom fit-tmexxija ta' xi soċjetà inkluża tagħna ma jkunux jistgħu jkomplu minħabba saħħa jew impenji oħrajn familjari. Nieħu gost imma meta nara li dawn jerġgħu jirritornaw fostna biex iqattgħu ftit sigħat fil-post li jkunu ħabbew u taw sehemhom għalih. Tara għajnejhom jixegħlu meta tistaqsihom xi ħaġa fuq il-każin jew titlobhom xi parir.

Fil-ħajja tal-lum forsi veru ma tistax tgħaddi mingħajr it-teknoloġija, imma din mhix biżżejjed. Għalhekk irid ikun hemm għaqda sħiħa bejn l-anzjani u ż-żgħażagħ flimkien. Is-saħħa tal-anzjan ma tibqax li tkun u veru li ma jkunx jista' jagħmel xi xogħlijiet tqal, imma l-pariri tiegħu kultant itaffu t-tbatijiet ta' ħaddieħor.

Nieħu gost nara ż-żgħażagħ joħorġu b'ideat ġodda u l-ispirtu tagħhom huwa xi ħaġa li aħna l-anzjani issa ma nistgħux nilħqu. Għalhekk iktar u iktar għandna ningħaqdu flimkien biex bl-għajnuna ta' xulxin ix-xogħol isir aħjar u eħfef. Fejn nistgħu aħna l-anzjani għandna nibqgħu nagħtu l-pariri u l-ideat tagħna biex insawru f'dawn iż-żgħar u ż-żgħażagħ sens ta' volontarjat biex fl-aħħar mill-aħħar dan ikun ta' sodisfazzjon għall-komunità kollha.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, imma b'mod speċjali lill-anzjani u l-morda.

**MARK TALIANA**
**GARDENER**
***For professional gardening, maintenance & landscaping***
**Mob: 7783 0983**







# Ħin vs Volontarjat

Clayton Vella
*Segretarju – Kummissjoni Banda u Kor*



Il-festa reġgħet magħna! Għaddiet sena oħra u erġajt ninsab nikteb dawn l-erba' versi għal żmien il-festa bħas-snin preċedenti. Din is-sena se nkun qed nagħti l-opinjoni personali tiegħi ta' kif ir-relazzjoni bejn il-ħin u l-volontarjat inbidlet matul iż-żminijiet.

Il-ħajja nbidlet matul iż-żminijiet u magħha nbiddlu ħafna affarijiet jew forsi wieħed jista' jgħid li l-bniedem biddel l-istil tal-ħajja. Opinjoni suġġettiva u kull bniedem jaraha differenti. Anke sa ftit snin ilu l-istil ta' ħajja kien totalment differenti minn dak tal-lum. Qabel, qisu l-ġurnata u l-ħin kienu itwal u allura dak li jkun kellu iżjed ċans jagħmel xogħol volontarju. Fl-imgħoddi, il-kelma volontarjat kellha iżjed valuri u dak li jkun kienet l-għaxqa tiegħu jagħmel xogħol volontarju fil-komunità. Il-bniedem kien ikollu sodisfazzjon kbir li qed jagħmel dan ix-xogħol u mentalment dan kien jgħin ukoll għax wieħed kien ikun jaf illi wara l-ġurnata tax-xogħol sejjer jiltaqa' mal-ħbieb u flimkien iqattgħu l-ħin jagħmlu xogħol volontarju, ikun xi jkun, żgħir kemm hu żgħir jew kbir kemm hu kbir.

Iż-żminijiet jinbidlu u kif jgħidu llum il-ġurnata l-ħajja saret mgħaġġla wisq jew kif tennejt fil-bidu, il-bniedem għaġġel wisq ir-ritmu tal-ħajja. Illum il-ġurnata xi nies apparti x-xogħol prinċipali tagħhom ikollhom xogħol ieħor biex wieħed idaħħal xi ħaġa *extra* kif jgħidu għall-familja. Dan ovvjament qed inaqqas mill-ħin liberu ta' dak li jkun u allura qed jonqos mill-ħin għall-volontarjat. Għandek ukoll l-aspett tas-*social media* li għalkemm illum il-ġurnata wieħed ma jistax jgħaddi mingħajru, il-maġġor parti taż-żgħażagħ kulħadd tarah mehdi jtektek fuq il-mowbajl jibgħat lil dak u lil ieħor *online* flok wieħed jiltaqa' u jieħu *drink* flimkien. Apparti minn dan kollu, il-ġenerazzjoni tal-lum il-ġurnata qishom ma japprezzawx il-valur tal-kelma volontarjat u għalhekk kulma jmur il-volontarjat qed jintilef. M'għadek issib kważi lil ħadd li ma jagħmel xejn għal xejn, kulħadd moħħu kif se jdaħħal iżjed flus fil-but u allura ġlieda kontra l-ħin, u jmur jagħmel ftit xogħol volontarjat jekk ikun fadal naqra ħin, jew inkella xejn.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kummissjoni Banda u Kor tax-xogħol kollu li jsir matul is-sena, kif ukoll tas-sagrifiċċju u l-impenn li juru waqt l-attivitajiet li norganizzaw. Lill-bandisti u lill-membri tal-kor kollha għas-sagrifiċċju tagħhom, kif ukoll lill-familjari tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina. Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina!

Farmer's Fresh



Green Grocer

Fresh Fruit & Vegetables Daily

Opening Hours

Mon - Sat 7.00am - 8.00pm

Sunday 8.00am - 8.00pm

78, Main Street, Mellieħa

Tel: 21521599

Free Deliveries

Popeye Village Malta
www.popeyemalta.com

# POPEYE VILLAGE
THE POPEYE FILM SET - MALTA

**THE ONLY FILM-SET IN EUROPE !**

*For the young & young at heart !*






Anchor Bay, Mellieħa

info@popeyemalta.com

+356 2152 4782 /3 /4

1st MAY - 30th JUN : 09.30 - 17.30
1st SEP - 31st OCT : 09.30 - 17.30
1st JUL - 31st AUG : 09.30 - 19.00

# TRAMUN TAGHNA

*You're in for a treat*

## GREAT SUMMER DAILY DEALS

| Monday | Tuesday | Wednesday | Thursday | Friday | Weekend |
|---|---|---|---|---|---|
| 50% off Dessert with every main course | Special Set Menu at only € 27.50 | 10% off when ordering 2 Main Courses | Buy 3 tasty cocktails at only €7.50 | Free Bowling with every 2 Main Courses | 15% off on all Pizza & Pasta |







RESERVATIONS - T: 2289 1774 E: tramuntaghna@dbhotelsresorts.com

*For Quality Metal Works at Competitive Prices*






**JOE GAUCI**
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976



**Airconditioning & Refrigeration Sales, Services & Repairs**



**Stephen Deguara**
**9947 5290**

**Email: stephen.deguara.r1@gmail.com**

# Il-ħafna mingħand il-ftit



Damian Vella
*Chairperson – Kummissjoni Żgħażagħ*

L-isfidi li tiltaqa' magħhom kull għaqda fi ħdan is-soċjetà Maltija huma kbar. L-għaqdiet mużikali huma fost dawk li qegħdin jikkumbattu mewġ għoli, mewġ li jista' jġib miegħu fatalitajiet t'għaqdiet li mhumiex lesti għal dan l-imbatt. Biex tikkumbatti dan, hemm bżonn li jkollok grupp ta' qaddiefa b'saħħithom u li ma jaqtgħux qalbhom. Parti vitali għall-għaqdiet huma ż-żgħażagħ. Żgħażagħ, li aktar kemm jgħaddi ż-żmien aktar qed jonqos l-interess tagħhom lejn affarijiet tradizzjonali, bħalma huma l-banda u l-każini fost l-oħrajn. B'hekk il-parteċipazzjoni fl-għaqdiet naqset b'rata mgħaġġla. Huma ftit li għadek issib li lesti jiddedikaw ħinhom volontarjament għall-għaqdiet mużikali.

Fl-Għaqda tagħna qegħdin grupp żgħir ta' żgħażagħ, però bħalma dejjem ngħid, tim żgħir b'qalb kbira. Dejjem lesti li naħdmu u nistinkaw lejn l-istess għan: li naraw li l-Għaqda tagħna tibqa' miexja 'il quddiem. Ninsab kburi li l-Kummissjoni tagħna hi magħmula minn żgħażagħ li huma dejjem ħerqana sabiex flimkien naħdmu għal din is-Soċjetà li hi tant għal qalbna. Flimkien ma' sħabi dejjem naraw li kemm jista' jkun noħolqu attivitajiet ġodda li jgħinu jżommu l-każin attiv, filwaqt li ngħożżu t-tradizzjonijiet li bdew dawk li kienu qabilna. Bħala Kummissjoni Żgħażagħ organizzajna diversi attivitajiet li dejjem ġew milqugħa tajjeb ħafna. Fost dawn insibu għadd ta' ikliet ġewwa l-każin stess, il-ħarġa bid-dgħajsa lejn il-Gżejjer ta' San Pawl, kif ukoll il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li tellajna flimkien għall-ewwel darba ġewwa s-sala tal-Każin. Dan sar apparti l-kumplament tax-xogħol li jsir minn wara l-kwinti.

B'hekk nista' nikkonferma kemm l-essenza hija fil-kwalità mhux fil-kwantità, fejn għalkemm it-tnejn huma importanti, ninsab grat li allavolja l-grupp tagħna huwa wieħed żgħir, huwa magħmul minn żgħażagħ li għandhom il-każin u l-Mellieħa ġewwa qalbhom, u li lesti li jagħmlu minn kollox biex jaraw il-każin miexi 'il quddiem. Għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunità biex filwaqt li nħeġġeġ iktar żgħażagħ biex jiġu jingħaqdu magħna, nirringrazzja lil sħabi tax-xogħol u d-dedikazzjoni kollha tagħhom mingħajr limitu. Huwa ferm importanti li ż-żgħażagħ jingħataw l-ispazju, is-sapport u l-għodda t-tajba biex inkomplu naħdmu, naqdu l-irwol tagħna u nirnexxu.

Biex nikkonkludi, nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, kif ukoll lil ħutna li qed jiċċelebraw l-istess festa.

Viva Marija Bambina u Viva l-Għaqda Mużikali Imperial!

**HORACE ENTERPRISES LTD.**

*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

84, Gudja Road, Għaxaq, GXQ2172, Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt


WE STRIVE TO TEACH YOU TO
DRIVE SAFELY & SECURELY FOR A LIFETIME
THE ONLY DRIVING SCHOOL YOU NEED TO CALL TO GET YOUR LICENCE
OVER 25 YEARS EXPERIENCE
• Truck Driving Licence Package
- Ideal for companies with truck fleets
• Category 'C' & 'C+E' Licences
• Professional Qualified Instructor
• Instructor Service on Test Day
• European Licence
• We offer B+E Towing Tuition, allowing your Licence to cover your Towing legally
Male & Female Instructors • Manual & Automatic Cars • Individual Tuition
We Guarantee The Best Prices & Most Of All The Best Professional Service & Tuition
CALL: 99 498 240
... And We'll Take Care of the Rest!
DRIVE WELL
www.drivewellmalta.com
E: drivewell.ms@hotmail.com
drivewellmsmalta


P&C Cauchi
Demolition Excavation
9989 9839/7925 9208 .M
crs.cauchi@gmail.com .E




IATA 50200883
IATA 50209994

FLORIANA | MELLIEHA | MINUSTHREE - THE POINT | MOSTA
WWW.ROCSHOLIDAYS.COM | 2015 1515 | TRAVEL@ROCSGRP.COM

PRICE MAY VARY WITHOUT NOTICE. TERMS & CONDITIONS APPLY.





# Too High?

Julie Thomas
*Director of Imperial Choir*



Another busy and successful year for our ladies. Following the annual Festa, during which we sang in the concert with the Imperial Band on the 2nd of September and the hymn to Our Lady of Victories with our band on the 7th and the 8th, we had a fairly quiet October. This was followed by a busy November with a Remembrance service in church, a band and choir concert to celebrate the 25th Anniversary of the Mellieħa Local Council at Dar il-Madonna tal-Mellieħa, and our usual mass at the lovely Monastery of St Catherine's in Valletta. December brought its usual bout of carol singing concerts. We had an in-house Christmas concert with the band, our own very successful concert in the restaurant at The Paradise Bay Hotel, and a cosy concert at the Solana next to the sweet-smelling gingerbread fireplace that had been built in the reception area. On Boxing Day, we sang carols with the band at Dar il-Madonna tal-Mellieħa helping the residents to join in the carol singing.

2019 saw us singing a lovely celebratory mass for Sister Antoinette, again at the Monastery of St Catherine's, Valletta, on the 12th of January. However, it was now time to start learning fresh repertoire for the new year. On April the 9th we sang at the opening of the Easter exhibition at the band club and on the 14th we had our Palm Sunday concert with the band at the Parish Church. In June we took part in a traditional Maltese concert with the band, singing at the San Ġwann tal-Ħġejjeġ to a very appreciative audience in the square.

We had our concert at the Sanctuary of Our Lady on the 27th of July as part of the Iljieli Melleħin. Following this, we will be singing again at our annual concerts during the Festa and at a joint concert with the band at the small feast. Another year goes by! The great news is that we have a new recruit for these events as we welcome Chiara Balzan to the ranks of the Sopranos.

Speaking of my lovely Sopranos – sometimes I get the comment, "It's too high!" My usual answer is "It's well within your vocal range, you can do it."

So, what is vocal range? Simply, a range that describes how high and how low one's singing voice can go. It's a phrase that's frequently used when talking about singing voices and when defining voices into vocal groups. This picture is quite a good example of female voice ranges where C4 is middle C on a piano:




This of course is a generalisation of the extent of the female voice. Normally, untrained singers have a much smaller range. My choir sings in 3 vocal groups: Sopranos, Mezzo Sopranos and Altos (or Contraltos). They sing notes that are comfortable for them to produce and follow parts that try not to exceed the limits of their range. My Sopranos sing from A3 to F5/G5, my Mezzo Sopranos sing from G3 to E5/F5 and my Altos sing from F3 to C5/D5. I keep their ranges in mind when I am choosing their repertoire otherwise there are cries of, "It's too high!" In other words … trouble!

So, what about outside the comfort zone of these vocal groups?

Here are some of the highest operatic notes sung by sopranos. Even if you do not read music you can still appreciate that if it is above the lines – it's high!




There are competitions held to hear who can sing the best Fs as Queen of the Night and the same goes



*Diana Damrau as The Queen of the Night*



*Erin Morley as Olympia singing the Doll's Aria*




for the Ab in the Doll's Aria. All these are available to hear on YouTube.

Sometimes the highest note is not so impressive when you consider **ALL** the notes that some individuals can sing from their lowest note to their highest. Here are some very impressive vocal ranges.

It is well worth going on YouTube to hear Cecilia Bartoli's sing her 4-octave range in just over a minute! Also, if you want to be impressed, watch Natalie Dessay singing "*Ah non giunge*" from Bellini's *La Sonnambula*. Not only can she sing incredibly high, but she does so while dancing! So does Kristin Chenoweth singing *Glitter and be Gay* in Bernstein's *Candide*.

If you're wondering how some other singers compare, here's an interesting chart below.

So, my lovely ladies – keep singing. The more you sing, the more your voices will find their natural ranges and notes will no longer be too high. I love what you do and the fun times we have at rehearsals. Thank you for all the time and commitment you give to the choir. I wish you, your families, and all who support the Imperial Band Club a very Happy Festa.



*Cecilia Bartoli*



*Kristin Chenoweth*



*Natalie Dessay*



# Abela Norbert Joiners

High quality locally manufactured furniture according to client's requirements



59, Triq In-Naħal, Mellieħa

Tel: 21523853 Mob: 99476620

Find us on: facebook

## Feel the Nature... as we bring Life to your Surroundings





Specialising in natural stone decor for interior decorating and exterior landscaping. Products include feature wall coverings, mosaics, pebbles, paving, slate tiles & more...

STONEAGE

Decorative Concrete & Natural Stones

**TRIQ SAN SILVESTRU, MOSTA**

**T.** 21 423 662 **M:** 9952 6254 **E.** info@stoneage.com.mt **W.** www.stoneage.com.mt

Find us on: facebook



120
Open Daily
Including Feasts & Public Holidays
Showing All Major Sporting Events
120Bar
00356 2289 2000
www.maritim.com.mt
George Borg Olivier Street, Mellieha MLH 1021
AL PONTE
Open Daily for Lunch & Dinner from 11:00 hrs
2289 2289
alponterestaurant
alponterestaurant.com
Take Away Available
MARITIM Antonine Hotel & Spa
George Borg Olivier Street - Mellieha MLH 1021
Les Jardins restaurant
Sunday Buffet Lunch
A culinary event for all the family
Starting from October
Beverage Packages Available
Group Bookings Accepted
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
maritim.malta
www.maritim.com.mt
2289 2000
events@maritim.com.mt

Glamorous
UNISEX HAIR BY JANET
+356 2152 2872
+356 7972 7795
Glamorous Hair by Janet
116 Triq in-Naħal, Mellieħa, Malta

SPORTS EXPERIENCE
Like us on Facebook
Trophies & Awards
(+356) 2143 8877 | (+356) 7928 7752
trophies@sportsexperience.com.mt
74, Triq il-Pitkali, H'Attard, Malta

Evergreen
Discount Mini Market
Triq Napuljun Caruana Dingli
Tel: 2152 2738
Mob: 9985 9100
Free Delivery
Ħinijiet tal-Ftuħ:
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma naghlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.
Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

V. Debono
Ironmongery
Colour Tinting
and
Hardware Store
Tel: 21523892
No.8,
Triq l-Għoljiet,
il-Mellieħa





# Inkomplu Naħdmu b'Impenn

Philip Schembri
*Għalliem*



Il-Banda tagħna prinċipalment hi marbuta li ta' kull sena tieħu sehem fil-festa titulari ta' Marija Bambina u dan tagħmlu b'mod mill-iktar impenjattiv.

Xhur sħaħ ta' tħejjijiet ikunu saru għall-kunċert annwali ta' livell tat-2 ta' Settembru. Dan filwaqt li jsiru preparamenti oħra fir-rigward tal-għażla tal-marċi li jkunu ser jindaqqu mat-toroq tar-raħal matul il-festa. Isiru wkoll diversi laqgħat mal-Arċipriet u mal-għaqdiet l-oħra nvoluti fejn tidħol l-organizzazzjoni tal-istess festa. Aktar ma toqrob il-festa, l-attività fi ħdan l-Għaqda tagħna tiżdied u dan kollu favur il-komunità kollha ta' raħalna. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-parti l-kbira tax-xogħol isir kollu b'mod volontarju f'għaqda sħiħa sabiex kollox jirnexxi u jitgawda.

Fl-imgħoddi, il-festa kienet isservi ta' debutt għal numru ta' bandisti ġodda li kienu joħorġu jdoqqu strument għall-ewwel darba, filwaqt li kienet ukoll tinkoraġġixxi t-tagħlim tal-mużika fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Hija x-xewqa tagħna li l-festa tibqa' tagħtina dan il-frott. Jeħtieġ li l-interess fit-tagħlim tal-mużika jerġa' jiżdied. Nappella lill-ġenituri għall-għajnuna tagħhom f'dan ir-rigward. Dan ikun iservi ta' investiment kemm f'uliedhom u kif ukoll fil-baned tagħna. Irridu nifhmu li l-qagħda kif inhi bħalissa f'ħafna baned mhix sostenibbli. Hawn nuqqas ta' bandisti, kulħadd jinqeda bl-istess nies u min jispiċċa qed iħalli vojt kbir warajh għax ħadd ma jeħodlu postu. Mela ejjew inkomplu naħdmu għal dan il-għan li jagħti futur sod għall-baned tagħna.

F'ismi u f'isem is-Soċjetà tagħna, nagħti l-festa t-tajba lilkom filwaqt li ninsisti li l-festa għandna bħal dejjem inkomplu niċċelebrawha b'mod Nisrani, b'għaqda u mingħajr eseġerazzjonijiet. Nieħdu ħsieb dak li writna mingħand missirijietna!

***Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna***




one80
KITCHEN • LOUNGE
(+356) 2152 1637
one80@foodrinksconcepts.com
www.one80.com.mt

# Sala Imperial

* * * **mgħammra b'arja kundizzjonata** * * *

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi **attività soċjali**, kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

*Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat*

Tel.: 21 523 467 / 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930

# Percussion Instruments

Geoff Thomas



It is not easy to be a percussionist because it takes a lot of practice to hit an instrument with the right amount of strength, in the right place and at the right time.

Every time that I visited Mellieħa before eventually moving here, I would talk with the bandmaster and say, "wouldn't it be nice if…" and then we'd talk longingly about percussion instruments that were a necessity for many bands in the UK and that would make such a difference to the Imperial Band. Fortunately, thanks to EU funding and a lot of hard work by members of the club, we were able to purchase some good quality instruments. These, together with my own instruments which have found a new home at the band club, provide us with a selection of percussion instruments that is the envy of many. Our percussion students really do appreciate having such a range of quality instruments to play. So that you, too, can appreciate the lovely instruments that we have, here is a brief guide to the instruments that we have, and still need!

Firstly, what is a percussion instrument and how many types are there? The Oregon Symphony Orchestra webpage provides this useful information: 'Percussion instruments include any instrument that makes a sound when it is hit, shaken, or scraped. Some percussion instruments are tuned and can sound different notes, and some are untuned with no definite pitch. Percussion instruments keep the rhythm, make special sounds and add excitement and colour. Unlike most of the other players in a band or orchestra, a percussionist will usually play many different instruments in one piece of music.' This is a good starting point, but you will find instruments in our section which produce their sounds in other ways, too.



Over a hundred years ago, two gentlemen - Erich Moritz von Hornbostel and Curt Sachs – published a musical instrument classification system, which works in the same way as the Dewey decimal system does in libraries. This means that even the Żafżafa, Bedbut, Żummara, Flejguta, Żaqq, and Qarn are classified; the Żummara is to be found with kazoos at 242 and the Żafżafa is a friction membranophone classification 231.11!

How does this system work? Instruments were classified into four sections: idiophones, membranophones, chordophones, and aerophones. Idiophones produce the sound by means of the actual body of the instrument vibrating, whereas membranophones have membranes, chordophones have strings, and aerophones are blown. By the time the classification was translated into English, a fifth classification for electronic instruments had been added. Percussion instruments have members which belong to all these families and even two that belong to the plasmaphone family. Plasmaphones include pyrophones – instruments in which fire is involved! The most famous is the cannon in Tchaikovsky's 1812 Overture, but this year we can add fireworks to that list: make sure you witness the performance of *Playing with Fire* which concludes our Festa programme!

In our band room we have 3 timpani, 2 bass drums, 2 snare drums, a drum kit, suspended and clash cymbals, tubular bells[1] (chimes), 2 glockenspiels[4] (bells), a mark tree and bell tree, xylophone[5], a guiro,










assorted triangles, tambourines, tam-tam[2], various shakers, castanets, a brake drum[3], agogo, cabasa, a whip, rainstick, bongos, granite blocks, a wood block, sleigh bells, and toys. Toys[6] are the lovely special effects that you will surely remember from cartoons: duck calls, football rattles, bicycle bells, sirens, vibraslap, flexatone, Swanee whistles, samba whistles, police whistles, train & tugboat whistles, a stadium hooter and so on.

Why are percussion instruments important? Gone are the days (for most of us!) when a band simply played marches, or even extended pieces like Eric Ball's *Resurgam*, which only require a single player on drum kit, or three players on snare drum, bass drum and cymbals if marching. These pieces are still enjoyable, but there is a whole new world of music from films, television, video games, and musicals, not to mention new pieces written especially for the modern band. Percussion instruments not only provide rhythm, but also add colour, sparkle, excitement, drama, and humour.







The eagle-eyed will see a couple of sandpaper blocks on the toy table. Strictly, these are actually concussion instruments. Percussion generally refers to a percussion instrument which is beaten with a hand or with a dissimilar, non-sounding beater, as opposed to a *concussion idiophone* which is beaten against a second similar instrument. So, we can also include castanets, claves, finger cymbals and so on.

Finally, sticks[7]. Or are they beaters, mallets, tippers, brushes, hot rods, rutes? The picture at the very start of this article shows three stick bags which, from left to right, are timpani sticks, tuned percussion mallets, and drum sticks. Above, we have triangle beaters. Most percussionists are not too precious about the taxonomy of 'hitty things'. As the advert goes, when regular *sticks* are too loud and brushes are too soft, *Hot Rods* are just right. Hot rods are bundles of thin dowel, frequently birch, bound together. In an orchestra, a hot rod is a rute. If you are a bodhran player, you use a tipper. Tuned percussion such as xylophone, glockenspiel, and vibraphone are called mallet percussion. Don't worry what it's called; as I said to begin with, it is more important to hit an instrument with the right amount of strength, in the right place and at the right time.



# MARIO GAUCI

## *Fruit & Vegetable Seller*




***10, South Street,***
***Mellieħa***

*Daily vendor selling at St. Paul's Bay and Mellieħa*

**Mob: 9945 5717**



# MANUEL'S GARAGE

Panoramic Block B, Triq l-Għarucasa
Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**



- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888

Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

# Rispett u għaqda bejn is-soċjetajiet

Avv. Noel Camilleri
*President GħKB*



Is-soċjetajiet tal-banda huma sinonimi mal-festi tagħna. Dan huwa stat ta' fatt li ilu magħna għal aktar minn mija u ħamsin sena. Imma huwa fatt ukoll li dan il-patrimonju ta' pajjiżna qiegħed jiġi mhedded b'mod reali. Mhedded minn ħafna elementi li ddaħħlu fil-festi tagħna u li qegħdin jagħmlu ħsara anke lis-soċjetajiet tal-banda.

Persważ li tinnutaw li l-entużjażmu għall-marċi tradizzjonali naqas u ħafna drabi l-banda tkun waħidha fit-toroq biex imbagħad tal-anqas fil-pjazza ewlenija jew quddiem il-bini tas-soċjetà jingħaqdu magħha n-nies li jkunu preżenti hemm biss. Biss dan mhux kollox għaliex filwaqt li l-banda tkun qiegħda ddoqq xi marċ mhux l-ewwel darba li tisma' xi ħoss qawwi ta' mużika oħra ġejja minn bnadi viċin li kważi jitfi għalkollox il-ħoss tal-banda jew addirittura tgħaddi l-banda qisu xejn. U xi ngħidu għas-*cd*'s li jinħarġu bi kliem kważi identiku għajr l-isem tal-qaddis jew l-isem tas-soċjetà tal-Banda. Qisna qegħdin ninsew l-importanza tal-banda fil-festa u rridu nwarrbu t-tradizzjonijiet bl-iskuża li rridu nġeddu ħalli niġbdu ż-żgħażagħ. Li taħdem biex aktar tattira żgħażagħ lejn is-soċjetajiet tal-banda hija ħaġa li żgur kulħadd jaqbel magħha imma żgur mhux għas-skapitu li twarrab it-tradizzjonijiet sbieħ tagħna li sawru l-kultura Maltija.

Il-lista tal-affarijiet li bil-mod il-mod qegħdin kontinwament jinvadu s-sabiħ tal-festi tagħna u l-ħidma tas-soċjetajiet tal-banda tagħna li hija mifruxa tul it-tnax-il xahar tas-sena ma tiqafx hawn. Hemm ukoll l-ispiża biex tamministra soċjetà tal-banda liema spiża dejjem qiegħda tikber u dan minkejja li ħafna mill-ħidma ssir b'mod volontarju għall-benefiċċju ta' dik il-belt jew raħal. Soċjetà tal-Banda ma għandhiex tittieħed li qiegħda hemm jiġri x'jiġri u dejjem lesta biex tieħu sehem mingħajr ma tingħata kumpens xieraq għall-ħidma kollha li tagħmel kemm dik li tidher u anke dik li ma tidhirx. Ħafna drabi din it-tieni parti tal-ħidma tkun ferm akbar u ta' wġigħ ta' ras mill-ewwel parti.

Kien proprju għalhekk li s-Soċjetajiet tal-banda membri fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Banda fi Frar 2019, approvaw dokument li permezz tiegħu ġew introdotti ċerti miżuri ġodda ħalli jkun hemm aktar rispett reċiproku bejn l-istess soċjetajiet, mal-mużiċisti li l-impenn tagħhom huwa ferm importanti għall-baned imma wkoll ma' entitajiet oħra fosthom il-parroċċi u l-kumitati responsabbli għall-festi. Din hija deċiżjoni li ttieħdet b'mod studjat u b'għaqal u l-Għaqda Każini tal-Banda tikkonsiderah li huwa l-ewwel pass sabiex inkomplu naħdmu flimkien ħalli l-ħidma tas-Soċjetajiet tal-banda b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam il-banda u s-sehem tagħha fil-festi tagħna jibqa' sehem fundamentali fit-tifsira vera ta' festa Maltija.

Irridu lkoll naħdmu biex din it-tifsira nkomplu nsaħħuha u fuq kollox inħarsuha. Jekk ma nurux rispett reċiproku u fuq kollox ħidma kollettiva allura dak li huwa wirt importanti ta' pajjiżna jista' jintilef. Għalhekk ikoll kemm aħna rridu nkunu t-tarka sabiex ma nħallu lil ħadd u xejn li jtappan is-sinifikat tal-festa.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-Soċjetà tal-Banda u l-membri tagħha għax-xogħol volontarju kbir li jsir. Nappella sabiex dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet denji ta' festa li tgħaqqad il-poplu.





# Djarju 2018 – 2019

24 t'Awwissu 2018 – Barbecue tal-Festa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

27 t'Awwissu 2018 – Tombla Speċjali tal-Festa organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

29 t'Awwissu 2018 – Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

30 t'Awwissu 2018 – Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja.

31 t'Awwissu 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

1 ta' Settembru 2018 – Il-President u s-Segretarju Ġenerali ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi 2018' fl-istudios ta' ONE Radio fil-Marsa.

1 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

2 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

2 ta' Settembru 2018 – Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara sar riċeviment fis-Sala tal-Każin.

3 ta' Settembru 2018 – Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti, u membri tal-Kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

4 ta' Settembru 2018 – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq l-Għerien u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

4 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-Festa mis-Società Filarmonica La Vittoria.

5 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.

5 ta' Settembru 2018 – Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li beda minn Triq N. Caruana Dingli u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

6 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

6 ta' Settembru 2018 – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq V. Ciappara u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

7 ta' Settembru 2018 – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara, il-Banda u l-Kor Imperial esegwew l-Innu Ad Unur lil Marija Bambina.

8 ta' Settembru 2018 – Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna sa Misraħ il-Parroċċa. Wara ttella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li laħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

9 ta' Settembru 2018 – Ħarġa tal-festa fuq il-Hop On Hop Off organizzata mill-Kumitat Nisa fost briju organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

10 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

24 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda Peace tan-Naxxar.

28 ta' Settembru 2018 – Sar il-funeral ta' Joseph Debono, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

28 ta' Settembru 2018 – Ħarġa għal *Science in the City*, il-festival bit-tema tax-xjenza organizzat fil-Belt Valletta.

29 ta' Settembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Mellieħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

3 t'Ottubru 2018 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

12 u 13 t'Ottubru 2018 – L-Għaqda Mużikali Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Każini tal-Banda nediet il-proġett "It-Tagħlim tal-Mużika għal Persuni Neqsin mis-Smigħ" bħala parti mill-iskema "It-Taħriġ Mużikali

taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda 2018". Id-Direttur Artistiku ta' *Music and the Deaf* mir-Renju Unit, is-Sur Danny Lane, mexxa sessjonijiet ta' tagħlim tal-mużika ma' tfal u żgħażagħ, fosthom uħud neqsin mis-smigħ, f'żewġ skejjel primarji u fil-Każin Imperial, kif ukoll ta *workshop* għall-għalliema tal-mużika dwar l-aħjar prattiċi fit-tagħlim tal-mużika għall-persuni neqsin mis-smigħ.



20 t'Ottubru 2018 – Bħala parti mit-*tour* madwar Malta u Għawdex, 'More or Less Theatre' ppreżentaw żewġ produzzjonijiet teatrali fil-Każin Imperial bl-isem ta' "Friefet Bojod" u "Għajn ma Tara".

25 t'Ottubru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa ta' informazzjoni *"Safeguarding your Voluntary Organisation from Abuse"* organizzata mill-Uffiċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji.



27 t'Ottubru 2018 – Il-Banda Imperial ħadet sehem permezz ta' marċ mat-toroq tal-Belt Valletta waqt "Orfeo & Majnun: Sfilata fil-Kapitali" organizzata mill-Fondazzjoni Valletta 2018 bħala parti mill-attivitajiet imtella' biex jiċċelebraw il-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

28 t'Ottubru 2018 – *Afternoon Bingo & Tea* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

2 ta' Novembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' arti organizzata mis-Società Filarmonica La Vittoria.

7 ta' Novembru 2018 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin Imperial.



11 ta' Novembru 2018 – Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għal ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

12 ta' Novembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal quddiesa b'sufraġju għal ruħ Anthony Vella li miet l-Awstralja li saret fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

17 ta' Novembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned.



18 ta' Novembru 2018 – Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġewwa d-*Day Care Centre* tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali.



21 ta' Novembru 2018 – Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura

fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta kkonċelebrata mill-Provinċjal Patri Leslie Gatt OSA. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

23 ta' Novembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għas-serata organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva fil-Paradise Bay Resort Hotel bħala parti mill-iskema "Festi Inklussivi 2018".

24 ta' Novembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral ta' Aronne Sultana li kien akkumpanjat waqt il-korteo funebri mill-Banda La Vittoria.

25 ta' Novembru 2018 – *Afternoon Bingo & Tea* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

1 ta' Diċembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda fis-Seminarju tal-Virtù, fir-Rabat, Malta.

1 ta' Diċembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert Mużikali Annwali mtella' mill-Banda La Vittoria ġewwa d-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

5 ta' Diċembru 2018 – Sar *Coffee Morning* speċjali tal-Milied ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

7 ta' Diċembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm vokali organizzat mir-Reġjun tat-Tramuntana fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa bħala parti minn *"The Malta International Christmas Choir Festival 2018"*.

8 ta' Diċembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-*musical* oriġinali 'Naħal tal-Imħabba' imtella' mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fis-Sala Profs. Godfrey Wettinger tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa, mużika tal-kompożitur Philip Vella u lirika tal-awtur Paul P. Borg.

10 ta' Diċembru 2018 – Sar il-funeral ta' Peter Cross, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

15 ta' Diċembru 2018 – Membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ attendew għal "Seminar ta' Taħriġ għaż-Żgħażagħ" organizzat mill-kummissjoni taż-żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Banda ġewwa l-Università ta' Malta.

15 ta' Diċembru 2018 – Programm Vokali u Strumentali tal-Milied mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin Imperial.



17 ta' Diċembru 2018 – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa r-Riviera Resort & Spa, fil-Marfa.

18 ta' Diċembru 2018 – Membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ attendew għal quddiesa għaż-żgħażagħ organizzata mill-Parroċċa tal-Mellieħa ġewwa s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied 2018.

18 ta' Diċembru 2018 – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa s-Solana Hotel & Spa, fil-Mellieħa.

19 ta' Diċembru 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal ċerimonja organizzata mill-Fondazzjoni Valletta 2018 bħala rikonoxximent lill-għaqdiet mużikali ta' Malta u Għawdex għas-sehem tagħhom waqt l-attivitajiet organizzati fl-okkażjoni tal-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.



23 ta' Diċembru 2018 – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa r-Ramla Bay Resort, fil-Marfa.

23 ta' Diċembru 2018 – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa l-Paradise Bay Resort Hotel, fil-Marfa.

24 ta' Diċembru 2018 – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied quddiem il-Każin tal-istess Għaqda fil-Pjazza tal-Parroċċa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied 2018.

26 ta' Diċembru 2018 – Il-Banda u l-Kor Imperial esegwew programm ta' għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani "Dar il-Madonna tal-Mellieħa", fil-Mellieħa.

28 ta' Diċembru 2018 – Sar il-funeral ta' Carmen Cauchi, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

5 ta' Jannar 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal riċeviment organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda bħala awgurju għall-ħidma matul is-Sena l-Ġdida li sar fil-Każin tal-Banda Maria Assunta tal-Gudja.

9 ta' Jannar 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

12 ta' Jannar 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti MUŻA, fil-Belt Valletta.



12 ta' Jannar 2019 – Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju minn meta Sr Maria Antoinetta Borg O.S.A. għamlet il-professjoni tagħha. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

20 ta' Jannar 2019 – *Afternoon Bingo & Tea* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

21 ta' Jannar 2019 – Sar il-funeral ta' Vincent Caruana, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

26 ta' Jannar 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal ċerimonja fejn tqassmu fondi parti minn skema mmexxija mill-Għaqda Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti, fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

6 ta' Frar 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

8 ta' Frar 2019 – Fil-Każin saret l-ikla annwali għall-bandisti, il-membri tal-Kor u l-membri tal-Kumitati u tal-Kummissjonijiet tal-Għaqda Mużikali Imperial flimkien mal-familjari tagħhom.

17 ta' Frar 2019 – *Afternoon Bingo & Tea* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

25 ta' Frar 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda 12th May, Ħaż-Żebbuġ, Malta. F'din il-laqgħa ġew maħtura l-membri tal-Eżekuttiv il-ġdid għas-snin 2019 u 2020.

1 ta' Marzu 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' Wirja Kollettiva ta' Artisti Melleħin organizzata mis-Società Filarmonica La Vittoria b'risq il-Fondazzjoni Puttinu Cares.

2 ta' Marzu 2019 – Saret is-Seduta Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial fis-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ngħata rendikont tal-ħidma fi ħdan l-Għaqda tul is-sena 2018.

6 ta' Marzu 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

9 ta' Marzu 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat kienet mistiedna mill-Għaqda Każin Banda San Filep ta' Ħaz-Żebbuġ, Malta, għal programm mużiko-letterarju fl-okkażjoni tal-75 Anniversarju mill-Għoti tas-*Sword of Honour* lill-Gvernatur ta' Malta Lord J. Gort. L-Għaqda Mużikali Imperial kienet waħda mill-għaqdiet donaturi f'din l-għotja li saret nhar it-12 ta' Marzu 1944.

11 ta' Marzu 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal riċeviment ġewwa Palazzo Xara fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam organizzat mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp flimkien mal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp.

18 ta' Marzu 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal riċeviment fil-Palazz ta' Sant'Anton fuq stedina tal-President ta' Malta l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca bħala sinjal t'apprezzament għall-ħidma tal-għaqdiet volontarji tul il-Presidenza bejn l-2014 u l-2019.

31 ta' Marzu u 7 t'April 2019 – Membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipaw waqt l-eżerċizzi għaż-żgħażagħ organizzati mill-Parroċċa Arċipretali tal-Mellieħa.

3 t'April 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

6 t'April 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-20 edizzjoni tal-Akkademja Mużiko-Letterarja Sagra organizzata mill-Għaqda Filantropika Talent Mosti fir-Razzett tal-Markiż fil-Mosta.

9 t'April 2019 – Sar il-ftuħ uffiċjali tal-wirja mtellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ bit-tema "Iċ-Ċaħda". Din il-wirja kienet tinkludi x-xena taċ-ċaħda ta' Pietru rrappreżentata b'żewġ figuri *life-size* flimkien ma' sett ta' vari artistiċi u pitturi fuq l-injam. Il-wirja ġiet imbierka mill-Arċipriet ir-Rev. Fr Joe Caruana u nfetħet mis-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttigieg. Din il-wirja baqgħet miftuħa sad-19 t'April.

10 t'April 2019 – Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u bil-kollaborazzjoni tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa ġie organizzat qrar minn Patri Dijonisju Mintoff ġewwa l-każin.

10 t'April 2019 – Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Società Filarmonica La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni taċ-Ċenaklu fuq Rit Lhudi fl-istess Każin.

14 t'April 2019 – Kunċert annwali ta' Ħadd il-Palm mill-Banda u l-Kor Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

ġewwa l-Knisja Arċipretali Marija Bambina, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

18 t'April 2019 – L-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipat fil-Viżti tas-Sepulkru fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka.

22, 23, 24 t'April 2019 – Bħala parti mill-proġett bl-isem ta' "Developing ensemble skills and techniques in young musicians", fl-iskema "Komunitajiet Kreattivi" amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti, kien organizzat *workshop* għall-membri tal-Banda Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Helge Haukås.

1 ta' Mejju 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

1 ta' Mejju 2019 – Sar il-funeral ta' Charlie Debono, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

3 ta' Mejju 2019 – Sar il-funeral ta' Saviour Mifsud, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.



5 ta' Mejju 2019 – Ħarġa għal Għawdex organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor li bdiet b'quddiesa fil-Knisja ta' Pinu u kompliet bi żjara fiċ-Ċittadella u postijiet oħra ta' interess.

16 ta' Mejju 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tnedija tal-ktieb "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien – It-2ni Volum" mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fil-Pergola Hotel & Spa, il-Mellieħa.

19 ta' Mejju 2019 – *Bingo Evening* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

31 ta' Mejju 2019 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ organizzat *pasta night* fil-Każin Imperial.

2, 6, 10 u 17 ta' Ġunju 2019 – Bħala parti mill-proġett "It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda, 2019" bl-isem ta' "Nibnu Pedament Professjonali għad-Direzzjoni tal-Banda b'Mod Ħolistiku u Sostenibbli" amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda Każini tal-Banda, saru l-lezzjonijiet u l-*master classes* mis-Surmast Alan Chircop għall-parteċipanti kollha ġewwa l-Każin Imperial.

5 ta' Ġunju 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

7 ta' Ġunju 2019 – Il-grupp tal-fanfarra ħa sehem waqt pellegrinaġġ organizzat fil-Wardija bħala parti mill-Festa tal-Madonna tal-Abbandunati ċċelebrata fil-lokal fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mill-wasla tal-istatwa titulari.

15 ta' Ġunju 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tberik annwali tas-soċjetajiet Melleħin mill-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mellieħa, Dun Joe Caruana, li din is-sena sar fil-Każin tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

17 ta' Ġunju 2019 – Sar il-funeral ta' John Debono, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.



19 ta' Ġunju 2019 – Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet waqt il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Dan il-programm kien ukoll jifforma parti mill-proġett bl-isem ta' "Nibnu Pedament Professjonali għad-Direzzjoni tal-Banda b'Mod Ħolistiku u Sostenibbli".

21 ta' Ġunju 2019 – *Bingo Evening* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

23 ta' Ġunju 2019 – Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' *Corpus Christi*. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

28 ta' Ġunju 2019 – Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

28 ta' Ġunju 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-għeluq tal-proġett "Resilient Communities" imtella' mill-CORE Platform u SOS Malta li saret fis-sede tal-Kamra tal-Kummerċ fil-Belt Valletta u li kienet taħt il-patroċinju tal-Eċċ. Tagħha l-Ex-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca.

3 ta' Lulju 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

12 ta' Lulju 2019 – *Bingo Evening* fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial.

14 ta' Lulju 2019 – Il-Banda Imperial ħadet



sehem waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

19 ta' Lulju 2019 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ organizzat mawra bid-dgħajsa għall-Gżejjer ta' San Pawl u *barbecue* fuq l-istess dgħajsa.



25 ta' Lulju 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2019 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

27 ta' Lulju 2019 – Kunċert mill-Kor Imperial fis-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

7 t'Awwissu 2019 – Sar *Coffee Morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

10 t'Awwissu 2019 – Sar il-funeral ta' Manuel Cauchi, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

14 t'Awwissu 2019 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

18 t'Awwissu 2019 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

19 t'Awwissu 2019 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bi preparazzjoni għall-Festa ta' Marija Bambina.

25 t'Awwissu 2019 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.

*Żuru l-'website' tagħna*

**www.imperialbandclub.com**

Ikkuntattjana fuq *e-mail*:

**info@imperialbandclub.com**

MELLIEĦA GARAGE

RENT-A-CAR

SELF DRIVE CARS AND CAB SERVICE

SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS

151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta

Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362

E-mail: melliehagarage@onvol.net





# Cash & Carry

Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa

**Special Offers!**

**Phone Orders are accepted!**

**Vast range of top-brand products at super-saver prices!**

Perfumes Baby Products Skin Care

Detergents Toiletries Cleaning Equipment

Car Care Products Washing Liquids & Powders

... and much, much more!

Opening Hours: Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00

**Free Deliveries!**


Wake up
with make-up
SEMI-PERMANENT MAKE-UP
Daniela Cauchi Morguello
Eyebrows Hair Strokes • Lips • Eyeliner
art in beauty
CLINIC
BIOTEK
PERMANENT MAKE-UP
Art in Beauty Clinic, 74
Triq il-Birwina, Mellieħa
Tel: 2752 2793, 9984 3941
Book your
FREE
CONSULTATION


Meet Garage
Cab & Minibus Services
• Chauffeur Driven Cab/Minibus Service
• Exclusive Airport Transfer
• Wedding Transport Organisers
• Corporate Event Transport Service
• Exclusive Individual Tours
• Any Occasion Transport Providers
Cab Service to all local destinations 24/7
Make your booking on - Mob: +356 7900 9698 email: meetgarage@gmail.com
Find us on: facebook.





# Nifirħu lil…

- L-Onorevoli Ministru Dr Michael Farrugia M.D. M.P., l-Onorevoli Membru Parlamentari Clayton Bartolo M.P., l-Onorevoli Membru Parlamentari Robert Cutajar M.P., u l-Imħallef Dr Joanne Vella Cuschieri, li b'deċiżjoni unanima tal-Kumitat Direttiv ġew maħtura Membri Onorarji tal-Għaqda Mużikali Imperial b'turija ta' apprezzament għax-xogħol fejjiedi tagħhom fl-ogħla istituzzjonijiet tal-Istat Malti li jagħti unur lir-raħal tagħna l-Mellieħa, u għall-ħidma tagħhom b'mod partikolari b'risq l-għaqdiet kollha Melleħin u r-residenti tal-Mellieħa.
- Il-Kunsill Lokali Mellieħa fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tiegħu.
- Is-Sur Dario Vella li ġie elett Sindku tal-Mellieħa u lill-Kunsilliera John Buttigieg, Ivan Castillo, Rebecca Bartolo Cutajar, Marvin Abela, Annabelle Brincat Stellini, Gabriel Micallef, Kurt Buttigieg u Emvin Bartolo li ġew eletti fit-Tmien Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- Is-Sur Carmel Debono, is-Sur Michael Buttigieg, is-Sur Patrick Cutajar, is-Sur Hilary Fenech li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa.
- Is-Sinjura Andreana Borg, is-Sur Joseph Fenech, l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa, Dr Joseph Matthew Attard u s-Sur Joseph Gauci li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa.
- Is-Sur Jimmy Sammut li ngħata l-Onorefiċenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.
- Is-Surmast Ryan Mallia li laħaq id-Direttur Mużikali tas-Soċjetà Filarmonica La Vittoria u s-Surmast Michael Bonanno li laħaq id-Direttur Mużikali tal-Kor u Orkestra Maria Bambina.
- L-Imħallef Dr Joanne Vella Cuschieri li ġiet maħtura biex isservi bħala Mħallef fil-Qorti ta' Malta.
- Steven Fenech u Sarah Farrugia li kklassifikaw fl-ewwel post fil-Manchester Grand Prix u l-Manhatten Cup Latin American Combi li saret ġewwa Frankfurt il-Ġermanja, fit-tieni post fid-Danish Latin American Combi, Wheelchair Dance World Cup u fit-tielet post fil-Holland Dans Spektakel.
- Alex Borg li rebaħ il-finali tal-Attrans Snooker Malta Open, il-finali tal-Malta Billiards and Snooker Association u ġie kklassifikat bħala ċ-Champion tal-Masters tal-Isnooker.
- Antonia Micallef, ġurnalista Melleħija tal-PBS, li rebħet l-ewwel premju fil-kategorija "Ġurnaliżmu Mxandar – Skript Televiżiv – Aħbarijiet" fit-29 edizzjoni tal-*awards* tal-ġurnalisti li jingħataw mill-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin.
- Lil dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess għal dak kollu li ħadmu għalih.







# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Joseph Debono**
26 ta' Settembru 2018

**Peter Cross**
8 ta' Diċembru 2018

**Carmen Cauchi**
25 ta' Diċembru 2018

**Vincent Caruana**
16 ta' Jannar 2019

**Charlie Debono**
27 t'April 2019

**Saviour Mifsud**
30 t'April 2019

**John Debono**
14 ta' Ġunju 2019

**Manuel Cauchi**
6 t'Awwissu 2019

Nella's™
by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

e: antonellavella82@gmail.com
t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335

JIMCAM
ENTERPRISES LIMITED

*Agents and Distributors of:*

sikkens
AUTOMOTIVE PAINTS

Meguiar's
SURFACE CARE

Colad Abrasives, Masking Tapes & Materials,
Hamach Sanding & Polishing Tools,
Anest Iwata Spray Guns & Paint curing Systems,
Garage Equipment, Car Polishes &
Boat Care Products

*Also available*
Care Hire • 24 Hour Taxi Service
Accommodation in Villas & Apartments
with or without pool

Office: 12, Triq l-Għoljiet, Mellieħa MLH 2013
Tel: 7952 0330, 2152 2579
Fax: 2152 0330 Email: sales@jimcam.com.mt

# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2019



*L-Onorevoli Clayton Bartolo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Ministru Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sindku John Buttigieg u l-Kunsillier Patrick Cutajar jippreżentaw donazzjoni bħala parti mill-ftehim kulturali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-għaqdiet Melleħin.*



*Is-Sur Charles Caruana jippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Cuschieri, Caruana u Vella.*



*Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Barbara u Borg.*



*Dr Joseph Matthew Attard jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sur Ivan Castillo jippreżenta donazzjoni.*



*Is-Surmast Anthony Borg jippreżenta donazzjoni f'isem is-Sinjuri Sam u Tessie Vella, Vince u Rita Borg, Charlie u Pia Grech, u Louis u Josephine Borg, emigranti mill-Awstralja.*

# Programm mill-Banda u l-Kor Imperial fid-Dar tal-Anzjani "Madonna tal-Mellieħa"



fl-okkażjoni
tal-25 Anniversarju
mit-twaqqif
tal-Kunsill Lokali
Mellieħa








tòsca
Genuine Food, Genuine Fun
full menu available
on www.ilovetosca.com
Ġorġ Borġ Olivier Street, Mellieħa t: +356 2280 1927 e: info@ilovetosca.com
OPEN DAILY 1800HRS ONWARDS





# Programm t'Attivitajiet

## organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'

# *MARIJA BAMBINA*

## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa 2019

### Il-Ġimgħa 23 t'Awwissu 2019

**8.00p.m.** *Barbecue* f'Misraħ il-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistiednin speċjali: Il-grupp folkloristiku *'The Greenfields'*.

### It-Tnejn 26 t'Awwissu 2019

**7.30p.m.** Kunċert tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### It-Tlieta 27 t'Awwissu 2019

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### Il-Ħamis 29 t'Awwissu 2019

**7.30p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ġimgħa 30 t'Awwissu 2019

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### Is-Sibt 31 t'Awwissu 2019

**8.00p.m.** "Festa Gathering" organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ fil-Każin.

### It-Tnejn 2 ta' Settembru 2019

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

### It-Tlieta 3 ta' Settembru 2019

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti u membri tal-Kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

## L-Erbgħa 4 ta' Settembru 2019

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ħamis 5 ta' Settembru 2019

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq N. Caruana Dingli u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2019

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq V. Ciappara u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Is-Sibt 7 ta' Settembru 2019

**7.15p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**9.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## Il-Ħadd 8 ta' Settembru 2019

**5.45p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi li jibda minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-Istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## It-Tnejn 9 ta' Settembru 2019

**5.00p.m.** Ħarġa tal-għada tal-festa organizzata mill-Kumitat Nisa u bi briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.




Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.
WE ACCEPT ORDERS FOR ANY SPECIAL OCCASION CAKES
OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY
MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315
T: 2152 0920 / 2152 3920



# Activities Organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of

# *OUR LADY OF VICTORIES*

## Patron Saint of Mellieħa

### Friday 23rd August 2019

**8.00p.m.** Barbecue organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Special guests: The folk group '*The Greenfields*'.

### Monday 26th August 2019

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the Club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the Club's musical director.

### Tuesday 27th August 2019

**6.30p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee of the Imperial Band Club.

### Thursday 29th August 2019

**7.30p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir in the Club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the Club's musical director.

### Friday 30th August 2019

**6.30p.m.** The Imperial Band Club will be participating in a Holy Mass in Mellieħa Parish Church on the occasion of the day dedicated to civic societies.

**8.00p.m.** Annual Get Together for Emigrants at the Imperial Band Club.

### Saturday 31st August 2019

**8.00p.m.** "Festa Gathering" organised by the Youths Section in the Club.

### Monday 2nd September 2019

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir in Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

### Tuesday 3rd September 2019

**8.00p.m.** A reception will be held at the Imperial Band Club for the committees, band and choir members, together with their guests.

### Wednesday 4th September 2019

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band starting from Mellieħa Heights to Mellieħa Parish Square.

### Thursday 5th September 2019

**8.30p.m.** Band marches by the L'Isle Adam Band of Rabat, Malta, starting from N. Caruana Dingli Street to Mellieħa Parish Square.

### Friday 6th September 2019

**8.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band starting from V. Ciappara Street to Mellieħa Parish Square.

### Saturday 7th September 2019

**7.15p.m.** Band Marches by the Imperial Band starting from Main Street corner with Cross Street to Mellieħa Parish Square.

**9.30p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the Club's Band Stand, followed by the Band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

### Sunday 8th September 2019

**5.45p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi starting from St Anne's Street to Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the Club's Band Stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

### Monday 9th September 2019

**5.00p.m.** An outing will be organised by the Ladies Committee to round off the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the Youths Section.



The Beach
AT PARADISE BAY

tripadvisor

(+356) 2157 5491
(+356) 9982 0621
thebeachmalta.com


Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità
L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.
Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-customer service u mmexxija minn branch manager b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.
ĊEMPEL 2380 2380
ŻUR hsbc.com.mt
MUR fl-eqreb fergħa
HSBC
Nirnexxu flimkien
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arcisqof, Valletta VLT1444. (Ref No. 101967 - 05/18)


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
find us on facebook
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com



Motor
Home
Boat
Travel
Health
Life Insurance
Personal Accident
Business
Joseph Debono
Tied Insurance Intermediary
73, Karizia Office,
Triq Gorg Borg Olivier,
Mellieha.
T: 2152 0552 - 2752 0552
M: 9942 2894
E: insurance@jdebono.com
MAPFRE MIDDLESEA
MAPFRE MSV Life




Karizia Travel Agency
Malta-Malta Cruises
Fly & Cruise Packages
Individual Travel
Tours and cruise packages organised by Europa, Hamilton Travel, Britannia, SMS Mondial, Euro Tours and FCM can also be booked through our agency.
E: kariziatravel@jdebono.com
T: 2752 0552
Like our Facebook page!
Members of the Insolvency Fund Scheme
MADRID
HONG KONG
MUNICH
NEW YORK
AMSTERDAM
LONDON




Bayleaves
Restaurant and Pizzeria
Open From
Thursday to Monday
6pm Onwards
9, Triq il-Kbira
Mellieħa, MLH2310
Malta
Tel: 21521281





# A donation to the Imperial Band Club

With the initiative of Sam Vella and with the assistance of Helen Caruana, a number of emigrants, sons and daughters of Mellieħa living in Australia and California (USA), have joined together to raise money in order to continue helping the Imperial Band Club transmit the Festa live on the Internet.

This year is the twentieth consecutive year that the Imperial Band Club will be transmitting the Festa live. Through this initiative, our brothers and sisters who cannot join us for whatever reason, be it distance or health, can follow the activities being organised by our Club and, even if for a few days, feel the community celebrating together in honour of our Lady of Victories.



As from this year, we will run an experiment whereby we will be transmitting live from the Mellieħa Parish Square throughout the year by means of a camera bought for this purpose through the funds collected. In this way, any activities that are organised from time to time in the Square can also be enjoyed by everyone.

The President and Committee would like to express their sincere thanks to:

- Emigrants living in Australia:
  - Anthony and Pauline Attard (Hurlstone Park)
  - Louis and Josephine Borg (Sunshine)
  - Vince and Rita Borg (Llondilo)
  - Sam and Maria Gauci (Horsley Park)
  - Charlie and Pia Grech (Blacktown)
  - Jerry and Gertrude Grima (Kemps Creek)
  - Paul and Mary Mifsud (Leopold)
  - Fantino Schembri (Bringelly)
  - Mary Vella and her late husband Frank Vella (South Hurstville)
  - Sam and Tessie Vella (Bossley Park)
- Emigrants living in California, USA:
  - Albert Caruana (Burlingame)
  - Joe and Margaret Caruana (Millbrae)
  - Louis Caruana (Castro Valley)
  - Tony and Helen Caruana (South San Francisco)
  - Anthony and Lillian Finocchiaro (San Bruno)
  - Todd and Sharon Fekete (Sunnyvale)
  - Joe and Mary Verdin (South San Francisco)

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services

Tel: 2152 0429

Mob: 9986 8092

20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa

Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha

# drifter

Aalayah's Stop & Shop

12, Main Street
Mellieħa.

FREE PACKET OF
WATER WITH
EVERY €33 SPENT

OPEN ALL DAY
FROM MONDAY TO SUNDAY

FREE DELIVERY TO
MELLIEĦA

Find us on Facebook

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**



***Free Delivery***











Belleview
BISTRO CAFÉ PIZZERIA

FANCY A QUIET EVENING
WITH FAMILY AND FRIENDS?

COME TRY OUR PIZZA, PASTA
AND GRILLS AT OUR
AL' FRESCO TERRACE.

**#newbelleview**

OPENING HOURS:
MON TO FRI AND SUN
07:00 - 22:00
SAT
07:00 - 23:00
T: 21525555

# BILLY'S




113, George Borg Olivier Street,
Mellieha MLH 1020, MALTA

Tel: (+356) 21 523 676
(+356) 21 523 784

Mob: (+356) 9949 7575
(+356) 9942 7575

www.billyscarhire.com
info@billyscarhire.com

CHAUFFEUR SERVICE | CAR HIRE | HOLIDAY HOMES

# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fi Żmien il-bini tal-Ark Trijonfali

David Muscat

L-ark trijonfali li jilqgħek fid-daħla għall-bitħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa ssawwar bejn l-1718 u l-1719. Inbena bħala turija ta' radd il-ħajr lill-Madonna, talli wara pellegrinaġġ kbir li sar nhar il-Ħadd, 27 ta' Marzu 1718, wara perjodu twil ta' nuqqas ta' xita, proprju dakinhar stess tal-pellegrinaġġ, waqt li l-pellegrini kienu għadhom fis-Santwarju, bdiet nieżla x-xita. Kif kienet drawwa fl-imgħoddi, il-pellegrinaġġ tal-1718 beda minn ħdejn il-Knisja tal-Ħuġġieġa f'San Pawl il-Baħar u fih kienu ħadu sehem il-Kleru Djoċesan u l-Fratellanzi.[1]

L-iskrizzjoni bil-Latin '*In Te Speraverunt Patres Nostri Speraverunt Et Liberasti Eos*' u b'Malti antik tal-aħħar tas-seklu 18 'Fik Temghu Myssyrijytna Temghu u Ynti Hlysthom' mis-Salm 22 minquxa fl-irħam jixhdu l-fidi kbira li l-Melleħin u l-Maltin minn dejjem kellhom u għad għandhom fil-Madonna.

L-arkijiet trijonfali ħadu s-sura tagħhom u xterdu mal-Mediterran fi żmien l-Imperu Ruman. Kienu jinbnew biex jikkommemoraw avvenimenti glorjużi bħal xi rebħa kbira fuq l-għedewwa jew biex jagħtu ġieħ lil xi imperatur jew persuna prominenti. Jingħad li fir-raba' seklu Wara Kristu f'Ruma waħidha kien hemm mill-inqas 36 ark. Kull min iżur Ruma llum il-ġurnata għadu jista' japprezza mill-inqas tliet arki ta' statura, jiġifieri, l-Ark ta' Titus (81 W.K.), l-Ark ta' Septimus Severju (203-205 W.K.) u l-Ark ta' Kostantinu (315 W.K.).[2]

F'Malta fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, inbnew għadd ta' arki trijonfali, ngħidu aħna, ta' Wignacourt (1615), De Rohan (1798) u Hompesch (1801). L-ewwel ark inbena bħala tifkira tal-akwadott u t-tnejn l-oħra biex ifakkru t-twaqqif tal-ibliet ta' Ħaż-Żebbuġ u Ħaż-Żabbar mill-gran mastri msemmija rispettivi. Ftit wara l-bini tal-ark tal-bitħa tas-Santwarju, fl-1720-21 inbena dak li llum nafuh 'Bieb il-Bombi' u li dak iż-żmien kien jissejjaħ *Porta dei Cannoni*. Bieb il-Bombi ma kienx ark trijonfali kif jidher illum u kien fih biss mina waħda. Kien jifforma parti mis-Swar tal-Furjana li jħarsu l-Belt Valletta, parti minn dak li jissejjaħ *faussebraye*. Fuqu, sal-lum il-ġurnata stess, għadek tista' tara l-arma tal-Gran Mastru Ramon Perellos Y Rocaful, l-istess gran mastru, li fi żmienu (1696-1720) inbena l-ark trijonfali tas-Santwarju u li tant kellu għal qalbu l-Madonna tal-Mellieħa.[3]


*L-Ark Trijonfali fid-daħla għall-bitħa tas-Santwarju*

Il-Gran Mastru Ramon Perellos Y Rocaful, twieled fl-1637 f'Valencia, Spanja, u kien bin familja nobbli minn Benetússer u Dos Aquas fl-istess reġjun. Ingħaqad mal-Ordni ta' San Ġwann


www.dbproperties.com
dbproperties Malta


Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
DERBY
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
ALPHA
Bikrija
Safra
SLANEY
DERBY
SAVANNA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
Bajda
Bajda
DRUID
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com
Ħamra
Ta' Għajnha
Ħamra


WE MANAGE IT
"At Eyetech we strive to offer the best IT services and solutions to suit our customer's needs, through a knowledgeable team that focus on the growth of the IT Technology"
CLOUD PRODUCTIVITY
MANAGED SERVICES
IT PROJECTS
EYETECH
we manage IT
www.eyetechltd.com
Microsoft
Partner
Microsoft
Gold Cloud Productivity
Gold Cloud Platform
Gold Collaboration and Content
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Application Development

meta kellu sittax-il sena u wara li serva xi karigi fl-ordni, leħaq gran mastru fl-1697, meta kellu sittin sena.[3] Bħala gran mastru Perellos jibqa' magħruf l-aktar għar-riorganizzazzjoni tal-flotta tal-Ordni, it-twaqqif tal-*Consolato del Mare*, u l-arazzi Fjammingi, li sa ftit taż-żmien ilu kien għadhom jintramaw fil-korsija tal-konkatidral ta' San Ġwann fil-festa titulari tiegħu.[4]



*L-arma tal-Gran Mastru Ramon Perellos Y Rocaful*

Perellos kien devot kbir tal-Madonna tal-Mellieħa u benefattur tas-Santwarju. Ġara li fl-1708 inħakem minn marda qalila, tant li kien se jmut, talab lill-Verġni Marija u bl-interċessjoni tagħha fieq għalkollox. Biex jiżżi ħajr lill-Madonna, il-Gran Mastru Perellos irregala lis-Santwarju lampier tal-filugranu, li għadu jinsab fis-Santwarju sal-lum il-ġurnata, mitt skud u rigali prezzjużi oħra.[5]

Fi żmien il-Gran Mastru Perellos, jiġifieri, fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu 18, bis-saħħa tar-retturi Dun Benedittu Vassallo mill-Għarb, Għawdex (1702-1709) u Dun Fabrizju Busuttil mix-Xewkija (1709-1720) is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa ġie rranġat u mkabbar. Hekk, ngħidu aħna, nsibu li:

a) fl-1702 ġiet irrestawrata l-pittura fis-saqaf, kif ukoll l-arma tal-istess Perellos u tal-Isqof;
b) fl-1710 inxtara arloġġ għas-sagristija tal-istess santwarju;
ċ) darbtejn, fl-1710 u bejn l-1713 u l-1714, is-Santwarju tkabbar, fosthom b'kappella oħra, biex ikun jista' jilqa' aktar fidili; u
d) bejn l-1717 u l-1719 sar fih xogħol ta' bini, fosthom prospettiva tal-ġebel, li tqiegħdet quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa u żewġ entraturi u l-faċċata li tħares lejn il-Lvant; xogħol fil-kmamar tal-pellegrini, faċċata tal-entraturi, u xogħol ieħor fiċ-ċimiterju tiegħu.[6]

Dan ix-xogħol kien iqum ħafna flus. Biss biss, ix-xogħol ta' bejn l-1717 u l-1719 ġie jiswa 1346 skud u kien jinkludi, fost oħrajn, tqattigħ u ġarr ta' ġebel minn Kemmuna u ġarr ta' 110 barkati ta' xorok, ġir u materjal ieħor għat-tikħil, tibjid u tqegħid ta' bibien u twieqi minn San Ġiljan. Ix-xogħol tmexxa mill-imgħallmin Duminku u Ġanni Żammit minn Ħal Luqa, b'tal-ewwel iħożż ukoll id-disinn tal-prospettiva msemmija.[7]

Biex jinġabru l-flus meħtieġa għall-aħħar xogħol imsemmi sar ħafna ġbir fil-knejjes tad-djoċesi kollha. Fis-Santwarju kien hemm il-kaxxa tal-elemożina. Din kienet tinfetaħ darba fis-sena, fil-festa tal-Bambina, u minnha kienu jinġabru bejn 30 u 50 skud fis-sena. Kaxxa oħra kienet tiddawwar waqt il-quddies, dik li kienet tissejjaħ "tal-offerta".[8] Nafu wkoll li matul is-sena kienu jitqaddsu 20 quddiesa fis-Sibtijiet, imħallsa mid-dħul mill-binjiet tal-Kavallier Claudio de Sales.[9] Mill-imgħax fuq is-26 kapital li kienu jappartjenu lis-Santwarju nġabru 216-il skud u l-Gran Mastru Perellos fis-7 ta' Lulju 1717 offra mitt skud oħra. Għall-istess għan, waqt il-pellegrinaġġ tas-27 ta' Marzu 1718 inġabru 78 skud, 5 tarì u 4 grani,[10] u fis-26 ta' Mejju 1719, l-Isqof Ġakbu Cannaves ħareġ editt lill-knejjes kollha li fih appella biex issir ġabra b'risq it-tkabbir tas-Santwarju u biex issir pjanura quddiemu. Il-ġbir fil-knejjes għal dan il-għan sar xi ġimgħa wara.[11]



*Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa*

Mal-ġbir imsemmi, sors ewlieni ta' dħul, li għen biex jitħallsu l-ispejjeż tax-xogħol li sar lis-Santwarju u l-binjiet ta' madwaru kienu d-diversi donazzjonijiet oħra li taw kavallieri u kaptani ta' xwieni u iġfna tal-Ordni u tal-kursara Maltin. Fl-1700 il-Gran Mastru Perellos irriforma l-flotta tal-Ordni. Minn tmien xwieni, il-flotta tal-Ordni niżżilha għal ħamsa u magħha ħoloq skwadra oħra ta' erba' vaxxelli. Ir-riforma tat il-frott għax permezz tal-ħbit bil-vaxxelli u bċejjeċ tal-baħar oħra nqabdu għadd ta' prejjeż, fosthom frejgati, vaxxelli, tartani u bastimenti oħra tal-gwerra u merkantili, l-aktar Tuneżini, Alġerini u Torok[12], u minn dan il-ġid ibbenifikaw bosta opri artistiċi, binjiet militari u postijiet reliġjużi bħas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Hekk, ngħidu aħna, f'Ottubru tal-1716, mill-bdil ta' flus Torok miksuba fi ħbit ta' dix-xorta, il-Prokuratur tas-Santwarju daħħal 10 skudi filwaqt li f'Lulju tal-1717 minn attakki simili, is-Santwarju ngħata madwar 105 skudi. Barra minn hekk fl-1716, il-prokuraturi tas-Santwarju Bartoli ħallsu 1 skud u 9 tarì għal sitt kaxxetti tal-landa biex ikunu jistgħu

jinġabru flus għas-Santwarju fuq il-vaxxelli tal-kavallieri u l-imriekeb, il-frejgati u x-xambekki tal-kursara Maltin[13] u proprju f'ġabra tipika f'Ottubru 1718, minn fuq ix-xini tal-Ordni tal-Kavallier Giuseppe Picinelli, inġabru 10 skudi, 8 tarì u 5 grani għas-Santwarju.[14]

L-ark trijonfali li jagħti għall-bitħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa nbena fl-isfond tal-ġrajjiet imsemmija hawn fuq, fl-aħħar snin tas-saltna tal-Gran Mastru Perellos. Din is-sena l-Parroċċa tal-Mellieħa qiegħda tfakkar it-300 sena mill-bini ta' dan l-ark. Ejja nkunu kburin b'dan il-wirt storiku u reliġjuż uniku, ngħożżuh u nieħdu ħsiebu. L-ebda kappella jew knisja oħra f'Malta u Għawdex m'għandha l-istess karatteristiċi arkitettoniċi tal-bitħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa!

**Referenzi**


1. Mifsud, Ġ. (1987) *Il-Madonna tal-Mellieħa*. Parroċċa tal-Mellieħa, Printwell Ltd, p. 44 u Muscat, J. (2009) *L-Istorja tal-Mellieħa Dati Storiċi*. Kunsill Lokali, Mellieħa, Ħannieqa Kotba Melleħin, Bestprint, 1718-1719.
2. Brittanica.com *Triumphal Arch*. https://www.britannica.com/topic/triumphal-arch, kif moqri fl-10/8/2019.
3. Grima, J.F. (2001) Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530-1798, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Kullana Kulturali, Europrint, p. 181.
4. Ibid. p. 167-184.
5. Mifsud, Ġ. (1987) *Il-Madonna tal-Mellieħa*. Parroċċa tal-Mellieħa, Printwell Ltd, p. 41.
6. Ibid. p. 40 – 43 u Muscat, J. (2019) *Personaġġi Magħrufa li għamlu ġieħ lis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa*. Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, it-Tieni Volum, Kunsill Lokali, Mellieħa, p. 98-99
7. Mifsud, Ġ. (1987) *Il-Madonna tal-Mellieħa*. Parroċċa tal-Mellieħa, Printwell Ltd, p. 43
8. Ibid. p. 37-40.
9. Ibid. p. 43 u Muscat, J. (2009) *L-Istorja tal-Mellieħa Dati Storiċi*. Kunsill Lokali, Mellieħa, Ħannieqa Kotba Melleħin, Bestprint, 1694.
10. Muscat, J. (2009) *L-Istorja tal-Mellieħa Dati Storiċi*. Kunsill Lokali, Mellieħa, Ħannieqa Kotba Melleħin, Bestprint, 1718.
11. Ibid. 1719
12. Grima, J.F. (2001) Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530-1798, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Kullana Kulturali, Europrint, p. 171-175.
13. Muscat, J. (2009) *L-Istorja tal-Mellieħa Dati Storiċi*. Kunsill Lokali, Mellieħa, Ħannieqa Kotba Melleħin, Bestprint, 1716.
14. Muscat, J. (2019) *Personaġġi Magħrufa li għamlu ġieħ lis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa*. Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, it-Tieni Volum, Kunsill Lokali, Mellieħa, p. 98-99



**Marianna Stationery**

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.



**SANTA MARIA**
**Service Station**
Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**






General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com


PARADISE BAY
RESORT
THE PERFECT GET-AWAY FOR A UNIQUE DINING EXPERIENCE!
K LOUNGE
bar and restaurant
The K-Lounge, within the Paradise Bay Resort, offers an a la carte menu, serving salads, pasta, pizza, grills and desserts with a Mediterranean influence within a relaxed, friendly atmosphere and breathtaking views.
For bookings please call 21 521166
info@paradise-bay.com
Find us on
www.paradise-bay.com

Green Valley
Triq il-Fortizza Mellieħa,
Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874
E-mail: greenvalley.ra@gmail.com
This Discount Store with
daily Fresh Fruit and vegetables!
We are open 7 days a week
from 6.30am till 8.00pm
Sundays and public Holidays
from 8.00am till 1.00pm
We do free deliveries
Join our loyality card!




Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes,*
*starting from €7.50 per meter.*
*We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers*
*& fittings, water heaters, etc...*
*Clearance sale on various bathrooms accessories like,*
*shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at**
**37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**



# Home is where the heart is

Brian Roberts

2019 was for my wife Kate and I very momentous and emotional year.

The most important, of course, was our decision to move back to the UK after over 20 very happy years living in Malta, which we have been proud to call home. I mean that in a very serious way. We have been asked on numerous occasions if we would ever move from Malta and the answer would be “you never know”, but in reality we would mean never. It just wouldn’t happen.

Over the years we have met many wonderful people who have meant so much to us in so many ways. People who have been more than friends, people who have been there during good and not so good times, people who have inspired us with their encouragement to achieve a sense of attainment and contentment. They have allowed us to be part of their families and lives. Unfortunately, many are no longer with us, but their memories will remain forever.

It is true that Malta is a very different country to the one I visited over 50 years ago. The pace of life was much slower and even simpler, but I don’t think the Maltese people have changed that much. The night Kate and I walked into the Imperial Band Club changed our lives and the direction of our future forever. The Band was rehearsing under John Mamo upstairs, and I was immediately invited to play. That was in 1998, and the rest is history.

The Maltese people have been very special gifts. They do not prejudge people. You are accepted on face value. Nobody asks awkward questions and provided respect is shown to them, respect will be reciprocated back ten times over. There is of course good and bad in every nation. Malta does have its share of bad, but thankfully they are in the minority. The Maltese have an ability to be forgiving, which sometimes I couldn’t understand. Maybe it’s their religious upbringing that allows good and evil to be treated on equal terms. I don’t know. Maybe it’s part of that legacy we call history which affected so many generations of Maltese people, where forgiveness and acceptance was the only answer to understanding and working towards the future.

Many questions are asked about what the future holds for Malta. Questions rightly asked. What about overcrowding, gridlocked traffic and a demand on resources on such a small island which will inevitably cause massive problems to the wellbeing and prosperity of all who live on this beautiful island. Let’s hope that the “power brokers” have the foresight to manage the future to the benefit of all.

Okay, so why did we decide to move back to the UK? It wasn’t an easy decision for both of us, but in the end it came down to three little words: “it was time”. It had nothing to do with Malta. It is a strange thing, but as you get older our attachment to our country of birth is stronger than ever. Over the years we have met many expat Maltese who have told us the same. It doesn’t matter how long you have lived in Australia or Canada, Malta will always be home.

Yes, we will miss living in Malta. I know I will have a heavy heart when it comes to the time of the Feast. Kate and I will shed a massive tear when we hear of the passing of people who have meant so much to us.

However the future is not dead. One thing is certain, that no matter where the heart is, we will be back.

A very happy Festa to everyone.



# Esebizzjoni 'Iċ-Ċaħda'

Ryan Micallef

Waħda mill-attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial tul din l-aħħar sena kienet wirja marbuta mat-tema tal-Ġimgħa Mqaddsa bl-isem ta' 'Iċ-Ċaħda'. Attività bħal din tirrikjedi ħafna ħsieb u preparamenti u għalhekk kif bdiet is-sena bdejna naħdmu biex naraw li dan il-proġett isir realtà.

Sa mill-bidu ħsibna biex din il-wirja tkun kemmxejn differenti minn wirjiet oħra li nsibu fil-Mellieħa. Għalhekk iddeċidejna biex parti mill-wirja tkun xena mill-Bibbja rrappreżentata b'figuri *life-size*. Għażilna l-episodju fejn San Pietru ċaħad lil Kristu, episodju importanti fil-ġrajja tal-passjoni li xi kultant jintesa. Dan l-episodju kellu jiġi rrappreżentat bil-figuri ta' Kristu u ta' San Pietru nnifsu. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Edmund Camilleri, Vince Parnis u Carmen Vella li taw l-għajnuna sħiħa tagħhom biex jinħadmu l-manekini u jinħietu l-ħwejjeġ tagħhom. Idea ġġib lill-oħra u minn hemm bdejna naħsbu fuq ix-xena li għandha ddawwar il-figuri.

Bl-għajnuna tal-ħbieb tagħna Clayton Vella u Michael Cauchi bdejna nibnu x-xena, attenti għal kull dettall biex naraw li din ix-xena tinbena bl-aħjar mod possibbli. Din ix-xena kompliet tiżżewwaq bi ftit dawl addattat u mużika gregorjana li joħolqu atmosfera sagra. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil Carl Caruana minn *CLD Lighting* għad-dawl li kkumplimenta sew ma' din ix-xena.



Din il-wirja kompliet tiżżewwaq b'wirja oħra: sett ta' vari artistiċi ta' John Sammut flimkien ma' xi pitturi fuq l-injam ta' Ġiġi Gauci. B'hekk il-wirja offriet post għal xogħlijiet differenti minn diversi Melleħin li kellhom iċ-ċans jesebixxu x-xogħol u t-talenti tagħhom lill-bqija tal-komunità Melliħija.

Il-ftuħ uffiċjali sar nhar id-9 t'April 2019 mis-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttigieg u tbierket mill-Arċipriet tal-Mellieħa









r-Rev. Dun Joe Caruana. Waqt din is-serata qasira ħadu sehem il-Kor Imperial u s-Sur Ġanni Camilleri, li kien mistieden biex jaqra l-poeżija tiegħu stess bl-isem 'Iċ-Ċaħdiet ta' Pietru'. Għalhekk nixtieq ngħid grazzi lid-Direttriċi tal-Kor, lill-koristi u lill-ħabib tagħna Ġanni tas-sehem tagħhom fil-ftuħ ta' din il-wirja. Fil-ġimagħtejn tal-wirja, il-konkorrenza tan-nies kienet waħda konsistenti b'diversi nies li ġew iżuruha.

Il-kummenti li rċivejna mingħand in-nies li ġew iżuru din il-wirja kienu pożittivi ħafna. Dan jimla lilna ż-żgħażagħ bil-kuraġġ u bl-entużjażmu biex inkomplu naħdmu u nirsistu dejjem iktar favur il-komunità Melleħija u l-Għaqda għażiża tagħna.

# Iċ-Ċaħdiet ta' Pietru

Ġanni Camilleri

Meta Ġuda bies lil Kristu,
Is-suldati qabdu Fih.
U ħaduh fil-palazz magħhom
Biex in-nies malajr tixlih.

Pietru baqa' miexi magħhom,
Isegwihom ftit mill-bogħod.
U xħin kebbsu n-nar fil-bitħa,
F'nofshom qagħad bil-bard jirtogħod.

Hemm lemħitu waħda mara.
U għajnejha waħħlet fih.
"Dan ukoll kien miegħu, dar-raġel!"
U ħarġet idha biex turih.

Pietru ċaħad u qalilha:
"Dak ir-raġel ma nafux!"
U bħal speċi nħeba naqra,
Biex in-nar żgur ma jikxfux.

Wara ftit għarfu ħaddieħor
Moħbi ftit kif kien bil-friex.
Iżda Pietru reġa ċaħad;
"Le, ħabib, jien żgur miniex!"

Wara siegħa, rah raġel ieħor.
"Galilew dan. Żgur kien miegħu!"
Iżda stqarr: "Ma nafx x'int tgħidli!"
Tah il-ġenb, ma tax kas tiegħu.

Minnufih, is-serduk idden
Kif kien għadu hemm fis-skiet.
U mal-ħarsa li tah Kristu,
Ftakar f'dawk it-tliet ċaħdiet.

Pietru ħareg jibki 'l barra
Għax tassew iddispjaċih.
Qalbu ħassha se tinqasam,
Għax bil-kbir ħass l'offendih.

Nista' wkoll niċħad lil Kristu,
Mhux daqs Pietru, tliet darbiet,
Iżda għal ħafna drabi aktar;
Meta naqa' f'tant dnubiet.

*(Meħuda mill-ktieb ta' Ġanni Camilleri (2009)*
*"Poeżija: Għalikom minn qalbi" 1el Volum.)*

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



# Awguri!

Onorevoli Evarist Bartolo
*Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol*

Sena oħra reġgħet magħna u bħal kull sena l-preparamenti u l-entużjażmu ma naqasx. Nixtieq nawguralkom tal-impenn qalbieni lejn il-festa u tax-xogħol li ilu għaddej matul dawn l-aħħar xhur. Persważ li mingħajr il-ħidma tal-voluntiera, festa bħal din ma tkunx tista' tittella'. Il-messaġġ tiegħi huwa sabiex tirrenja l-għaqda fir-raħal sabiex ilkoll ingawdu l-festa tagħna b'mod xieraq.

Nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lil kulħadd!

**L-Għaqda Mużikali Imperial**

**qegħda tniedi l-Proġett**

***"Nibnu profil tal-membri tal-Għaqda tagħna"***

**biex b'hekk inkomplu nsaħħu l-Għaqda tagħna u noffru esperjenza unika tal-volontarjat lill-membri.**

Ħu sehem int ukoll billi timla l-kwestjonarju li se tirċievi d-dar fil-jiem li ġejjin.

*Grazzi bil-quddiem!*

**The Imperial Band Club**

**is launching the Project**

***"Establishing a profile of the Club's membership base"***

**to continue strengthening our Club and to offer a unique experience of volunteering to our members.**

Be part in this project by filling up the questionnaire that you will receive in the coming days.

*Thank you in advance!*

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-iskema Small Initiatives Support amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.*

Small Initiatives Support Scheme

Malta Council for the VOLUNTARY SECTOR

# ALKOVA

SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**

**TONY'S BAKERY**

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

***Tel: 2152 3432***
***Mob: 9945 1519***
***99451514***

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin kollha l-Festa t-Tajba

# DINGLI BUTCHER

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in**
**Maltese & European Fresh Meat,**
**Marinated Meats and Poultry,**
**Fresh made Kebabs,**
**Home Made Sausages & Burgers,**
**Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

*Free Delivery*




# Tower Ladder Services

Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678



# Ja alla tal-ħadid

Paul P. Borg

*"ja alla tal-ħadid" hi ġrajja mnebbħa mid-dramm mużikali "Naħal tal-Imħabba" li l-awtur kiteb fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Il-lirika tal-awtur kienet mitbugħa fi ktieb bl-istess isem u kienet immużikata mill-kompożitur Mellieħi Philip Vella.*

*Fid-dramm l-awtur jistaqsi żewġ mistoqsijiet importanti: kemm lest il-bniedem Malti jaċċetta nies ta' lewn ieħor, jekk dawn ikunu ħarbu l-mewt u l-vjolenza ta' arthom? Kemm lest il-bniedem Malti jiddefendi l-ambjent naturali u jwasslu qawwi u sħiħ lil ġenerazzjonijiet ġejjiena?*

1

Madwari nara nies ta' lewnhom abjad, ilbieshom abjad. Il-lożor bojod. Is-saqaf abjad. L-art bajda.

Mal-ħajt abjad hemm salib u ftit ħadid mgħawweġ forma ta' raġel imsallab fuqu

Fejn kont?

Madwari kwiet u kalma, riħa ta' ndafa, sħana komda u dawl sabiħ. Hemm tieqa u sema kaħla, vażett bil-fjuri bojod.

Ma nafx kontx rieqda, jew imqajma. Ma nafx kontx mejta.

Imma f'daqqa waħda bdew ġejjin tifkiriet tal-biża'. Qalbi tqalet, u bdejt nibki.

Jersaq raġel żagħżugħ lejja, tbissima li qatt ma kont rajt f'ħajti, mimlija mħabba. Liebes l-abjad. Bluża bajda.

"Kif inti?" jistaqsini.

Qed nara ramel madwari, nies ikaxkru saqajhom, ma nistax niċċaqlaq aktar, nara lil ommi quddiemi mdawra bis-suldati, intiena li ma nistax infisser, ħija ż-żgħir imgeddes magħha, għajnejh kbar imberrqin kollhom twerwir, jien minxura fuq ir-ramel.

Xi ħadd qed joqmos fuqi u jien muġugħa, jiena nokrob, ommi mbikkija, ħarsitha f'tiegħi, għajnejha mank demgħa ma jistgħu jnixxu għax ilma f'ġisimha ma baqgħalhiex. Għajnejha jitolbuni maħfra talli webblitni b'art tal-ħniena, art tal-kenn. Għajnejn ħija ż-żgħir ċassi fuqi biż-żlieġa niexfa ta' xemx li qed tixroblu ħajtu ċkejkna, ma jifhimx x'qiegħed jagħmel dak is-suldat imneżża' fuqi, ma jafx jiena għaliex imneżżgħa, ma jafx fejn tinsab din l-art tal-ħniena li kienet issemmielna ommi. Ħija jħares lejn ġismi iswed għeri fuq ir-ramel abjad u jaħraq, ommi ddawwarlu wiċċu, is-suldati ħdejha jidħku jżommulu wiċċu lejja, għajnejn ħija f'ħarsti jistaqsini x'qed jagħmluli. Hemm għajjat madwari, daħk u ħsejjes strambi mis-suldati madwarna mar-ritmu ta' dak is-suldat fuqi.

Ma' kull daqqa ġismi jitballat mar-ramel taħti. Ma' kull daqqa għajjat salvaġġ. Ma' kull daqqa x-xemx tleqq fuq ħarsti, issa tidher, issa le, issa tidher, issa le.

Nifs is-suldat jgħaġġel jgħaġġel jgħaġġel, imbagħad ġie ieħor floku.

U ieħor.

U ieħor.

Jien nixtieq nibki, imma dmugħ m'għandix, ma fadallix. Irrid ngħatti ġismi sewwa. Irrid ngħatti sidri sewwa. Inġebbed il-lożor bojod madwari, ma nafx humiex pajpijiet madwari, ma nafx hux ramel madwari. Ma nafx f'daqqa waħda għaliex m'hemmx ir-riħa ta' dak is-salvaġġ fuqi. Ma nafx din ir-riħa ta' kalma u paċi f'daqqa waħda mnejn ġejja. Irrid lil ommi, irrid dik l-art tal-ħniena li kienet tkellimna fuqha qabel ħrabna mill-villaġġ.

Dak ir-raġel liebes l-abjad, wiċċu tal-ħniena, imellisli xagħri, jagħfasli idi bil-ħlewwa, jixxuttali d-dmugħ, jikkalmani, iżiegħel bija, idejh ma' wiċċi, imellisli wiċċi bi ħlewwa li qatt ma kont nemmen li tista' tkun fi bniedem.

Imma jien ma rridx raġel ieħor. Dak li ġara fid-deżert ma nistax ninsieh. Dak li ġara fil-ġungla ma nistax ninsieh. Ma jkun qatt li jkolli raġel ieħor f'ħajti. Ma jkun qatt li jkolli qribi raġel ieħor. Ma rridhomx lis-suldati jirtogħdu fuqi. Ma rridx raġel f'ħajti. Qatt aktar. Ma rridx raġel fi ħsiebi. Ma rridx raġel ġo qalbi. Ma rridhomx iħarsu lejja lil ommi u lil ħija jaraw raġel wara raġel jistrieħu fuqi.

Imma ommi u ħija fejnhom?

Dak ir-raġel abjad ikellimni bl-Ingliż. L-Ingliż kienet għallmituli soru bajda li kienet tkellimni fuq il-ħniena, fuq il-maħfra u s-sliem. Fuq alla mdendel ma' salib.

"You are safe now," jgħidli r-raġel żagħżugħ bil-ħlewwa. "Jiena tabib, it's ok… Nieħdu ħsiebek aħna… hawnhekk safe… stop crying…"

Idejh jagħfsu lil tiegħi.

Fejn kont?

Ħarsti nqabdet mill-ħarsa ta' dan ir-raġel magħlub bin-nuċċali mżerżaq fuq imnieħru; ħarstu ma telqitnix. Lili ma jafnix. Lilu ma nafux. Imma xorta għajnejh ħatfuni, idejh ma jridux jitilquni.

Ma nafx x'qed inħoss.

X'sa jsir minni?

X'sa nagħmel?

2

Bħalissa għaddej minn martirju kbir li qatt ma ħlomt li nista' nsib ruħi fih.

Ilni sena tabib, ferħan li rnexxieli nilħaq. Ommi u missieri għandhom bokka kbira għax qatt ħadd mill-familja tagħna ma kien mar l-università aħseb u ara kemm seta' xi ħadd minnhom jilħaq tabib. Niesi u għeruqi minn Għajn Żejtuna, trabbew fir-raba' saqwi li kien hemm. Lin-nannu ħadulu r-raba' ftit ftit u missieri kellu jara x'jagħmel u flok bdiewa tgħallimna l-iskola: u jien sirt tabib! Kienu nies twajba dawk il-bdiewa, jaqalgħuha u jikluha, imma qatt ma ħolmu li mir-raba' saqwi li ħatfulhom setgħu jimxuha sal-università…

Imma bħalissa għaddej minn taħwida li qatt ma stennejt. Qed jitkisser il-ħolm li kelli għal quddiem: li nsib tfajla u nħobbha, niftiehmu, nixtru dar u niżżewġu. U kelli tfajla mill-Mellieħa, ilna ftit noħorġu flimkien, tfajla ħelwa, xebba minn nies sewwa. Nannitha kellha boton tfal, kollha bdiewa bħan-nanniet tiegħi, kollha jaħdmu l-art bħan-nanniet tiegħi, għeruqha wkoll minn Għajn Żejtuna.

Issa d-dinja madwari kont qiegħed naraha titbiddel u l-ħolm tiegħi f'daqqa waħda jitqalleb u jsir ħolm ġdid li qatt ma bsart.

Qallbitli moħħi din it-tfajla sewda li ħadt ħsiebha meta ġabruha mill-baħar xi ħames mili 'l barra minn Malta u ġabuha l-emerġanza għoddha mejta.

Ma nafx x'ġara, malli fetħet għajnejha u ltaqgħu ma' tiegħi, ma nafx x'ġarali. U s'issa għadni ma nafx sewwa x'inhu dan tiegħi. Naf li ħabbejtha. Jekk fuq kollox din hi mħabba. Imma tkellimna mill-ewwel bi qlubna qabel ma lissinna mqar kelma waħda. Naf li ħabbitni. Inħoss li ħabbitni. Issa għajnejna jitkellmu ċar biżżejjed. Ma nistax nifhem dit-taħwida li ma tħallikx imqar torqod sewwa.

Imma mara sewda. Afrikana. Misterjuża. Ma naf xejn fuqha, xejn. Kif nista' nibqa' nħammem fuqha? Kif nista' ma nistaqsix sewwa mnejn ġejja? Min hi? Għaliex nara biss din qalbi xi trid u xi tħoss?

X'inhu dan tiegħi li ma nistax ħlief naraha b'qalbi?

Għaliex jien lilha rrid? Għaliex jien lilha nixtieq?

U t-tfajla bajda mir-raħal li xħett ħarsti fuqha u li ilni magħha ftit sewwa, x'sa jsir minnha?

Il-mistoqsija misħuta.

X'sa nagħmel?

X'sa jsir minni?

3

Mewġ iswed kullimkien.

Issa qed nara mewġ qalil u salvaġġ, mewġ iswed u kiesaħ jissabbat mal-ġenb tad-dgħajsa, jgħolliha, u f'daqqa waħda jitlaqha maqluba mill-għoli bla ħniena ta' xejn. Baħar iswed madwari niggranfa mal-ilma kiesaħ, ħataf l-ilma iswed iswed, nitla', ninżel, nerġa' nitla' fil-wiċċ u nisma' twerżieq u għajjat.

U nerġa' ninżel.

U ħemda kbira.

U nerġa' nitla'.

Twerżiq u daqqiet tal-mewġ salvaġġ mad-dgħajsa.

Il-mewġ iswed, ir-riħ iswed, id-dlam iswed.

Ommi u ħija ma jidhrux.

Qed nibki, u qed nibża', imma ħdejja hawn ir-raġel bil-bluża bajda jdur bija, imellisli xagħri, jgħannaqni, jikkalmani. Imbagħad smajt lil ommi f'daqqa waħda, ħarsitha mwaħħla f'ħarsti, waqt qasir qasir, titlobni maħfra talli kienet webblitni b'art ħanina, titlobni nieħu ħsieb ħija…

Ħija kien ħdejha, issa jidhru, issa ma jidhrux.

Ridt nersaq lejhom, ridt naqbad il-vojt tal-mewġ iswed, niġbed l-ilma kiesaħ, ħija niżel, ħija tela', jitlob lil ommi tfissrilna xi tkun art tal-ħniena, ħija niżel, ħija tela'.

Imbagħad qatgħu 'l barra hu u ommi, aktar 'il barra, aktar 'il barra, ma nistax nasal ħdejhom, issa jidhru, issa le… issa jidhru, issa le…

Imbagħad ma rajthomx.

Iż-żagħżugħ ħdejja jżiegħel bija.

"Ok…Ok… please don't cry…"

Imbagħad ma rajthomx aktar…

Imbagħad ma nafx x'ġara.

4

Issa għaddew ġa sitt xhur minn meta waslet Malta. Kellimtha kemm-il darba, imma qatt ma tagħtni wiċċ. Intebħet żgur li xtaqtha tkellimni u wiċċha iswed xorta jiddawwal malli nersaq lejha. Ippruvajt nuri interess fiha, ħarsitha tixtieq tkellimni aktar, tixtieq li nkunu ħbieb, imma f'daqqa waħda tinġibed, ħarsa ta' niket li ma nistax nifhem, tagħlaq ħalqha, u titlaq lil hemm.

Ħarsitha mnaffra, ħarsitha mgerrxa, ħarsitha mbażżgħa.

"Nirranġalek biex tibda taħdem l-isptar," kont għedtilha. "Imqar tnaddaf…"

Kienet ferħet. Għedtilha noħorġu flimkien, nurik il-kampanja, nurik il-Belt, nurik ix-xemx nieżla…

Imma ħarsitha tinkiser f'salt, dmugħ misterjuż jinżel ma' wiċċha iswed iswed, ġmiel iswed iswed, rasha tistrieħ fuq spallti.

Ixxengel rasha.

"You don't undersatnd…" tgħidli mbikkija.

Immelsilha wiċċha, nimsħilha d-dmugħ.

"It cannot be… it cannot be…"

Għajnejja wkoll kollha dmugħ.

"Please let me go…" tgħidli qalbha maqsuma.

U titlaq.

Hekk, taqbad u titlaq.

Għaliex ma tridx taf bija?

X'għamiltilha?

**5**

Ma nafx x'qed jiġri fija. Ma nafx x'inhu dan tiegħi.

Qed naqsamlu qalbu lil daż-żagħżugħ, rajtu jibki meta warrabtu, imma ma nixtieqx nibda relazzjoni ma' raġel ieħor f'ħajti. Lanqas f'din l-art ħanina.

Raġel ieħor ma rridx f'ħajti.

Ma nafx x'inhu dan tiegħi.

Ma nixtiequx.

Imma rridu.

Qatt ma nafni hekk mifxula.

Nitlob lil dak alla tal-ħadid forma ta' raġel imdendel ma' salib iwarrabli dar-raġel minn ħajti.

Isir jafni jistkerraħni, jintebaħ li jien maħmuġa, ġismi mgħoddi u żverġnat, ġismi mkagħbar ġa użat.

Nagħrafha ħarstu dat-tabib żagħżugħ. Ma rridux jixtieq minn għandi l-ulied li tista' tagħtih mara bajda - għax jiena sewda, jiena maħmuġa, jien laħam jinten, ġismi wżat, jien laħam skadut, laħam maqtugħ, laħmi tal-ġungla, laħmi salvaġġ.

Jien laħmi iswed, ja alla tas-salib.

Jien laħmi jinten, ja alla tal-ħadid.

Jiena salvaġġa, ja alla tal-ħadid.

Kif jista' jħobbni daż-żagħżugħ abjad, kif nista' nħallih iħobbni, ja alla mdendel mal-ħajt? Kif nista' nidħol f'qalbu jekk lili ma jafnix? Kif nista' nħallih isir jafni biex jibda jistkerraħni? Kif nista ndaħħlu f'qalbi biex imbagħad iwarrabbni? Kif nista' nħalli 'l qalbi tħobbu biex imbagħad iwarrabni? Kif nista' nħallih jidħol f'qalbi biex imbagħad isibni wżata, isibni mġarrba darba, darbtjen, tlieta, għadd ta' drabi?

X'isir minni mbagħad?

Qalbi tridu, qalbi tħobbu, imma ma rridx ningannah.

X'sa nagħmel ja alla tal-ħadid imsammar ma' salib?

Urih lil dat-tabib li jiena sewda maħmuġa, iswed imdennes u maħmuġ ja alla mdendel mal-ħajt abjad, fiehemu lil dat-tabib żagħżugħ li jiena qaħba sewda ja alla tal-ħadid, urih li jiena mġarrba, mara mgħoddija, li jien sewda salvaġġa.

Jien demmi jinten.

Demmi tal-ġungla.

Demmi salvaġġ.

Jien demmi iswed.

X'sa nagħmel ja alla tal-ħadid?

**6**

Il-karozza waqfet fil-wesgħa quddiem il-Madonna tal-Aħrax. L-ilwien ta' xemx nieżla, il-ħoss taċ-ċafċifa hemm taħt, il-fwieħa taż-żiffa ħelwa. Kollox żied mal-eċċitament ta' żagħżugħ irqajjaq, wiċċu mixrub, in-nuċċali jiżżerżaq fuq imnieħru, għadu kif laħaq tabib.

Ħdejh hemm tfajla barranija, sewda, ġmiel iswed iswed; wieqfa u mibruma, misterjuża u mbażżgħa. Iż-żagħżugħ ħajjitha ma jafhiex, ġrajjitha ma jafhiex, imma xorta waħda ried tabilfors joħroġ magħha - u fl-aħħar aċċettat li toħroġ miegħu.

Hi mistħija, ħarsitha ta' mogħża mnaffra. Ħarsitha mgerrxa. Ħarsitha fakkritu fil-ħarsa tal-mogħża li kien fadlilha nanntu. Kienet mogħża sabiħa, b'sider dejjem mimli ħalib, imma lewnha iswed ukoll, kien iqatta' ħin twil jittantaha jiġri warajha fil-maqjel. Jew ta' fenek imrekken iħares mikdud, qalbu sewda għax ma jistax isib mnejn jaħrab u jmur fejn imur donnu kien jaf li hekk jew hekk kienet magħmula tiegħu.

Iż-żagħżugħ jażżarda jaqbdilha jdejha lit-tfajla biex jimxu ftit, id f'id.

Wiċċha iswed iswed, Alla hekk ħalaqha; imma jaf li qalbha mimlija demm aħmar aħmar, qalbha tħabbat u tħabbat bih ħdejha malli tħoss subgħajh ma' tagħha.

Wiċċu abjad hu, ukoll jekk maħruq bix-xemx, imma qalbu mimlija demm aħmar aħmar, qalbu tħabbat u tħabbat biha ħdejh malli jħoss idha mitluqa f'tiegħu.



# Success doesn’t find you, you have to go out and get it

Pippa Roberts

Patience is a virtue, so the saying goes, and Steven Fenech and Sarah Farrugia have proved this to be true. Steadily in the last year they have climbed the ladder to the top, taking part in International competitions once again. In November 2018, they danced in the Malta Open Dance Spectacular, which attracted 16 countries and were placed 3rd. After intensive training during the winter with their coach Pippa Roberts, they were placed 3rd in the Latin Class 2 at the Holland Dans Spektakel, which is one of the biggest competitions in the world. Following this they were placed $1^{st}$ in the Mainhatten Cup Championships in Germany in June. Two weeks later they took part in the World Cup in Denmark and were placed $2^{nd}$. At the beginning of July they participated in the Manchester Grand Prix where they were placed $1^{st}$. They were also invited to perform at the opening of a new dance studio in Reading UK, which was greeted with great enthusiasm as many of the guests had never seen wheelchair dancing.

Steve is looking forward to continuing competing. He also goes to the gym on a regular basis to stay fit. And with the media saying how important it is to dance as it keeps people healthy, he is a living proof and encourages parents to get involved with their children and dance. Young couples who like dancing can still enjoy it even if one is in a wheelchair, thus enjoying parties to the full. Anybody wishing to sponsor Steve and his partner should contact the Malta Wheelchair DanceSport Association as the expenses involved due to the cost of air fares and hotels are high and something that other countries can often avoid.







For more information you can contact
the Secretary Steve Fenech at:
**maltawda@yahoo.co.uk**
or on the facebook page
**https://www.facebook.com/maltawda**



# Project within the scheme "Festi Inklussivi"

## administered by the Parliamentary Secretary for Persons with Disability and Active Ageing

One of the primary reasons why band clubs were established in Malta is the Village Feast, and these celebrations still play a pivotal role today in any band club's calendar. Making the Imperial Band Club accessible to everyone intrinsically implies making the feast celebrated in Mellieħa more accessible to one and all, an occasion where everyone can participate without having to worry about fundamental issues deriving from physical barriers to mobility.

This project is, in fact, aimed at improving access into the Club from the outside pathway through the installation of a platform lift, providing an easier and a more autonomous access to the Club to wheelchair users and other people having special mobility needs. At present, the Club has two access doors, but in both instances there are one or two steps that need to be climbed in order to enter the building. People making use of a wheelchair and others having special mobility requirements need to rely on assistance from other people in order to help them enter the Club. Through this initiative, the Club will be opening a third door which will replace a window that is currently situated at the front of the building, and install a platform lift that could be used by anyone who cannot access the building by climbing the steps at the other two entrances.

This project is not a standalone initiative to promote accessibility and inclusion of people with different abilities that the Club decided to undertake on the spur-of-the-moment, but it is one in a series of actions that are being taken to underline the Club's culture of full inclusion. It complements further the ethos that the Club has been embracing for a number of years with respect to promoting inclusion of people with different abilities within the Club's structure and providing full accessibility to the Club's premises. At present, all the facilities offered by the Club can be accessed through a lift inside the Club, provided the first hurdle of entering the Club is overcome. This platform lift is thus essential in achieving the goal of removing all physical barriers to accessing the Club's premises, from outside to all the three floors of the Club.

Such an arrangement would be useful not only during the feast days, but will be helpful to anyone throughout the year. The Imperial Band Club organises a number of social, cultural and educational activities within its premises which are open to everyone. This project would further promote the participation of people with mobility problems and of the elderly section of our society, making our Band Club a cradle for the sharing of ideas and experiences between people with different abilities and backgrounds.

The Imperial Band Club intends to continue with its endeavours to promote inclusion. Once this project is accomplished, it will not mean that we have reached a milestone and can hence rest on our laurels. To the contrary, it will only motivate us further to embark on other projects and initiatives that would see the inclusion of people from other sectors of our society who have traditionally been left behind, without having to worry about any physical barriers to accessibility.

FOND FESTI INKLUSSIVI

MWAQQAF MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ U ANZJANITÀ ATTIVA

# L-Għaqda Mużikali Imperial tkompli tgħolli isem il-Mellieħa ’l fuq

Onor. Clayton Bartolo
*Membru Parlamentari – Tnax-il Distrett*

L-Għaqda Mużikali Imperial wieħed jista’ jqisha bħala pilastru tas-soċjetà Melleħija. Wieħed mill-postijiet, flimkien mal-għaqdiet mużikali l-oħra Melleħin, fejn il-komunità Melleħija matul is-snin għarfet tifforma l-karattru u l-fibra soċjali tagħha.

Il-każini tal-baned minn dejjem kienu bejta ħajja ta’ attività, u mhux b’inqas illum il-ġurnata. Attività li tiġbed lejha nukleu ta’ persuni li għandhom għal qalbhom il-kultura u fuq kollox il-Mellieħa, għaliex kull meta xi għaqda mużikali Melleħija tagħmel ħoss tkun qegħda dejjem iżjed tgħolli ’l fuq isem il-Mellieħa. Minn dan kollu l-Għaqda Mużikali Imperial qatt ma naqset, anzi, dejjem rat kif għamlet u b’sehemha f’diversi attivitajiet, saħansitra fuq skala nazzjonali, uriet il-livell kulturali u mużikali għoli li tħaddan fi ħdanha.

U huwa propju għalhekk li l-għaqdiet mużikali Melleħin jixraqilhom kull forma ta’ appoġġ. Appoġġ li jgħinhom ikomplu għaddejjin b’ħidmiethom sabiex jgħallmu l-mużika lill-allievi u fl-istess ħin ikomplu għaddejjin bid-diversi servizzi tagħhom ta’ matul is-sena.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol u l-appoġġ tagħhom b’risq il-Mellieħa matul is-snin li għaddew, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta’ dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta’ djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma imprezzabbli b’risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi tkompli tavvanza ’l quddiem u tkompli tistabilixxi ruħha bħala forza fil-qasam kulturali.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Maria Bambina!

C. Vella & Sons Ltd.

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha ● Tel: 21520883 ● Mob: 99498855 ● cvellasons@gmail.com





## Qari mid-Diskorsi ta' San Ġwerriku Abbati

# Marija Omm Kristu u Omm l-Insara

Mons. Mosè Debono

Marija wildet Iben wieħed li, bħalma Huwa l-Waħdieni tal-Missier fis-sema, hekk hu l-Waħdieni tal-Omm fuq l-art. Issa, din l-Omm Verġni, hekk glorjuża li nisslet lill-Waħdieni tal-Missier, tħaddan lill-istess Waħdieni tagħha fil-Membri kollha tiegħu, u Hi tilqa' bil-qalb li tissejjaħ Omm dawk kollha li fihom tara lil Kristu tagħha msawwar jew qiegħed jisssawwar.

Eva tal-imgħoddi kienet aktar omm tal-isem, milli omm tassew, għax lil uliedha għadditilhom il-kundanna tal-mewt, qabel ma tagħthom id-dawl. Tassew li l-Iskrittura ssejħilha *omm il-ħajjin kollha,* iżda aktar għandha tissejjaħ il-qattiela tal-ħajjin, jew omm dawk li huma għall-mewt. Għalhekk, hi ma setgħetx tkun sinjal fidil tat-tifsira ta' isimha; dan is-sinjal seħħ b'mod misterjuż f'Marija, għax din, bħal Knisja, li Marija hi x-xbieha tagħha, hija Omm dawk kollha li jitwieldu mill-ġdid għall-ħajja. Infatti hija Omm dik il-ħajja li biha kulħadd jgħix, u meta tatha lid-dinja, b'xi mod, tat-twelid ġdid li dawk kollha li kienu se jirbħu Biha.

L-Omm Imqaddsa ta' Kristu, għax taf li Hi Omm l-Insara kollha, minħabba l-misteru ta' dan it-twelid, tieħu ħsiebhom u tħobbhom, bħala Omm l-aktar ħanina. Qatt ma twebbes qalbha magħhom, qishom mhumiex uliedha, Hi li darba biss nisslet filġuf, għalkemm ġufha, qatt ma ngħalaq, għaliex baqgħet dejjem tnissel frott it-tjieba u l-ħniena tagħha.

Jekk qaddej ta' Kristu, bl-għemil tiegħu ta' tjieba u ħniena, inissel bla heda wlied *sakemm Kristu jissawwar fihom,* kemm aktar l-istess Omm Kristu, tagħmel dan? San Pawl nissel ulied għalih billi ħabrilhom il-Kelma tas-sewwa, li tathom twelid ġdid; Marija nisslet ulied għaliha b'mod aktar qaddis u divin, għaliex tat lid-dinja l-istess Verb ta' Alla. F'San Pawl, jiena nfaħħar il-ministeru tiegħu ta' tħabbir tal-Kelma ta' Ala; f'Marija, jiena nammira u nqim il-misteru tat-twelid.

U ara kemm l-Insara jagħrfu li Marija hi Ommhom, imqanqlin minn tjieba, li l-fidi tagħmilha qisha ħaġa naturali għalihom: lilHa jsejħulha b'isimHa, l-ewwel u qabel kulħadd, fit-tiġrib u l-ħtiġijiet kollha tagħhom, qishom tfal ifittxu kenn fi ħdan ommhom. Għalhekk, jidhirli li ma nkunx qiegħed ngħid xi ħmerija jekk naħseb li qed tingħad għaliha l-wegħda li għamel il-Profeta: *jgħammru fik uliedek*. Iżda ma rridx ninsa li dan il-kliem tal-Profeta, għandna nifhmuh l-ewwel, u l-aktar għall-Knisja.

Aħna ġa qegħdin ingawdu l-għajnuna ta' Omm Alla l-Għoli, qegħdin ngħammrru taħt il-ħarsien tagħha, għad-dell ta' ġwenħajha, u għad nissieħbu fil-glorja tagħha, imħaddnin magħha. Imbagħad, dan biss ikun il-leħen ta' tifħir u radd il-ħajr, li jinstema': "**Ngħannu ferħana aħna lkoll li ngħammru fik, Qaddisa, Marija, Omm Alla**"

## Talb mil-Liturġija tas-Sigħat fuq it-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija tat-8 ta' Settembru

**Illum twieldet il-Verġni Mqaddsa Marija, min-nisel ta' David. Dawk kollha li jemmnu, raw is-salvazzjoni biHa. Bil-ħajja glorjuża tagħha, dawlet lid-dinja. B'qima kbira niċċelebraw it-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija.**

Ħa jifirħu u jithennew il-ħlejjaq kollha, biex jiċċelebraw kif jixraq dan il jum ta' ferħ kbir. Illum jingħaqdu flimkien fil-ferħ kulma hawn fid-dinja, u kulma hemm 'il fuq mid-dinja. Illum inħalaq u beda jinbena tempju xieraq għal Dak (Alla) li ħalaq kollox. Ilum tħejjiet għamara ġdida u tassew tixraq lil Dak (Alla) li għamel kollox.

Illum niċċelebraw b'qima kbira t-Twelid ta' Marija, Omm Alla, li baqgħet dejjem Verġni. Bil-ħajja mfaħħra tagħha, iddawwal il-Knejjes kollha.

B'qalbna u ruħna nagħtu glorja lil Kristu f'din il-festa qaddisa ta' Marija, l-Omm kbira ta' Alla.

Mulej, agħti lilna, qaddejja tiegħek, id-don tal-grazzja tas-sema, u kattar is-sliem tiegħek fuqna, miġburin għall-Festa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, li ġiebet lil Ibnek fid-dinja bħala Bniedem, u hekk, infetħet għalina t-triq tas-salvazzjoni.





# Is-Sejba ta' Ridott fl-Aħrax tal-Mellieħa

Jonathan Muscat

Bejn l-1309 u l-1522 il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann kienu jwettqu l-ħidma tagħhom bħala infermiera u ġellieda kontra l-Musulmani mill-Gżira ta' Rodi qrib it-Turkija. Bosta slaten Ewropej kienu jaraw l-importanza tal-irwol li kienet taqdi l-Ordni u għalhekk kienu jibagħtu nobbli u flus sabiex jgħinuha. Wara li tilfu lil Rodi u aċċettaw lil Malta, il-Kavallieri bdew jinvestu sabiex ikomplu bil-ħidma tagħhom.

**L-Ordni tinvesti bil-qawwa f'Malta**

F'Malta l-Ordni mill-ewwel bniet sptarijiet, fortifikazzjonijiet, knejjes, saħħet il-flotta u organizzat il-*corso*. Għall-Ordni, id-difiża ta' Malta kienet tinkludi l-bini tal-fortifikazzjonijiet kif ukoll ix-xiri ta' provvisti u armi, taħriġ ta' suldati, ippjanar kif tilqa' attakk u ġbir ta' informazzjoni dwar x'kien qed jiġri barra minn Malta, kollha bl-iskop li jħarsu lil Malta u lill-Ordni. Il-fortifikazzjonijiet tal-kosta kellhom ukoll l-iskop li jgħassu għal dgħajjes ġejjin minn postijiet oħra li kienu jippruvaw jidħlu Malta b'mod illegali bir-riskju li jġibu f'Malta mard infettiv, kuntrabandu, spiji u anke kriminali maħruba.

Mappa A.
Il-fortifikazzjonijiet tal-Aħrax li jħarsu l-Fliegu.




**Fortifikazzjonijiet fl-Aħrax tal-Mellieħa**

Għall-Ordni, it-Tramuntana ta' Malta kienet problema għax kienet art 'il bogħod mill-irħula l-oħra u sa qabel ma nbnew it-torrijiet ma kien hawn kważi l-ebda forma ta' difiża. Fil-bidu tas-seklu 18 it-torrijiet ġew imsaħħa bil-bini ta' batteriji u ridotti ma' xatt il-baħar. Mis-16-il fortifikazzjoni tal-Kavallieri mibnija fil-Mellieħa, 10 minnhom kienu jgħassu fuq il-Fliegu ta' bejn Malta u Kemmuna. Ara mappa A.

**Batteriji, Trunċieri u Ridotti**

Il-bini ta' ridotti, batteriji u trunċieri kien proġett ambizzjuż li jdawwar il-kosta ta' Malta b'fortifikazzjonijiet żgħar. L-idea kienet li fid-daħliet tal-bajjiet jinbnew il-batteriji mgħammra b'kanuni u ġieli anki b'fukazzi ħalli jisparaw u jgħarrqu xwieni u dgħajjes tal-għadu qabel jaslu aktar 'il ġewwa fuq ir-ramel tal-bajja. F'Mappa A nieħdu idea tal-ispazju li kien jintlaħaq mill-kanuni tal-Batteriji tal-Aħrax permezz ta' linji rqaq ħerġin mit-Torri l-Aħmar u l-Batteriji B, E u I, li flimkien mal-Batterija ta' Kemmuna, ma kinux iħallu nemusa tgħaddi minn bejn iż-żewġ gżejjer.

Fuq ir-ramla tal-bajjiet inbnew ridotti ħalli s-suldati jisparaw b'armi żgħar u jiġġieldu mal-għadu xħin ikun se jinżel l-art. F'mappa A naraw ir-ridotti mmarkati bl-ittri C, D, F u H.

Fuq l-istess mappa naraw ukoll it-trunċieri jew linja ta' ħitan li kellhom jgħaqqdu r-ridotti u

l-batteriji u li kellhom joffru protezzjoni lis-suldati u l-artillerija li kienu jmorru fuq il-post f'każ ta' attakk kbir mill-għadu. Minn dawn il-ħitan però nbnew biss it-Trunċieri ta' Louvier (G), li jinsabu bejn ir-Ridott Crivelli (F) u r-Ridott ta' Ħossiliet (H).

### Ir-Ridott ta' Ħossiliet

Matul it-tliet mitt sena u aktar li ilhom mibnija, dawn il-fortifikazzjonijiet ġarrbu ħsarat bl-elementi tan-natura, in-nuqqas ta' restawr u xi interventi mill-bniedem. Uħud minnhom qed jiġu rrestawrati waqt li oħrajn qed jistennew bil-ħniena li jiġi ppreservat il-ftit li baqa' minnhom. Ir-Ridott ta' Ħossiliet, li kien jinsab fil-Bajja tat-Torri l-Abjad hu l-iktar wieħed li mar ħażin għax minnu ma kien għad baqa' l-ebda ħjiel.







Dan ir-Ridott, magħruf ukoll bħala ta' Louvier u anke ta' Eslien, jidher immarkat f'numru ta' mapep ta' mitt sena ilu. F'dawn il-mapep, ir-ridott jidher li kien diġà jinsab fi stat ħażin u ta' abbandun. Kien hemm l-idea li matul is-seklu 20, il-bniedem seta' għamel użu minn xi ġebel tar-ridott li kien qed jaqa' u dan seta' għaġġel il-proċess li bih ir-ridott ta' Ħossiliet sparixxa għalkollox. Għal xi żmien konna naħsbu li l-pedamenti tiegħu setgħu kienu mirduma taħt l-għorom tar-ramel li hemm fil-bajja preżenti peress li r-ridotti kienu jinbnew kważi eżatt mal-baħar.

### Is-Sejba tar-Ridott

Waqt taħdita li kelli ma' missieri xi snin ilu konna qed nosservaw ritratt antik mill-ajru, aktarx ta' bejn is-snin 30 u 50. F'dan ir-ritratt jidher it-Torri l-Abjad bil-batterija, ir-Ridott ta' Ħossiliet f'nofs il-bajja u t-Trunċieri ta' Louvier. Jidhru wkoll l-għelieqi mdawra b'ħitan tas-sejjieħ. B'riga għamilna linja dritta mit-Torri l-Abjad sat-tarf tat-Trunċieri ta' Louvier (ara ritratt antik). Meta qabbilna r-ritratt l-antik ma' ritratt aktar riċenti mill-ajru dlonk intbaħna li l-post fejn kien hemm l-imsejken ridott illum hu mgħotti bil-baħar. Meta nqabblu ż-żewġ ritratti naraw li fir-ritratt l-aktar riċenti jidher ħjiel tar-ridott forma pentagonali

Nistgħu għalhekk nidentifikaw il-post b'mod preċiż fejn kien mibni r-Ridott ta' Ħossiliet. Din is-sejba mill-ġdid tar-ridott turi li f'dawn l-aħħar 80 sena l-baħar daħal aktar 'il ġewwa lejn l-art permezz tal-erożjoni tal-kosta. Il-kwalità tal-blat, li hi waħda ħamranija, titfarrak malajr speċjalment bil-qawwa tal-mewġ f'xi maltempata mill-Majjistral li jiġi faċċata tal-bajja.



Disinn tar-ridotti tal-fliegu
mibnija bejn l-1715 u l-1716.

Jekk wieħed imur jgħum għawma fil-bajja għandu mnejn jilmaħ xi wħud mill-ġebel tal-pedamenti tal-ħajt pentagonali ta' barra u l-kmamar rettangolari ta' ġewwa skont jekk l-istess ġebel ikunx tgħatta bir-ramel u l-alka jew inkixef fix-xitwa ta' qabel b'mod naturali. Matul il-bini tar-ridott sar xogħol ta' tħaffir fil-blat u kif ukoll bir jew ċisterna u għalhekk aktarx li għad baqa' xi ħjiel tagħhom mirduma taħt ir-ramel f'qiegħ il-baħar. Meta nqabblu x-xogħlijiet u l-ispejjeż li saru fil-bini tar-Ridott ta' Ħossiliet ma' dawk tar-ridotti l-oħra tal-Aħrax naraw li jinxtiebħu u għalhekk għandna idea tajba ħafna tal-għamla u d-dehra ta' kif kien dan ir-ridott.

### Konklużjoni

F'dan l-artiklu tajna ħarsa lejn il-ħidma tal-Ordni ta' San Ġwann u r-raġunijiet differenti għala bnew il-fortifikazzjonijiet fl-Aħrax tal-Mellieħa. Rajna x'kienu l-kawżi prinċipali li wasslu għat-telfa tar-Ridott li kien jinsab fil-Bajja tat-Torri l-Abjad u fuq kollox nistgħu ngħidu b'mod preċiż fejn kien jinsab. Għalkemm hu diffiċli li xi darba jerġa' jinbena, nisperaw li r-Ridott ta' Ħossiliet reġa' ngħata xi ftit tal-ħajja b'dan l-artiklu sabiex il-memorja tiegħu u ta' dak li kien jirrappreżenta jibqgħu ħajjin għal ħafna aktar snin.



# Jum Twelidek, Jum Ir-Rebħa

Ġanni Camilleri

Reġgħet magħna, bħal kull sena,
L-festa tagħna u tal-Maltin;
Dik tat-tmienja ta' Settembru
L-egħżeż festa għall-Melleħin.

Sa minn ġranet wisq minn qabel,
Jibda x-xogħol, dak tat-tiżjin
Ġewwa u barra l-knisja tagħna
Kif ukoll dak tal-każin.

Wieħed jibda jisma' t-tokki,
Dawk tal-qniepen kbar ħelwin
Biex isejħu għan-novena
Kemm lil kbar, kemm liċ-ċkejknin.

U l-pjazza kbira tagħna
Tibda tilbes dak l-armar
Li matul is-snin żejjinha
B'libsa ħelwa mill-aħjar.

U fiż-żewġ każini tagħna
Jibda d-daqq tal-marċijiet;
Il-kunċerti filgħaxija
U d-daqq tal-innijiet.

U bix-xieraq, għax dil-festa
Tfakkar f'dawk ir-rebħiet kbar
Li l-Bambina rebħitilna
Nhar twelidha, dak inhar.

Għax jitfakkru ġewwa l-knisja
Fin-novena, ir-rebħiet
Li l-Maltin, missirijietna
Kisbu f'dawn iż-żminijiet.

Bir-raġun mela nifirħu
F'dan il-Jum tat-Twelid tiegħek
O Marija tal-Vittorji.
Hawn ilkoll nifirħu miegħek.

*08 ta' Settembru 2019*

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Ružarju bħala rigal**

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ."** - il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII

# Training Workshop

## "Developing ensemble skills and techniques in young musicians"

There is plenty of controversy revolving around the different ensemble skills and techniques, and discussions about which ones work best are rife. However, there is a general agreement that the best way to improve these skills and techniques is for the members of the group to develop a rapport with each other as they practise and play together. Through the development of better ensemble skills and techniques, especially with the younger generation but also with the more seasoned members, the band will be able to prepare for concerts in a more efficient and effective way. With this in mind, the Imperial Band Club embarked onto the project "Developing ensemble skills and techniques in young musicians" under the scheme "Creative Communities" managed by Arts Council Malta.

The programme of the three-day workshop was prepared and led by Mro Helge Haukås, in collaboration with the Club's musical director Mro Anthony Borg, and was tailor-made for the Imperial Band. This workshop was specifically designed to develop and enhance musical skills and techniques of participants collectively, thus enhancing team work and team building within the Band. Helge Haukås is an established musician and a renowned conductor having a long professional and successful career in music. He has been visiting Malta regularly for the last seventeen years, making him well versed with the local wind band tradition. During his visits, he participated regularly in both rehearsals and concerts with the Imperial Band; the last time was in September 2018 when he played as a soloist with the Imperial Band during the annual feast concert.

The first day of the workshop took off with an introduction by Mro Haukås giving a brief explanation about the workshop, including an outline of the goals expected to be attained by the end of the three days. The first item on the agenda
















was focusing on instrumental skills. In order to enhance these skills, the Band played 'Ensemble Etudes' mainly made up of chords, scales and hymn tunes. The 'Ensemble Etudes' were also used as warm ups for the Band at the beginning of each day of the workshop. Since then this practice has been adopted by the Imperial Band as part of the Band's rehearsal routine. The second item on the agenda was tone production and breathing. In order to enhance these two different techniques the Band performed 'The Medallion Calls' from "Pirates of the Caribbean". Besides this, during the performance Mro Haukås included also skills enhancing team playing, focusing mainly on making each section of the Band aware of what its role is within the piece (for example, which section has the principal tune, or which section has the accompaniment). The last item on the agenda focused on the control of sound in rhythmic music. For this item the Band performed '5E Funk'. This is an ideal piece to help the Band control sound in rhythmic music, but one has to keep in mind that this style is non-existent in our repertoire. So this was an added benefit as the Band was introduced to a new style of music.

Day two started off with warm ups using both 'Ensemble Etudes' and 'Group Scale Etudes'. The first item of the agenda was to focus on articulation. In order to enhance these skills the Band performed 'Parade of the Wooden Soldier' again a new piece for our Band. This was followed by '5E Funk', a continuation of the last item of the agenda for day one. The idea was to make the Band more familiar with the new style of music. The next item on the agenda was a solo with a Band accompaniment. The idea here was to develop cantabile qualities within our musicians, and also to make the Band understand its new role, that is, how to back or accompany a soloist. 'Fix You' is piece for solo trumpet and Band. In this piece Mro Haukås was the soloist whilst conducting and the band accompanied him. This helped the Band to easier adapt to different roles in a few minutes. The last item on the agenda was training rhythm without instruments. 'Rock Trap Hand Percussion' is a four part rhythmic piece, each part having different rhythmic patterns. The aim of this exercise was to make the band more aware of the importance of rhythm in music.

The last day of the workshop started as that of the day before with warm ups. Then, Mro Haukås went through what was done during the days before, explaining again the goals after each item. After this, the Band went through all the different pieces. At the end of the workshop an informal concert for parents and guests took place, showing what was

achieved during the three day work shop.

Through this educational experience, our musicians continued to develop a number of skills which are fundamental to any musician. It was a very positive experience for all the participants, one which continued to enhance the ability of playing together in an ensemble, while simultaneously improving upon each individual's playing skills. Other skills which were developed through this workshop, such as team-working, are valid not only for musicians but also for society at large.

This project continues to demonstrate that, although the great majority of the musicians of the band clubs in our towns and villages are not professional musicians, they take the art of music seriously. They go through great pains to further their musical abilities in order to offer free concerts of a high quality which are open to all.

Initiative supported by

Creative Communities

ARTS COUNCIL MALTA


**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on **info@imperialbandclub.com**



# Living a New Reality

Professor Stephen Calleya

Everyone knows that the world we live in continues to change at an amazing pace. Change has become the norm with practically all aspects of life unrecognizable from just a decade ago.

Two recent international reports that seek to identify demographic and climate trends point towards an even more radical new reality by the year 2050.

The first study published by the United Nations Population Division highlights the fact that Sub-Sahara Africa's population is set to double in the next three decades to two billion people. As a result Africa will become more populous than Central and South Asia. Such a rapid increase will place tremendous pressure on all the countries of Sub-Sahara Africa to cope with the demand for job opportunities and medical and educational services.

This new reality presents all of us with numerous urgent questions. Will Africa be able to implement a development agenda that meets the expectations of this incredible increase in population? What job creation initiatives are necessary to cope with such a high number of workers in the decades ahead? How can the international community support Africa in this herculean task?

Failure to implement a successful development agenda that is able to cater to an additional one billion people is certain to result in an increased exodus of people from Africa to Europe and beyond. Such a perspective demands that the international community introduce mechanisms that can address such an outcome.

Otherwise the network of human trafficking that takes place today across the Mediterranean will keep multiplying in the decades ahead with catastrophic humanitarian consequences.

The second study published by the PlusOne scientific journal highlights the fact that climate change is irreversible and higher temperatures are here to stay. The study forecasts that by 2050 European summers will be 3.5$^{o}$ Celsius warmer and




winters will become on average warmer by 4.7$^{o}$ Celsius.

Such a change in climate is equivalent to moving a country on the map one thousand kilometres south from where it is today. Thus London's weather will resemble that of Barcelona and Southern European countries including Malta will be drier and similar to Central African states.

If such weather patterns become a reality it is essential that everyone starts to adapt to this new reality by changing their lifestyle and living environment. Exposure to a stronger sun and higher temperatures will wreck havoc on anyone who has not taken measures to protect themselves.

The significantly changing demographic and climate trends in the decades ahead will put immense pressure on the Mediterranean region. Unless Euro-Mediterranean countries are able to launch and implement a strategy that addresses these serious challenges, our quality of life will not be sustainable. The time to act is now.



# Stejjer mix-Xquq u l-Irdum tal-Qammieħ

Jeffrey Sammut

**Il-Bajja tax-Xquq**[1] minn dejjem ġibdet is-sajjieda lejha. Ramla ċkejkna ġewwa rdum, minn fejn xi sajjieda kienu joħorġu fuq il-baħar biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Iżda minkejja li kennija, meta jkun riħ mill-Majjistral u l-aktar mill-Punent jew mil-Lbiċ, il-baħar kapaċi juri r-ras iebsa tiegħu. Qabel ma fit-tmeninijiet inbena l-*breakwater* li jagħlaq nofs il-bajja, il-ħalel kienu jibdew deħlin waħda wara l-oħra, tant li ma jagħtux ċans lill-mewġ ta' qabilhom joħroġ. B'hekk il-baħar kien jibqa' jimborġa u jogħla sakemm jilħaq postijiet 'il fuq sewwa mix-xatt.

Kien għalhekk li fl-1892, G. M. Zammit, il-propjetarju tat-Tunnara, f'ismu u f'isem ħafna sajjieda foqra Maltin u Għawdxin, għamel petizzjoni lill-Gvern Ingliż fejn talab li jinbena skall (*slipway*) ix-Xquq, biex il-qxur tal-baħar ikunu jistgħu jittellgħu l-art għall-kenn. Uffiċjal Ingliż żar il-post u sab li seta' faċilment jinbena ħajt tal-lqugħ u skall warajh. Barra minn hekk, semma' li ftit kien hemm biża' li jsir kuntrabandu mix-Xquq, għaliex il-post kien mgħasses sew. L-istima tax-xogħol kienet hekk: Biex jinbena l-ħajt tal-lqugħ: £42.10.0. Biex titwitta l-art: £9.00.0. Spejjeż oħra li setgħu jinqalgħu: £5.10.0.[2]

Il-ħajt, li s-sajjieda tax-Xquq jafuh bħala **s-Sur**, inbena u minkejja li Alla biss jaf kemm-il mewġa tfarrket ġo fih, għadu hemm sal-lum. Iżda xorta meta kien ikun riħ qawwi faċċata, il-mewġ kien idur mas-**Sur** u jitla' mal-iskall.

Tant hu hekk li bilkemm kien għadu kif tlesta l-ilqugħ li l-baħar m'għamilx waħda minn tiegħu. Angelo Fenech minn Ħaż-Żebbuġ, M'Angelo Azzopardi u Lazzaro Deguara mill-Mellieħa rrapportaw li fil-lejl tal-21 ta' Diċembru 1896 ħallew il-frejgatini tagħhom għall-kenn fuq l-art wara l-ħajt tax-Xquq. Iżda mal-lejl qam riħ qawwi u l-baħar tant kemm għola li kaxkrilhom id-dgħajjes il-baħar u sa filgħodu, kulma kien baqa' minnhom kienu biċċiet tal-injam fil-wiċċ.[3]

Interessanti li fl-1906, Gio. Battista, iben Salvatore minn tas-Sant weġġa' jdejh serjament meta kien ix-Xquq u xhieda ta' dan l-inċident kien hemm Giuseppe u Vincenzo Bonello ta' Bonell, Giovanni Cini tal-Bajjadon, Gio. Maria Gauci ta' Patist ta' Randi u Gio. Maria Borg tal-Pleċċ.[4] Xi dixxendenti ta' dawn in-nies għadhom jistadu mix-Xquq sal-lum.





*Il-Bajja tax-Xquq qabel ma' nħadem il-film. Fuq il-bajja għad jidhru xi ankri tat-Tunnara.*
*Ritratti: Joe Camilleri.*




*Mappa A - Ismijiet f'irdumijiet grazzi għal Jimmy Camilleri, Charlie Sciberras, Joe Borg, Alfred Vella u Pawlu Vella.*




*Mappa B - Ismijiet f'irdumijiet grazzi għal Jimmy Camilleri, Charlie Sciberras, Joe Borg, Alfred Vella u Pawlu Vella.*

**Ġlieda sal-mewt mal-baħar**

Il-baħar tax-Xquq, il-Qammieħ u d-Delli jidher sabiħ imma ġieli ħasad ħesrem ħajjiet ta' nies. Ġrajja minnhom kellha l-bidu tagħha fil-25 ta' Marzu 1943. Bħala taħriġ, suldati mid-*Dorset* u r-*Royal West Kents' Commando Platoons* qadfu minn Manoel Island sal-bajja tal-Mellieħa biex imbagħad għabbew id-dgħajjes fuq spallejhom u qasmu bihom sax-Xquq bil-mixi. Dan kollu sar mal-lejl. Mal-ġurnata qagħdu jistrieħu fil-**Bajja tax-Xquq** u hekk kif dalam, varaw id-dgħajjes bil-ħsieb li jiżbarkaw f'Għajn Tuffieħa. Kollox mexa ward u żahar sakemm is-sitt dgħajjes ġew biex iduru mal-ponta ta' **Ras il-Waħx**. Hemmhekk, is-suldati sabu mewġ għoli u biex tgħaxxaqha beda jitqawwa sew ir-riħ. Id-dgħajjes tferrxu 'l hemm u 'l hawn, però s-suldati ta' ħamsa minnhom, wara erba' sigħat jitqabdu mal-mewġ, irnexxielhom jaslu l-art. Imma s-surġent Francis Norman, il-kmandant tas-sitt dgħajsa, baqa' jipprova jdur mal-ponta ta' **Ras il-Waħx** u dan wassal biex id-dgħajsa tiegħu toħroġ aktar 'il barra.

Meta t-truppi fid-dgħajsa ta' Norman indunaw li ma setgħu jagħmlu xejn mal-qawwa tal-baħar, dawru r-rotta lura u ppruvaw isibu l-art, li ma kienet tidher imkien f'dak id-dlam ċappa u baħar jibla' l-art. Il-mewġ beda jaqbeż id-dgħajsa u s-suldati, barra li jaqdfu għal ħajjithom, bdew il-ħin kollu jbattlu l-ilma baħar. Wara ħafna sigħat jissieltu, kollha qatgħu qalbhom u taw ruħhom b'mitlufa, barra s-surġent Norman. Dan żamm id-dgħajsa pruwa għall-mewġ filwaqt li baqa' jbattal l-ilma u jinkoraġġixxi lil sħabu. Ħin minnhom, f'dak id-dlam, semgħu lanċa għaddejja imma minkejja li sparaw is-*submachine guns* tagħhom fl-ajru, din ma ndunatx bihom u baqgħet sejra.

Xħin sebaħ intebħu li kienu qrib Għawdex. Ma kellhomx saħħa jaqdfu lejn l-art u biex tgħaxxaqha, mewġa kbira qalbet id-dgħajsa ta' taħt fuq. Is-sitt suldati ggranfaw kif setgħu magħha, tlieta kull naħa. Iżda l-Kapural Burns fettillu jitla' fuq id-dgħajsa, żelaq u għereq, minkejja li Norman għodos kemm-il darba biex jipprova jsalvah. Ftit wara, għaddiet frejgatina li ġabret il-ħames suldati mill-baħar. Tal-kuraġġ li wera, is-Surġent Francis Norman ingħata l-*British Empire Medal*. Il-povru Burns baqa' qatt ma nstab.[5]

**Ix-Xquq ma' Dun Balen**

Alfred Vella jiftakar li missieru qatt ma kien jieħdu x-Xquq għax kien jgħidlu li hemm kien hemm blat kbir u kien post perikoluż. Allura aktar kien jaffaxxinah! Però kienu jinżlu **Bunuħħala** għall-kaħli. Kienu jaħsbu kmieni biex jilħqu l-lok, u jagħlfu bil-ġobon fir-rima tal-mewġ biex il-kaħli



***Dun Balen ma' ċoma żgħażagħ wara s-Sur tax-Xquq. Il-frejgatini huma tiegħu u ta' Eddie Camilleri. Ritratt: Ninu Cutajar.***

ma tindunax bil-ħarira u s-sunnara. Sajjied tas-sengħa kien joqgħod attent biex ma jistadx 'il barra ħafna mill-blat għax jekk taqbad ħuta minn barra, din iddum iċċafċaf sakemm twassalha l-art, allura l-kaħli l-oħra tinduna li hemm iċ-ċajt u ddabbar rasha. L-istess jekk teħlislek waħda, tista' żżarma għax il-kaħli l-ieħor jitlaq magħha.

Kien hemm min tilef ħajtu meta kaxkru l-baħar waqt li kien għall-kaħli. Karmnu Muscat il-Baġlu jgħoddha b'waħda. Kien qed jistad mill-**Bilbel** meta kolp kbir ħadu l-baħar. Ma seta' jitla' lura l-art b'xejn. Baqa' dieħel maċ-ċaqliq sakemm fl-aħħar iggranfa ma' skoll fejn il-**Ħarq tan-Niġes** u ħelisha ħafif.

L-ewwel darba li Alfred mar ix-Xquq kien ma' Dun Balen, li stieden lilu u lil kuġinuh, peress li kienu jgħinuh fil-quddiesa, biex imorru miegħu għal tal-qiegħ. Baqa' b'ħalqu miftuħ meta Dun Balen beda jgħidilhom "Ejjew nersqu 'l hawn ħalli naqbdu ftit brieqex," u mill-qiegħ kienu jibdew itellgħu burqax wara l-ieħor. Kien ikun jaf mill-post x'ħut kien se jsib.[6]

Dun Balen kien iqaddes il-quddiesa msejħa tal-kaċċaturi, dik tal-erbgħa ta' filgħodu. Qabel ma tibda l-quddiesa kien jibda jqarben, imbagħad kien jerġa' jqarben hekk kif tispiċċa, għal dawk li kienu waslu 'tard'. Ħafna mill-kaċċaturi kienu jintefgħu fejn il-bieb ta' barra, jistagħġbu fuq il-gamiem li kien għadda l-ġurnata ta' qabel, fuq dak li kellu jpassi dakinhar u jbassru fuq dak li kellu jiġi fil-bqija tal-passa. Ħafna drabi kienu jindunaw li spiċċat il-quddiesa meta kienu jisimgħu lil Dun Balen jistartja l-mutur bis-*sidecar,* xħin ikun dabbar rasu lejn ix-Xquq! Ġieli kien ikollu l-kelb miegħu u dan kien jinbaħ matul it-triq kollha![7]

**Dun Balen jisparixxi!**

Kien żmien il-lampuki meta Dun Balen ħareġ bil-frejgatina ma' Pawlu Vella tas-Suttani. F'daqqa waħda feġġet sħaba mil-Lbiċ imma Dun Balen

deherlu li l-ajru kien se jgħaddilu malajr, allura baqa' jrejjex. Infetħu bibien is-sema u kellhom jidħlu jistkennu bil-frejgatina b'kollox f'**Għar Ħamiema**. Beda nieżel ħafna ilma mas-sies tal-Qammieħ u l-mewġ beda jogħla tant li Dun Balen u Pawlu ma setgħu joħorġu b'xejn mill-għar għax il-mewġ kien faċċata. Hekk kif ix-xita naqqset, ħut Dun Balen marru jittawlu minn fuq ix-xifer ta' **Bunuħħala**, mingħalihom li se jaraw il-frejgatina sorġuta fil-bajja. Imma hekk kif ma rawhiex, la hemm, u lanqas fuq il-baħar, malajr infaxxaw rashom u bdew jgħidu li Dun Balen intilef b'kollox! Iżda kif il-baħar serraħ ftit, dehret qoxra ħierġa minn **Għar Ħamiema** u ħadu r-ruħ! Ta' min jgħid li Vella ma resaqx aktar lejn il-baħar![8]

### Spija tal-Ġermaniżi fil-Bajja tax-Xquq!

Kien żmien il-gwerra u mill-irdumijiet ta' Ħad Dingli kien għadu kif inqabad Carmelo Borg Pisani. Dan kien Malti li kien jgħix l-Italja u tniżżel minn sottomarin Taljan biex jispija u jagħti informazzjoni lill-għadu fuq id-difiża tal-Gżejjer Maltin. Għalhekk tistgħu taħsbu kif id-diskors fil-każini u l-ħwienet Melleħin kien biss fuq dan is-suġġett. Ġara li Pawlu Vella ta' Salvatur kien nieżel ix-Xquq għall-kaħli kmieni filgħodu meta fil-bokka tal-**Bajja tax-Xquq** lemaħ qoxra u ġo fiha raġel jagħmel is-sinjali lejn ix-xefaq. Pawlu tatu rasu. Ma kienx jaf imurx jgħid lis-suldati li kien hemm fil-*beachpost* fil-viċin. Il-proxxmu ta' fuq il-baħar kien għadu jxejjer idejh u jibgħat is-sinjali, wieħed wara l-ieħor. Sadanittant kien beda jbexbex sew u hawn Pawlu nduna li dak l-ispija ma kien ħadd għajr Karmnu Grima l-Ħanx, li kien qed jittrajna (jitlaq il-kulpara u jiġbidha 'il fuq b'salt) għall-klamari!

Darb'oħra waqgħu xi *parachute mines* 'il barra mill-**Għawseġ** u splodew fil-baħar. Kien hemm xi Melleħin jaqtgħu t-torba għat-toroq fejn it-Torri ta' Ciantar u kif dawn indunaw li bl-isplużjonijiet kien tela' ħafna ħut fil-wiċċ, inqala' ferħ ta' ġenn. Min kellu frejgatina vara mix-Xquq u min kien sfurtunat ħareġ bil-għawm, kulħadd ilaqqat ħut kemm jiflaħ. Kien hemm Ġużepp Bartolo t-Tirlikku li spiċċa b'żewġ muletti sbieħ f'idejh. Il-problema kienet li ra mulett imdaqqas ieħor iferfer fil-wiċċ u issa ma kienx baqagħlu jdejn! Allura għam sa ħdejh, poġġa ħuta minnhom ġo ħalqu u b'hekk seta' jaħtaf il-mulett l-ieħor. Iżda l-mulett li żamm f'ħalqu kien għadu ħaj, allura ferfer tnejn, niżillu sal-ġerżuma u kien għoddu fgah![9]

### Tela' għalih kelb il-baħar

Is-sajd bil-ġelatina[10] minn dejjem kien illegali iżda dan qatt ma waqqaf lil xi Melleħin milli jistadu biha, minkejja li kien hemm anke min weġġa' serjament meta tajjar idejh. Għodwa minnhom, xi persuni kienu qegħdin mal-**Ħajt tal-Qammieħ**[11] meta raw il-ħut ifawwar fil-wiċċ. Għalhekk wieħed minnhom kien pront qabbad in-niċċa u tefa' l-ġelatina l-baħar. Hekk kif l-ilma waqaf ibaqbaq, sajjied minnhom qabeż jiġbor il-ħut. F'daqqa waħda sema' lil sħabu jwerżqu u jippuntaw b'idejhom u xħin ħares lura ra xewka ta' ħuta kbira riesqa lejh. Kien kelb il-baħar li kif xamm id-demm tal-ħut tela' jfittex u mmarka lill-għawwiem. Dak il-povru beda jgħum b'kemm kellu saħħa lejn l-art imma l-kelb il-baħar kien eħfef minnu. Kif ra hekk, wieħed minn sħabu minn fuq l-art qabad il-kelb li kellhom magħhom u tefgħu l-baħar quddiem il-ħuta u din ħatfitu u niżżlitu magħha. Is-sajjied wasal l-art qawwi u sħiħ filwaqt li l-miskin ta' kelb spiċċa f'żaqq il-ħuta.[12]

### "Dik fejn setgħet marret ħoj!"

Joe Camilleri l-Baqrambun[13] jiftakar kif flimkien ma' missieru Ġamri kienu jmorru Għajn Żejtuna jaqtgħu l-qasab, imbagħad isaħħnuhom biex jiddrittawhom u b'hekk kienu jużawhom biex jistadu għall-kaħli. Jiftakar ukoll il-qoton miżrugħ il-Prajjet (isem ieħor għax-Xquq), barra l-ħafna dwieli u tin li kienu jikbru fl-imniedaq bejn il-blt.



*Joe tal-Baqrambun ma' wħud minn sħabu fil-minżel l-antik tax-Xquq.*
*Ritratt: Joe Camilleri.*

Ġamri u ibnu kienu għall-kaħli l-**Għawseġ** meta raw xi ħaġa mdaqqsa dieħla mal-mewġ. Kienet frejgatina ta' xi għaxar piedi li waqgħet minn fuq xi bastiment u telqet għal riħha. Hekk kif din resqet lejn l-art, tefgħulha ġebla marbuta ma' ħabel, ġibduha lejhom u tellgħuha l-art biex ma titfarrakx mal-blat. Imbagħad, Karmnu l-Ħanx ħadhielhom ix-Xquq u minn hemm bdiet il-karriera tas-sajd fuq il-baħar tal-Baqrambun.

Dan Ġamri fettillu li jibni kamra x-Xquq biex fiha jżomm din l-imbierka frejgatina. Il-problema kienet li fejn ipponta li jibniha kien hemm blata daqshiex u kulħadd qallu li kien ikun aħjar li jsib rokna oħra. Imma mid-dehra, Ġamri kellu rasu

# CREATIVITY PRINTING DESIGN

BEST Print CO. LTD

OFFSET AND DIGITAL PRINTERS



59, ŻURRIEQ ROAD · QRENDI · QRD 1814

2168 0789 · 2164 9012 | 9949 9084 · 9925 9084 | bestprintqrendi@gmail.com




*Mappa Ċ - Ismijiet f'irdumijiet grazzi għal Jimmy Camilleri, Charlie Sciberras, Joe Borg, Alfred Vella u Pawlu Vella.*

iebsa aktar mill-blata. Ġab il-baqqun u l-ispnajjar u beda jqatta'. Biex żgur ma jkunx hemm ħela, il-ġebel li qatta' użah biex jibni l-kamra bihom. U ta' rasu għaddiet!

Kienu jiġu l-Mellieħa xi Għawdxin[14] minn tal-Bott u l-Baqrambun offrielhom biex jorqdu fil-kamra tiegħu. Dawn kienu jkalaw in-nassi tal-vopi filgħaxija, li jaqbdu jpoġġuha ġo barrada[15] u filgħodu jitilgħu bil-kannestri fuq rashom il-Mellieħa biex ibiegħuha. Darba minnhom, Joe kien ma' dawn l-Għawdxin fuq il-baħar u mess lilu jtella' n-nassa mill-baħar. Hekk kif qorbot lejn il-frejgatina nduna li n-nassa kienet se tinqasam bil-vopi li kien fiha. Imma fis-siegħa u l-ħin feġġ dell kbir mill-qiegħ, ħass ġibda qawwija u spiċċa bil-ħabel biss f'idu. Temtem "In-nassa m'għadhiex hawn!" u l-Għawdxi wieġbu "Dik fejn setgħet marret ħoj?!" Imma hekk kien: ħuta kbira telgħet mill-qiegħ, telqet bin-nassa b'kollox u ħalliethom b'idhom f'idhom!

Kien April u Joe l-Baqrambun mar għall-gamiem ma' tal-Basli. Intefa' bilqiegħda wara n-nassab u bilkemm ma kienx beda jogħnos meta f'daqqa waħda sema' "Tiċċaqlaqx! Tiċċaqlaqx!" Imbagħad bħal tvenvin, in-nassab inġibed lura u l-lasti ċekċku mal-blat! Il-Basli kien ra teftifa gamiem ġejja u hekk kif uriha l-gamiema tat-taħrik, żewġ teftifiet oħra ngħaqdu magħha, u s-serbut gamiem kollu għodos għall-ġewwa. Il-Basli qaleb imma tant kemm kien hemm gamiem li żammlu xibka minnhom wieqfa. Minkejja li nqalbet xibka waħda, xorta qabdu 45 waħda![16]

### "Kelb ix-Xquq tistmah"

Ġanni Grima l-Ħanx jiftakar ix-Xquq baħħ. Kien hemm biss is-**Sur**, li skont missieru Karmnu, kienu ġabu l-ġebel għalih mill-**Barriera tad-Delli**, u l-ftit kmamar tas-sajjieda. Il-bqija naqra raba' maħduma minn tal-Bajjadon u tal-Gamblu. Karmnu kien jgħid li kelb ix-Xquq tistmah, peress li kien jinbaħ jekk ifiġġ xi ħadd, għax il-bqija stajt toqtol u tidfen.

Hemm skoll jew blata mal-baħar imsejħa **tas-Saraċin** li missieru kien jgħidlu li tissejjaħ hekk għax dan is-Saraċin kien qed jistad minn fuqha u waqa' l-baħar.[17] Skont Ġanni Fenech ta' Kullatu, is-Saraċin kellu l-flus moħbija taħt din il-blata u meta kienet tkun ġurnata bnazzi kien ixemmixhom fuqha![18] Din il-blata hija importanti ħafna għas-sajjieda tax-Xquq għax int u ħiereġ mill-bajja trid tgħaddi tħakkek magħha, peress li ftit 'il barra minnha hemm żewġ skolli moħbija taħt l-ilma.

Fil-kamra tal-irdum, tal-Ħanx kienu jżommu l-ixkatlar li hija xibka b'malji wiesgħa biex taqbad ħut imdaqqas bħal xkatli, mazzoli, bonnijiet u ħamiem. Kienu jistadu bil-lazz tal-qanneb, li trid tnixxfu wara kull sajda u l-ixilfa kienu magħmula



*Joe Camilleri tal-Baqrambun, Ġanni Grima l-Ħanx u Pawlu Vella, flimkien ma' Dun Nażżaren, waqt it-tberik tal-kajjik il-ġdid tal-Ħanx.*
*Ritratt: Ġanni Grima.*

minn denb iż-żiemel. Ġanni jinqala' ħafna għax-xogħol tal-idejn. Darba mar xtara kulpara mingħand Ġamri r-Rabti li kellu ħanut fil-pjazza tal-Mellieħa u wara li qagħad jikkunsidraha ftit, iddeċieda li jagħmel waħda bħalha. U tant kemm ġiet tajba li spiċċa jbiegħ il-krapar lir-Rabti hu. Interessanti l-qawl li jgħid Ġanni u sajjieda oħra, "Għall-arżnelli f'San Mattija, jekk ma ssibhiex filgħodu, issibha filgħaxija" jiġifieri f'Marzu, l-arżnelli tpassi żgur[19]

### Sajda Lampuki

Lejla minnhom, Ġanni l-Ħanx kien għall-klamari meta beda jara ħafna mergħa (ħut żgħir) dieħla lejn l-art. Qatt ma kien ra daqshekk ħut! L-għada filgħodu, it-28 ta' Awwissu, hekk kif kien ħiereġ mill-bokka, weħlet lampuka u hekk kif ġabha qrib il-frejgatina nduna li l-baħar madwaru mtela' lampuki, li ġiet ma' seħbitha li kienet imwaħħla mar-rixa. Beda jkala l-konz bil-klamari tal-ġurnata ta' qabel u huma u ħerġin is-snanar, il-lampuki bdiet titla' u tieħu l-lixka mill-ewwel. Is-sufri li jżommu l-konz fil-wiċċ bdew jegħrqu taħt l-ilma jew jiġru 'l hemm u 'l hawn fil-wiċċ. Mank laħaq kalaħ li ma bediex jiġbru lura. F'kull sunnara kważi kien hemm ħuta. Qatta' l-ġurnata jistad bil-konz u bir-rixa u qabad xi seba' mija b'kollox.[20]

### Żewġ Baleni

Peress li barra mix-Xquq hemm baħar fond ġmielu, jagħmel ħut kbir li ftit jidher fi bnadi oħra ta' Malta. Kemm-il darba ntlemħet xi kurazza, li hija tip ta' kelb il-baħar. Darba minnhom, Ġanni ra xi tifwir fil-wiċċ u ħaseb li kien ġej id-denfil. Imma kienu żewġ baleni kbar, qishom żewġ sottomarini,

itajru l-ilma minn fuq daharhom, li baqgħu sejrin lejn il-**Ħajt tal-Qammieħ**.[21]

Saħansitra t-tonn li kien jinqabad mit-Tunnara tad-Delli kien ikun ħafna ikbar. Kien jissejjaħ Tonn tal-Qamla[22] u biex jittella' l-art kien hemm xi tarjoli fil-ponta ta' **Bunuħħala**.[23] Fuq ix-xifer ta' **Bunuħħala** kien hemm ukoll il-**Maħżen tat-Tunnara** jew kif kien magħruf ukoll, il-kamra ta' Turi. Turi kien is-sid tat-Tunnara.[24] Waħda mir-raġunijiet li t-Tunnara tad-Delli ma baqgħetx titkala kienet il-kurrent qawwi li hemm fl-inħawi, tant li x-xibka kien ikollha bżonn ħafna ankri biex iżżomm f'postha.

Fl-inħawi tax-Xquq kien hemm ukoll bomba kbira li fil-gwerra kienet waqgħet qrib il-kamp tal-Għadira u biex ħelsu minnha, l-Ingliżi tefgħuha miċ-Ċumnija għal isfel.[25] Imma xi ħadd irrappurtaha, ġew b'vapurett, waħħlulha geġwiġija *wires* u splodewha. Bl-ispluzjoni waqgħet biċċa mix-xifer u ġie ffurmat għar, li sal-lum għadu msejjaħ l-**Għar tal-Bomba**.[26]

### Dun Balen dritt għal ġol-ħajt.

Darba minnhom, Ġanni, li kien għadu tfal, rikeb ma' Dun Balen biex iwasslu mix-Xquq sal-Mellieħa. Dun Balen kien bil-mutur, li kellu biss *gear* wieħed u Ġanni spiċċa bilqiegħda fis-*sidecar*. Hekk kif waslu qrib l-istatwa tar-ruħ tal-purgatorju li hemm wara s-Santwarju, il-mutur beda jmajna u peress li Dun Balen ma setax jibdel il-*gear*, l-unika soluzzjoni kienet li jgħid lil Ġanni biex jaqbeż minn fuq il-mutur. Ġanni għamel kif qallu l-qassis imma hekk kif Dun Balen ħares lura biex jara fejn kien mar Ġanni, il-mutur, li issa kien ħa r-ruħ għax naqaslu t-toqol, żied fil-veloċità u Dun Balen spiċċa mkaħħal mal-ħajt li kien hemm fil-ġenb tat-triq![27]

### Għamiltu għaġeb għal 'tre tonnini'!

Nenu Fenech ta' Silà jiftakar li missieru Ġamri kien dejjem jgħidlu li mill-baħar ma taqlax x'tiekol u allura m'għandux xi jridu. Għalhekk Nenu sema' minnu u xtara trakk tal-linja. Imma biex għamel hekk, sallab lil missieru bid-dejn! Però Nenu xorta baqa' jħobb il-baħar. Jiftakar meta kien tfal kien 'jisraq' xi biċċa ħarira lil missieru u joqgħod jistad għall-bubin fuq xi blata x-Xquq. Ommu kienet tinżel l-irdum għas-sitta ta' filgħodu, toqgħod tgħid ir-rużarju u mbagħad, kif jidħol missieru bil-klamari, kienet titlaq bihom biex tbiegħhom. Ġamri kien iwissiha biex ma tgħaddix mill-Ġnejna imma taqbad it-triq ta' qalb ix-xagħri biex ħadd ma jaraha għaddejja u jinduna li mix-Xquq kienu qed jinqabdu l-klamari. Nenu għadu sal-ġurnata tal-lum jistad bil-frejgatina ta' missieru, għax kif qal hu, dik rabbiet lilu, lill-ġenituri tiegħu u lil ħutu.

Ġamri kien jirrakkonta ġrajja li seħħet fuq it-Tunnara tad-Delli. L-għassiesa max-xibka ndunaw li kien daħal il-ħut u kienu pronti għalqu x-xibka. Bdew jerfgħu imma xi ħaġa marret żmerċ għax kif ix-xibka qorbot lejn il-wiċċ, tliet tonniet kbar żgiġġaw minn bejn il-ħitan tax-xibka, li ma kinux għalqu sew. Kif indunaw li l-ħut kien se jaħrabilhom kollu, taw ganċ lil wieħed imlaqqam il-Presepju u dan spiċċa jissielet biex iżomm ix-xibka magħluqa. Sadanittant, Sqalli li kien hemm magħhom beda jgħidilhom li għamlu għaġeb għal tliet tonniet żgħar, 'tre tonnini', għax ma ndunax li kien għad fadal il-ħut maqbud. U x'ħut! Qabdu 47 tonnu ta' tlitt iqnatar (240 kilo)-il wieħed. L-Isqalli tant kemm ħassu li waqa' għaċ-ċajt li beda jagħti fuq wiċċu.

Nenu u missieru darba kellhom esperjenza tal-biża'. Kienu għall-klamari meta semgħu tifwir fil-wiċċ u fid-dawl ta' qamar raw ħuta kbira, fiha daqs il-frejgatina, aktarx kelb il-baħar. Allura missieru qabad l-imqadef u beda dieħel 'il ġewwa imma l-ħuta baqgħet issegwihom sa ma waslu qrib l-art, fejn imbagħad dabbret rasha.[28]

### Ma riedet titla' b'xejn fil-fregatina!

Għodwa minnhom, Nenu u missieru marru jerfgħu l-ħjut. Il-ħjut huma lanez b'sunnara fit-tarf li jkollhom xi biċċa siċċa, qarnita jew ħuta bħala lixka u jitħallew jistadu mal-lejl. Il-ħjut jistgħu jintefgħu kemm minn fuq l-art kif ukoll minn fuq il-baħar. Jekk jintefgħu minn fuq il-baħar, xorta jintrabtu mal-art għalkemm ġieli rabtuhom ma' sufra fil-wiċċ. Hekk kif marru jerfgħu lanza minnhom sabu lil min jiġbed. Ta' xejn issieltu mal-ħuta għax ma



*Ġamri Fenech ta' Silà, Ġużi Cutajar tan-Naxxarija u missieru Karmnu Cutajar ta' Żumini. Ritratt: Ġużi Cutajar.*

riedet iċċedi b'xejn. Kienet ċerna ta' xi tletin kilo, qisha ħmar tas-sienja ddur taħthom fil-fond, bla ma ċċedi pulzier. Fl-aħħar Nenu niżel l-art u mar għal Jimmy tat-Tabakku, li kien jaħdem ta' għaddas it-tarzna. Dan ġie armat sa snienu bil-*harpoon* u kien pront għodos għaliha u sparalha. Iċ-ċerna tat ruħha

b'mirbuħa u bdiet tiela' lejn il-wiċċ ħelu ħelu. Imma hekk kif din waslet fejn il-frejgatina, indunat x'kien ġej, tfarfet tnejn, u niżlet b'kemm kellha saħħa lejn il-fond. Tant kemm tat salt qawwi li ħadet il-*harpoon* minn idejn Jimmy u baqgħet sejra b'kollox! Kif qal sew Nenu, "Ma kellhiex tkun għalina!"[29]

Interessanti li jekk ċerna tieħu s-sunnara u torbot fil-bejta, jiġifieri twaħħal ix-xewka ta' daharha ġol-blat, din ma kienu jaqalgħuha b'xejn. Allura kienu jdaħħlu porċellat fix-xlief u jitilquh 'l isfel. Porċellat qisu ċagħka tal-ġebel. Meta kien jintelaq, dan kien jinżel max-xlief stirat. Ġieli laqat iċ-ċerna fil-bejta u din kienet tagħti s-salt biex titlaq. Hawnhekk is-sajjied ikun pront jiġbidha 'l fuq. Inkella kienu jużaw il-porċellat biex jiġbdu ċ-ċerna minn pożizzjoni differenti forsi tinqala'.[30]

Ġamri kien jagħmel in-nassi bil-qasab li jaqta' mill-widien. Il-qasab kien jaqsmu f'ħmistax-il biċċa rqiqa u jibda jorbot u jgħaqqad in-nassi bih. In-nassi kienu jsiru wkoll mid-dîsa li kienet tiġi minn Tuneż u l-Marokk, kif ukoll mis-simar li kien jinqata' mill-Għadira. Ta' min jgħid li s-sengħa tan-nassi wiritha wkoll ibnu Nenu. Nassi hemm ħafna tipi bħal tal-vopi, tat-trill, tat-tixrid, tal-imrejjen, tal-arżnell u taċ-ċawl, kif ukoll il-barrada.[31]

### Għamel qassata!

Ġużi Cutajar Żumini jiftakar li kien għadu bil-kemm tgħallem jimxi sew li ma kienx jinżel l-irdum ma' missieru Nardu, isib xi ħarira ħażina li kien jarmi Dun Balen u jintefa' jistad għal xi mazzun jew xi burqax. Inkella jixxabbat ma' xi blata, jara kif se jisraq xi bejta tal-għasafar tal-bejt, biex imbagħad irabbihom id-dar.

Jiftakar li kien qed jilgħab ix-Xquq meta ħuh qabad qassata, brama kbira li tidher fi żmien il-lampuki. Minkejja li mhix velenuża għandha dehra kerha, allura hekk kif ra lil ħuh ġej biha stkerraħha. Ħuh hekk ried u telaq jiġri warajh biha. Ġużi ħarab qisu fenek tal-libru, tela' fuq is-**Sur** u kien għaddej qisu xi atleta tal-Olimpjadi xħin siequ marret fil-vojt u waqa' kważi sular għal isfel. Spiċċa qisu l-aċċjomu, iwaħwaħ bl-uġiegħ. Hawnhekk feġġ Dun Balen, armat bil-kaxxa tal-ewwel għajnuna, li kienet tinkludi biss flixkun bid-*Dettol* u filwaqt li ħasel lil Ġużi bil-likwidu kannella, ta ħasla ikbar lil ħu Ġużi tal-qassata li kien għamel![32]

### Qabad ankra – darbtejn

Għodwa minnhom, Ġużi kien fejn il-**Marbat tat-Tunnara**, itella' l-parit, xħin il-winċ beda jżarżar u jitqanżaħ. Induna li fil-parit kien hemm xi ħaġa kbira. Dehret dalma sewda mkebba fix-xibka tiela' mill-qiegħ u xħin id-dell qorob mal-frejgatina, induna li kien qabad ankra! Issa kellu problema għax kien waħdu u ma seta' jagħmel xejn, allura tefa' kollox lura l-baħar u mar għaliha filgħaxija flimkien ma' ibnu. Hekk kif reġgħu tellgħuha fil-wiċċ, ħatfuha bejn tnejn u tqanżah minn hawn u erfa' minn hemm, poġġewha fil-pruwa. Kienet ankra tat-tunnara. U żmien wara qabad oħra imma din id-darba minn aktar fond. Ġużi għadda ż-żewġ ankri lill-Mużew tat-Tunnara.[33]

### Baqra mal-lejl

Darb'oħra Ġużi, Nardu u Karmnu Grech ta' Żamżam kienu għall-klamari billejl meta semgħu qisha għajta ta' baqra ġejja minn fuq il-baħar. Ħarsu lejn minn fejn ġej il-ħoss imma ma raw xejn. L-għajta bdiet toqrob u f'daqqa waħda kien hemm ċafċifa u feġġ dahar ta' ħuta enormi fil-wiċċ tal-baħar. Nardu kien pront ħataf l-imqadef u hemm trid tara l-frejgatina żżiġġ fuq l-ilma, qisha xi dgħajsa tar-regatta! Daħlu sparati l-eqreb art, **iċ-Ċumnija**, u mbagħad għaddew iħokku mal-blat sa ma waslu x-Xquq. Ġużi għadu ma jafx x'setgħet kienet dik il-ħuta enormi għalkemm il-ħoss ta' baqra li semgħu seta' kien l-arja ħierġa mill-pajp tan-nifs ta' balena.[34]

### "Dik taqlibna!"

Minkejja li l-baħar dam għal ħafna snin jagħmillu d-deni, Ġużi Cutajar tan-Naxxarija[35] xorta kien iħobb jistad. Ġieli mar ma' missieru Karmnu u kellu jinżel lura l-art għax kien jispiċċa ma jiflaħx. Imbagħad kien ikollu jkompli s-sajda minn fuq il-blat.

Jiftakar kif darba webbel lil missieru jġiblu bejta għasafar mill-**Iskoll tal-Għasafar**.[36] Karmnu niżel minn fuq il-frejgatina, ixxabbat ftit u daħħal idejh fl-ewwel toqba li sab. Imma hemm ħa l-qatgħa ta' ħajtu meta minflok frieħ tal-bejt, mill-bejta ħareġ ġurdien mill-kbar.

Karmnu u Ġużi kienu dilettanti tal-lampa fuq il-baħar. Kienu joħorġu mix-Xquq b'lampa b'żewġ *mantles* imqabbda ma' ċilindru tal-gass u żewġ ħġiġiet biex jittawlu minnhom. Missieru Karmnu kien mustaċċun fuq l-imqadef u kien idawwar id-dgħajsa kif irid, jinkaljaha jew iżommha wieqfa skont kif kien hemm bżonn. Magħhom ġieli marru ż-Żeżża, it-Tirlikku jew Karmnu ta' Babbara, li kellu lampa bi sħab ma' Karmnu.

Lejla minnhom kienu għaddejjin fejn l-**Iskoll tas-Saraċin** meta taħthom raw qisu liżar. Kienet qarnita daqs dinja, f'erbat iqjiem ilma. Ġużi beda jaħsibha jiffuxxnahiex għax beża' li taqbad mal-frejgatina u taqlibhom b'kollox. Imbagħad għamel ftit kuraġġ, niżżel il-foxxna eżatt fuq rasha, taha daqqa u kien pront tellagħha 'l fuq biex ma jagħtix ċans lil dak il-mostru jaħtaf mal-blat. Kien fiha 16-il kilo![37]

### Il-mutur ma riedx jistartja

Kien bnazzi allura Karmnu, Ġużi u Nenu ta' Silà varaw mill-Armier u rħewlha lejn il-**Bajja taċ-Ċirkewwa** bl-imqadef, iduru bil-lampa. Hekk kif daru mal-moll taċ-Ċirkewwa qamet żiffa mil-Lbiċ u r-riħ baqa' jżid sakemm f'daqqa waħda qamet tempesta. Hemmhekk kienu bil-faċċata, allura Karmnu qabad il-ħabel tal-mutur u tah ġibda. Il-mutur qaħqaħ tnejn u ma startjax. Ta' xejn baqgħu jissieltu miegħu għax ma ried jaqbad b'xejn. Ir-riħ beda jressaqhom fejn jorbot il-vapur t'Għawdex meta jkun il-maltemp. Hekk kif kien baqa' xi 10 metri biex ifarrakhom mal-moll, Karmnu talab lill-Madonna u qalilha "Mhux hawn, Madonna, mhux hawn." U l-mutur startja! Daħlu l-**Bajja taċ-Ċirkewwa**, niżżlu l-parati[38] u tellgħu l-frejgatina l-art. Ġużi bela' mixja sal-Armier biex iġib il-karozza u minkejja li kien imxarrab għasra bir-raxx tal-baħar, sakemm wasal laħaq nixef tant kemm kien riħ. Id-dgħajsa għamlet tlitt ijiem torqod għall-frisk fil-bajja taċ-Ċirkewwa sakemm il-baħar reġa' bbnazza.

Karmnu kien ukoll dilettant kbir tal-imħar. Kien jaqilgħu bil-qallija, li qisha tornavit azzarjat. Hemm imħar differenti: dak tal-Qawwi li jkun 'il fuq mill-baħar, dak tas-sellieħ li jkun fl-ilma u dak tal-ħaxixa, li jkollu l-ħaxix tal-baħar jikber fuq qoxortu. Dak tal-Qawwi huwa itjeb minn dak li jkun fuq blat artab. Karmnu kien ibiegħ l-imħar il-Mosta, fejn kien jittiekel nej, bejn pinta u oħra, fil-ħwienet tal-inbid.



*Ġużi Cutajar tan-Naxxarija bil-qarnita li qabad bil-lampa minn fejn l-Iskoll tas-Saraċin. Ritratt: Ġużi Cutajar.*

Missier Karmnu, Ġużeppi, kien jiddendel b'ħabel taħt ir-Range, jixxabbat għall-bejtiet taċ-ċief. Bis-sidra taċ-ċief kienu jistadu għas-sargi filwaqt li bir-rix tiegħu kienu jagħmlu r-rix għall-ħut.[39]

### Sfronda l-għar fejn daħlu jstkennu

Int u nieżel għax-Xquq hemm għar ċkejken li min jaf kemm-il darba serva ta' kenn mix-xita għas-sajjieda u l-bdiewa tal-post. Ġurnata minnhom spiċċaw jistkennu fih Ġużeppi u xi tnejn oħra minn ta' Żumini. Ix-xita bdiet nieżla bil-qliel u ma setgħu joħorġu b'xejn. Fl-aħħar, xħin battiet ftit, dabbru rashom lejn il-Mellieħa. U mnalla! Meta marru lura x-Xquq indunaw li bil-maltemp, is-saqaf tal-għar kien sfronda u li kieku baqgħu hemm, l-għar kien jispiċċa qabarhom.

Karmnu kien dejjem iħalli frejgatina x-Xquq. Induna li xi ħadd kien qed ivaralu din l-imbierka frejgatina u jitlaq idur dawra biha. Wara investigazzjonijiet intensivi, is-suspett waqa' fuq it-tfal ta' ħutu. Allura ġietu idea ġenjali. Mar ġab ġebla daqshiex, rabatha mal-bank b'biċċa *wire* u qafilha b'katnazz. Issa seta' joqgħod b'moħħu mistrieħ li l-frejgatina ma kinitx se titlaq iddur mal-bajja tax-Xquq mingħajr sidha. Imma moħħ it-tfal ma ssibx tarfu. Wara ħafna sar jaf li xorta baqgħu joħorġu bid-dgħajsa, bid-differenza li din id-darba kienet tkun aktar baxxa fl-ilma, għax peress li ma sabux tarf jiftħu l-katnazz, il-ġebla kien ikollhom joħduha dawra magħhom fil-frejgatina![40]

### Sajda bil-konz tal-qiegħ wara nofsinhar

Joe Cini tal-Bajjadon jiftakar kif il-familja tagħhom kellhom ir-raba' x-Xquq. Kellhom xi dwieli, jissejħu ta' żaqq il-baqra għax l-għeneb kien qisu biż-żokkra, kif ukoll tin u silla. Missieru wkoll kien jgħidlu li l-irdum, fl-antik, kien jinżera' l-qoton. Minkejja li kien dilettant tar-raba', il-baħar dejjem kien kalamita għalih.

Jiftakar kif darba, hu u ħuh Ġanni, kalaw konż għal tal-qiegħ wara nofsinhar. Tefgħuh f'postijiet fejn kien hemm l-iskolli forsi jinzertaw xi ħuta sabiħa imma bdiet ġejja sunnara wara l-oħra u l-ħut kien qisu fuq strajk tal-ġuħ. Fl-aħħar ġew f'biċċa fejn kien jidher il-qiegħ u ħuh qallu "Issa iktar ma jiġi xejn." Kif qallu hekk weħlu mal-qiegħ. Ħasbu li kienu weħlu mal-alka għax il-qiegħ kien varjit, jiġifieri ramel u alka imma hekk kif issikkaw il-lazz ħassew ġibda tajba. Stennew xi merina imma kien dott ta' ħames kilos. Baqgħu jħossu l-konż jagħti

d-daqqiet u feġġ dott ieħor ta' erba' kilos. Imma l-borma fuq tlieta toqgħod għax warajh feġġ dott ieħor ta' tliet kilos. Il-konz li kien fadal reġa' beda jfannad u mill-fond telgħet traċna ta' kważi żewġ kilos.

Missier Joseph, Ċensu, jiftakar kif darba t-Tunnara tad-Delli għamlet sajda tumbrelli. Kien qiegħed għall-kaċċa **Bunuħħala** u xħin ra l-barkazzi deħlin mar jittawwal ħa jara x'qabdu. Ċensu xammar idejh u spiċċa jgħinhom iqandlu l-kaxxi ppakkjati bil-ħut. Għamel mid-disgħa sa nofsinhar iħott il-kavetti mimlija sa ruħ ommhom bit-tumbrelli.[41]

### Għall-gallini Rdum il-Qammieħ

Kien l-14 ta' Novembru, 1984. Joe kien beħsiebu jmur il-baħar imma ħuh Ġanni qallu biex imur miegħu għall-gallini. U ġietu tajba li sema' minnu għax dakinhar il-gallini għamluha. Kien hawn gallini kważi fil-widien u x-xagħri kollha tal-Mellieħa. Kif niżlu l-irdum ħuh mill-ewwel rifes waħda imma marritlu, avolja kien jispara tajjeb. Ma tantx kienu bdew bit-tajjeb! Imma imbagħad ġew f'roqgħa u minnha Joe qabad ħamsa. Il-gallini bilkemm riedu jtiru għax kien hemm xiber nida. Waħda minnhom marret qagħdet eżatt quddiem Ġanni u kif dan ċaqlaq is-senter, ħarġet b'kemm tiflaħ. Kemm kemm laħaq qatilha Joe qabel ma għebet wara blata. Ħuh spara għal oħra u ma setgħu jsibuha b'xejn. Qisha belgħetha l-art. Ma xtaqux jitilfu ħin fuqha allura komplew iduru u b'kollox tajru sbatax-il waħda u qatlu tlettax. Huma u ħerġin lura, fil-passaġġ, sabu l-gallina l-mitlufa. Kienu għaddew miljun darba minn hemm ifittxuha u żgur ma kinitx hemm qabel. Aktarx li kienet moħbija x'imkien, ħarġet fil-passaġġ u mietet.[42]

### Tliet wiżżiet

Darb'oħra, Joe il-Bajjadon kien għall-kaħli mal-**Ħajt tal-Qammieħ** meta f'daqqa waħda sema' twerżiqa fuq rasu u mis-smewwiet niżlu tliet wiżżiet qishom ajruplani! Marru qagħdu warajh imma għalkemm għall-kaħli kien armat sa snienu, senter miegħu ma kellux. Itawwal baxx baxx ħa jara fejn qagħdu u rahom jirgħu fuq il-pett, qishom xi tliet nagħġiet. Allura qabad it-triq bil-mixi lejn il-Mellieħa, għax liċenzja tas-sewqan kien għad ma kellux. Kif tbiegħed ftit telaq jiġri kemm jiflaħ, bil-qasba tal-kaħli f'idejh u hekk kif kien tiela' sparat mal-passaġġ, bit-tferfix, weħillu x-xlief ma' ħatba. Imnalla nqatgħet il-ħarira għax kien iweġġa'. Hekk kif wasal Qasam Barrani ltaqa' ma' Ninu t-Timm u dan offrielu li jwasslu l-Mellieħa.

Kif wasal id-dar, ħuh Ġanni staqsih x'kien ġara u kif dan sema' bil-wiżż, ħataf is-senter. Barra sabu



***Joe Cini tal-Bajjadon bil-wiżża li qabad mis-sies tal-Qammieħ. Ritratt: Joe Cini.***

li Ninu mar ġab is-senter ukoll! Imma kif qalilhom Joe, kien jixraq li l-ewwel jispara hu għax hu kien rahom joqogħdu. Kif waslu, daħlu baxx baxx u Joe pprova jiġġonta mqar tnejn minnhom. Imma waħda minnhom kixfitu, qabdet ir-rankatura biex tinqata' mill-art u kif fetħet ġwinħajha, għafas il-grillu u saret ballun rix. Imbagħad kien pront immira fuq it-tieni waħda imma feġġew żewġ kanen fuq kull naħa ta' rasu, instemgħu żewġ tiri mgħaġġlin u l-wiżża tkebbet ukoll. Jekk qatilhiex Ninu jew Ġanni Alla biss jaf! It-tielet waħda kienet tbiegħdet sew mill-oħrajn u rawha sejra fit-tul, imbagħad inqabdet l-għada mid-Delli[43]

### "Qbadt nagħġa!"

Ta' Kullatu kienu magħrufin għall-ħanut tax-xorb li kellhom fil-Mellieħa. Imma kienu wkoll midħla tax-Xquq minn fejn kienu joħorġu għas-sajd. Karmnu Micallef għadu sal-lum joħroġ bil-Baħri tiegħu, irejjex b'klamar jew siċċa ħajja fil-fond, forsi tmissu xi ħuta sabiħa.

Waħda mill-isbaħ esperjenzi li kellu seħħet il-Ħadd, 21 ta' Marzu 2010. Kien għaddej bil-mod il-mod irejjex mal-qiegħ bi klamar ħaj meta f'daqqa waħda, ix-xlief ħarab minn idejh qisu weħel ma' xi *speedboat*. Karmnu kien pront dawwar il-frejgatina biex ma jiġbidx kontra ta' dak li kien hemm imwaħħal mas-sunnara. Iżda l-ħarira baqgħet tvenven 'il barra bla kontroll, allura Kullatu waħħal

flixkun tal-ilma vojt mas-*swivel* tax-xlief u dan malajr sparixxa lejn il-qiegħ. Kellu tlitt iblalen żgħar tal-plastik u rabathom wieħed wieħed u t-tlieta li huma wkoll għebu max-xlief. Dawn il-blalen u l-flixkun, peress li kienu mimlija bl-arja, kienu qed jiġbdu kontra l-ħuta u jgħajjuha bil-mod il-mod. Wara xi tliet kwarti feġġ l-ewwel ballun, imbagħad it-tieni u t-tielet u fl-aħħar il-flixkun li kien iċċattja ruħu bil-pressa tal-ilma. Hekk kif il-ħuta qorbot lejn il-fregatina, Kullatu nduna li kien waħħal aċċola sabiħa. Beda jgerfex b'idejh ħalli jaqbad il-ganċ imma ma seta' jsibu mkien. Ftakar li filgħodu, hekk kif kien se jvara, kien ra siċċa, ipprova jaqbadha bih u nsieh warajh fuq il-moll.

Allura kellu problema għax jekk tipprova ttella' ħuta bħal dik ġewwa dgħajsa mingħajr ganċ żgur taqagħlek il-baħar. Hekk kif tinqata' mill-ilma, titqal u jew jinqata' x-xlief jew inkella tinbeżaq is-sunnara. Kien se jċempel lil tal-Baqrambun li kienu ftit 'il bogħod minnu imma nduna li kienu qed jerfgħu l-parit, allura ma setgħux jiċċaqalqu minn fejn kienu. Ma kienx hemm x'tagħmel, wassalha mal-frejgatina u dawwar ħabel pajlor ma' denbha. Hekk kif irnexxielu jorbotha, ħatafha u iġbed minn hemm u kaxkar minn hawn, tefagħha ġewwa. Kien fiha 37 kilo. Hekk kif kien bilqiegħda fuq il-bank tal-frejgatina jimsaħ l-għaraq bil-ħuta fuqu, feġġew tal-Baqrambun deħlin lejn l-art. "Qbadt nagħġa!" qalilhom. Ta'min isemmi li Karmnu qabad aċċola oħra ta' 34 kilo imma peress din id-darba kien qed jistad bil-qasba u mhux fuq idejh, il-kedda ħaditha il-qasba u mhux hu![44]


*Karmnu Micallef ta' Kullatu bl-aċċola li qabad fuq idejh.*
*Ritratt: Karmnu Micallef.*

### Irdum il-Qammieħ

Bħax-Xquq, Irdum il-Qammieħ[45] minn dejjem ġibed in-nies lejh. Xhieda li r-raba' li hemm l-irdum kien jinħadem 120 sena ilu huwa l-fatt li l-bdiewa tal-post, f'Lulju tal-1899, ġew misruqa minn xi suldati li kienu kkampjati l-Għadira. Għalhekk, Gio. Maria Borg ta' Klara, Giovanni Vella ta' Ċerkes u Andrea Mifsud tal-Għadira talbu kumpens għall-għeneb, bettieħ, dulliegħ u tin li kien għosfor.[46]

Sena wara, Paolo Bonanno ta' Lawrenz, Francesco Sammut il-Kos, Francesco Grima ta' Grezzju, Vittoria Bartolo taz-Zikkin u Francesco Grima ta' Ventur spiċċaw bix-xitel tat-tadam imkisser u bit-tadam misruq meta xi suldati daħlulhom fl-għelieqi ta' Rdum il-Qammieħ.[47]

Xi truppi mill-Kamp tal-Għadira li kienu jimirħu fl-inħawi tax-Xquq u l-Qammieħ ġieli spiċċaw ħażin. F'Marzu tal-1905, il-Kapural Samuel Mitchell, tal-Ewwel Battaljun tar-*Rifle Brigade,* kien qiegħed fuq Irdum l-Ikrah meta waqa' minn fuq ix-xifer għal isfel, għoli ta' 150 pied (45m) u għalkemm baqa' ħaj, miet ftit wara fl-Isptar tal-Kamp Militari tal-Għadira.[48]

### Sfrattat il-bagħla

Pawlu Vella tan-Nar isostni li r-raba' ta' Rdum il-Qammieħ huwa raba' tajjeb imma trid tkun taf taħdmu għax peress li tafli, malajr tballtu u ġġibu qisu konkos. Jiftakar kif l-aktar prodott komuni l-irdum kien it-tadam taċ-ċatt bikri, li jinqata' f'Marzu. Peress li Rdum il-Qammieħ huwa kenni mir-riħ fuq u faċċata tax-xemx, it-tadam kien jilħaq qabel għax qisu qiegħed ġo serra. Kienu jitħawlu prodotti oħra bħal qara' aħmar, brunġiel, qara' twil,


*Pawlu Vella u Charlie Vella tan-Nar, flimkien ma' Ġużi Grima l-Aħmar wara kaċċata fniek Irdum il-Qammieħ.*
*Ritratt: Pawlu Vella.*

basal, tewm u ħxejjex oħra li ma tantx jittieklu mill-fenek selvaġġ. Jekk kont titħajjar tagħmel xi ħaġa li tifforma parti mill-menu tal-fniek, mal-lejl kienet tisparixxi!

Tan-Nar għandhom mina tal-ilma l-irdum, fonda xi mitt pied. Fuq ġewwa nett hemm żewġ toqbiet qishom imħaffra bil-baramina u minnhom ġej ftit ilma li jispiċċa ġewwa għajn. Din l-għajn hija ffurmata minn blata u fuqha hemm imnaqqxa d-data 1839. Qabel kienu jsaqqu bil-miġra, jiġifieri jagħmlu raddi fil-ħamrija biex jgħaddi l-ilma minnhm.

Il-bhejjem, bħall-ħmir u l-bgħula, kienu jużawhom kemm biex iwassluhom l-irdum, kemm biex jaħartu bihom, kif ukoll biex jieħdu l-prodotti tar-raba' Birkirkara minn fejn kienu jinbiegħu. Pawlu jiftakar kif kellhom bagħla rasha taż-żonqor. Jekk tgħidilha Ħoooooow aktar iżżid il-pass. Darba minnhom kienu qegħdin jaħartu u din qabżiltilha, tnaffret, tat daqqtejn biż-żewġ u ħarbet tiġri l-irdum. Wara ma nafx kemm, il-bagħla sabuha tirgħa qalb il-blat imma l-moħriet li kienet qed tiġbed warajha laħaq spiċċa sulfarini![49]

### Erbgħa b'tir!

Pawlu minn dejjem kien dilettant tal-fniek u xi drabi kien jieħu xi ħbieb miegħu l-irdum għall-kaċċa. Għodwa minnhom, kienu hu, ħuh Żeppu, Salvu ta' Mazza u Anġlu tas-Siġġijiet. Il-mistieden speċjali dakinhar kien Joe Caruana ċ-Ċhoker, ħu Salvu ta' Mazza. Dan iċ-Ċhoker ġie armat b'senter tal-kaċċa Amerikan, li skont Pawlu kien fih qantarejn. Il-klieb malajr sabu fenek ġo ħajt u qabel telaq in-nemes, Pawlu ġiegħel lill-oħrajn iwegħduh li kienu se jħallu lil Joe ċ-Ċhoker jispara għall-fenek. Meta kulħadd tah kelmtu, iċ-Ċhoker tela' fuq l-ogħla blata biex jispara mingħajr diffikultà u n-nemes intelaq fil-ħajt. Wara ftit qabeż fenek aħmar, iserbet kemm jiflaħ, iċ-Ċhoker immira u mal-BUMM instema' ħafna għajjat u kliem ħażin. Joe rnexxielu jolqot lil Pawlu, lil Żeppu, lil Salvu u lil Anġlu – b'tir wieħed!

Imma li ġara ma kienx tort ta' Joe. Il-kanna tas-senter kienet xkattatlu (inqasmet) kemm kemm 'il fuq mill-firroll u kellu xorti li ma tilifx subajgħ. Dak iż-żmien kellhom ħabta jikkargaw l-iskrataċ billejl, wara x-xogħol, u bejn in-ngħas u bejn id-dlam, jista' jkun li l-iskartoċċ li għamel ħerba kellu karga porvli doppja. Fortunatament ħadd ma weġġa' serjament għalkemm iċ-Ċhoker kellu xokk kbir fuqu. Ftit ilu, Pawlu mar l-isptar u t-tobba ndunaw li kien baqagħlu ċ-ċomb tifkira ta' dik il-ġurnata.

Darb'oħra, Pawlu kien ma' sieħbu meta l-klieb qalgħu fenek. Pawlu spara fuqu u mat-tir sieħbu beda jwaħwaħ bl-uġiegħ, minkejja li Pawlu ma kienx spara fid-direzzjoni tiegħu. Pawlu qalli: "Sparajna flimkien u taret ċomba minn fuq il-blata (tal-Qawwi) u lqattu ġo widintu… naqra ta' jiġifieri, imma… ma ħax pjaċir!" Ittih tort!?[50]

### Papoċċ tal-Moda

Kien għamel żmien f'Malta kulħadd armat b'papoċċi blu jew kannella b'qiegħ ċatt. Kienu qishom moda, jew aħjar kienu moda għax ma kienx hawn għażla. Kulħadd bihom, għall-futbol, għar-raba', għall-mixi. Id-difett kbir ta' dawn il-papoċċi kien li kienu jiżolqu aktar minn sallura midluka bix-xaħam u s-sapun.

Darba Pawlu kien għall-kaċċa liebes wieħed minn dawn il-famużi papoċċi. Hekk kif wasal fuq il-**Mina** tal-ilma spara għall-fenek u qatlu. Kienet għamlet irxiexa dak il-lejl u hekk kif kien nieżel għall-fenek, għadda minn fuq blata u l-papoċċ, li kien aktar maħluq biex tiskija bih milli biex timxi fuq il-blat imxarrab, għamel waħda minn tiegħu u Pawlu żelaq u waqa' sular. Spiċċa ġo ħatba sewda, li għal min ma jafx x'inhi, hija arbuxxell b'ħafna friegħi ppuntati u mxewkin. Hekk kif lil Pawlu għidtlu kemm kien sfortunat li kellu jispiċċa ġo dik il-ħatba tal-flaġelli, weġibni "Aħjar milli laqagħni l-blat!" U kellu mitt raġun![51]

### Il-borok taċ-Ċumnija

Iċ-**Ċumnija** ħadet isimha mill-fatt li meta l-baħar ikun qawwi, il-mewġ tant jaħbat bis-saħħa li jogħla tliet sulari max-xifer, imbagħad ir-riħ jaqbad ir-raxx u jdaħħlu lejn l-art qisu duħħan. B'hekk ikun qisu ċumnija ddaħħan. Ir-raxx jagħmel ħerba kbira mill-prodotti tar-raba'. Interessanti li ċ-**Ċumnija** m'għadhiex iddaħħan bħal qabel. Fl-antik, il-ħalel kienu jitilgħu ma' blata imma din inqatgħet biċ-ċaqliq. Biż-żmien ifforma speċi ta' għar u l-mewġ



*Tfajjel jistad ġo ħofra taħt is-Sur tax-Xquq. Ritratt: Joe Camilleri.*

sar jifga ġo fih u mhux jogħla 'l fuq. Illum irid veru jkun qawwi l-baħar biex iċ-**Ċumnija** ddaħħan.[52]

Barra raxx tal-baħar, miċ-**Ċumnija**, għall-ħabta ta' Marzu, jitilgħu wkoll il-papri. Hekk kif jibda jidlam, dawn jitfaċċaw fuq il-baħar u joqogħdu jistrieħu ftit 'il barra mix-xatt, jistennew ix-xemx tidlam, biex imbagħad jaqsmu lejn l-Għadira mal-lejl. Kien ikun hemm ħafna kaċċaturi jistennewhom bil-ħerqa. Hekk kif kien iroxx id-dlam kienu jisimgħu it-tferfir tal-ġwienaħ u l-borok ifiġġu. Imbagħad baraxx tiri u ilsna tan-nar u ferħ ta' ġenn, kulħadd jiġri biex jiġbor. Ħadd ma kien ikun jaf x'waqqa' jew x'laqat, allura min isib xi papra merħba biha. Anzi kien hemm min minflok jispara joqgħod għassa fejn se jaqgħu l-papri u aktarx li dawn kienu jmorru l-aħjar![53]

### Agħżel l-aħjar biċċa art

Il-laqam Kejli ġej mill-fatt li xi antenat ta' din il-familja għen lill-Ingliżi jkejlu l-art tal-Aħrax, biex imbagħad din tkun tista' toħroġ b'ċens lill-bdiewa. Ċensu Debono ta' Kejli jiftakar kif bħala ringrazzjament għax-xogħol li kien għamel, l-Ingliżi ħallew lil bużnannuh jagħżel biċċa art li ried. Dan uża moħħu u għażel ix-xagħra tas-Sagħtar. Għamel hekk għax dak iż-żmien, is-sagħtar u x-xewk kien jiswa mitqlu deheb peress li kien jinbiegħ għall-ifran. Imma kif għadda ż-żmien, id-dixxendenti tiegħu ndunaw li kulħadd kellu naqra raba' tajba filwaqt li huma spiċċaw b'xagħra mimlija blat.

Ċensu għandu l-għelieqi Rdum il-Qammieħ. Jiftakar kif kienu jaħdmuh bil-bank,[54] jiġifieri tagħmel raddi jew flanni skont kemm tiflaħ tfannad 'l isfel, titfa' d-demel ġol-flann u tgħaddi bil-kruxxun. B'hekk, meta tagħmel ix-xita, l-ilma jinżel fil-fond u l-ħamrija tibqa' friska anke fis-sajf.[55]

### L-Għajta tax-Xifer

Fenomenu stramb li ftit semgħu bih huwa l-għajta jew ir-riħ tax-xifer. Meta jkun bnazzi perfett, mingħajr żiffa riħ, fl-aqwa tas-sajf, f'daqqa waħda jqum riefnu mix-xejn u l-ħatab u l-kappar tax-xifer qisu jkun daħal fihom ix-xjaten. Dan ir-riħ saħansitra jwaqqa' żrar u laqx għal isfel. Jekk qatt ma tkun esperjenzajtu qabel, aktar u aktar billejl, iwerwrek. Fil-fatt, fl-antik, xi kaċċaturi anzjani kienu jdabbru rashom lejn id-dar hekk kif kien jqum dan ir-riħ misterjuż, li xi drabi jdum anke għaxar minuti. Kienu jemmnu li ħarġu tas-setta jduru. Aktarx li dan ir-riħ iseħħ minħabba d-differenza fit-temperatura bejn il-baħar u l-art.[56]

### "Ara tolqtu l-kelba"

Kien is-sajf u flimkien ma' Ċensu ta' Kejli kienu marru għall-kaċċa ħut il-mara tiegħu. Kellu kelba



*Joe Cini l-Bajjadon ma' missieru Ċensu għall-vopi. Ritratt: Joe Cini.*

bieżla u din mal-ewwel qalgħet fenek li għosfor ġol-bejta. Qabel nemmsu, avżahom miljun darba biex joqogħdu attenti kif jisparaw li ma jmorrux jolqtulu l-kelba. Xħin l-oħrajn wegħduh fuq li wegħduh li ma kinux ħa jisparaw bl-addoċċ, telaq in-nemes u wara ftit il-fenek ħareġ. Ċensu, li ma tantx kien emmen il-wegħdi tal-oħrajn, fettillu li joqtol il-fenek malajr kemm jista' jkun qabel tibda l-kaxxa infernali. Hekk kif kien se jagħfas il-grillu, il-kelba telgħet minn wara l-blata tlebbet wara l-fenek u minkejja li laħaq dawwar kemm kemm il-kanna, il-grillu xorta għafsu u laqat il-kelba hu! Il-povra kelba ħarġet l-irdum kollu merfgħuha fuq l-idejn qisha qegħda fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ċensu ma refax fil-vara għax ma kellux kuraġġ jara x'kien għamel lill-kelba. Hekk kif wasal id-dar, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt, kemm qala' prosit mingħand il-mara u t-tifla. Imma l-istorja ntemmet b'wiċċ il-ġid għax wara kollox il-kelba ma kellha xejn serju u kif qalli Ċensu, kompliet fil-karriera tagħha ssib il-fniek. Jekk kif kien joħroġ xi fenek kinitx tixtieq li kienet tkun liebsa armatura tal-azzar, dik ħaġa oħra.[57]

### "Il-gallina ssibha bil-patata!"

Minkejja li Ċensu ma kienx dilettant ħafna tal-gallini, xorta kien itajjar xi waħda, avolja qablu kienu jkunu għaddew miljun ruħ iduru għaliha. Dan għaliex kif qalli Ċensu, "Il-gallina ssibha bil-patata." Biex iddur għall-fniek sew, irid ikollok paċenzja ta' Ġobb, tintefa' bilqegħda u kemm tiflaħ tissapporti tistenna l-klieb iduru aħjar. U b'hekk, jekk ikun hemm xi gallina moħbija sew, dawn fl-aħħar itajruha. U b'hekk il-gallina tkun sibtha bil-patata, jiġifieri bilqiegħda fuq il-warrani!

Omm Ċensu, Anġla, minn tar-Raġel, kienet tinqala' biex tagħmel il-ħbula mill-pjanta tal-ħalfa. Kienet tħalli l-ħalfa tinxef sew, ixxarrabha ftit ġo banju u wara tibda tobromha sakemm tifforma l-ħbula. B'dawn il-ħbula kienu joħorġu il-qatet tas-silla minn irdum, għalkemm kien hemm min kien

jużahom biex jiddendel max-xifer.[58] Kienu anke jsiru ħbula mix-xgħir aħdar.[59]

### Il-kelb ta' nofsillejl

Bidwi ieħor li għandu r-raba' Irdum tal-Qammieħ huwa Joe Borg ta' Kolin. Ilma rdum ma kellux għalkemm kien hemm xi ħofor imħaffrin fit-tafal, mibnija bis-sejjieħ, fejn kien jibqa' jiskula l-ilma tax-xaba'. Meta r-raba' kienet tinħadem bil-kruxxun kienet iżżomm aktar tirgħa u saħansitra kienet tibqa' friska sal-Vitorja. Il-muturi tal-ħart, bix-xfafar tagħhom, iballtu l-ħamrija xi pied 'l isfel mill-wiċċ.



*Joe Borg ta' Kolin fir-raba' tiegħu l-Qammieħ.*
*Ritratt: Joe Borg.*

Joe jirrakkonta kif fis-sajf, hu u ħuh Leli kienu jorqdu fuq il-bejt tar-razzett tagħhom il-Qammieħ. Imma lejl minnhom, għal ħabta ta' nofsillejl, ir-raqda ġiet imwaqqfa ħesrem hekk kif il-klieb tal-irziezet bdew jinbħu kemm jifilħu. Huma ttawlu minn fuq il-bejt ħa jaraw x'ġara u lemħu kelb sewdieni għaddej mit-triq. Wara l-frattarija li kienu għamlu l-klieb, li baqgħu jinbħu sa filgħodu, iż-żewgt aħwa ma setgħux jorqdu. U l-għada ġara l-istess, għall-ħabta ta' nofsillejl reġa' għadda dan l-imbierek ta' kelb li ġennen il-klieb tal-madwar u li qajjem lil Joe u lil ħuh. Wara li din il-biċċa grat xi ħames darbiet, ta' Kolin iddeċidew li żżejjed kollu żejjed u allura tellgħu ħames mazkaniet (ġebliet) biex jekk il-kelb jerġa' jgħaddi jwaddbuhomlu, forsi jitnaffar u jħallihom igawdu l-irqad bil-kwiet.

U hekk ġara. Il-klieb bdew jinbħu, Joe ttawwal minn fuq il-bejt u f'nofs it-triq ra dell sewdieni. Leli kkonferma li dak kien il-kelb tas-soltu, allura Joe ħa l-mira u waddab żewġ ġebliet lejn il-kelb. U hawn ġrat ħaġa tal-għaġeb. Il-kelb qam bilwieqfa, ħa s-sura ta' bniedem bajdani twil xi sitt piedi u biex tgħaxxaqha, dan beda miexi lejn l-irziezet. Ta' Kolin ħasbu li kienu tefgħu l-ġebel lill-bidwi li kien jgħix f'razzett fil-viċin u kienu pronti staħbew taħt il-gvieret.

Filgħodu sabu l-bidwi u skużaw ruħhom miegħu talli waddbulu l-ġebel imma hu ħalef li dak il-lejl, mir-razzett ma kienx ħareġ! Minn dakinhar 'l quddiem, il-kelb ma reġax deher aktar. Minkejja li għaddew għexieren tas-snin minn din il-ġrajja, Joseph u ħuh għadhom sa llum jhewdnu x'seta' kien dak li raw.[60]

### Fniek tat-Tiben

Joe ta' Kolin kellu drawwa li meta kien jaqbad xi fenek selvaġġ, iżomm il-ġilda tiegħu u jimliha bit-tiben. Imbagħad juża' fidiferruwa biex jerġa' jtiha forma ta' fenek, iwaħħal żewġ qasbiet żgħar ħalli l-widnejn iżommu dritti, jagħmel żewġ biċċiet ċarruta tondi u suwed għall-għajnejn u l-fenek kien jerġa' jieħu l-ħajja! Meta kien jispara għal xi fenek, kien iniżżel il-fenek tat-tiben miegħu l-irdum u jħallih f'xi pożizzjoni strateġika. Wara ftit kien jasal xi sfortunat, jispara għalih, jibla' xi mixja tal-qaddisin biex jinżel iġibu minn irdum isfel u wara dik il-battikata kien isib li l-istuffat li kien ippjana li jagħmel kien għeb qisu tiben fir-riħ!

Kienu ħafna l-vittmi! Wieħed spara għall-fenek tat-tiben u baqa' mbellah kif dan ma ċċaqlaqx! Allura mar jistagħġeb fejn sieħbu u dan ħareġ bil-konklużjoni li l-fenek baqa' fejn kien għax l-ewwel nett ma kienx ntlaqat u t-tieni nett għax tant kemm kien rieqed fil-fond li lanqas sema' t-tir! Allura reġgħu marru fuq ix-xifer u l-fenek kien għadu hemm jistennihom. L-ieħor ried jurih kif għandek tispara għall-fniek, allura tkaxkar max-xifer biex qorob aktar, immira u mat-tir, il-fenek inqaleb minn fuq il-blata għall-isfel. Imbagħad kedda biex niżlu għalih biex ndunaw li l-fenek kien ilu li sar stuffat!

Darb'oħra ta' Kolin xxabbat max-xifer u ħalla fenek tat-tiben f'nofs ix-xifer fejn bejta. Wara ftit feġġ kaċċatur u spara għalih. Issa dan kellu problema. Max-xifer ma kienx jiflaħ jixxabbat imma malajr ġietu idea ġenjali. Mar id-dar, ġab il-qasab tas-sajd, ġannathom flimkien u minn fuq ix-xifer beda jipprova jolqot il-fenek bihom. Fl-aħħar irnexxielu jwaqqa' l-fenek għal isfel u niżel għalih ferħan bil-bravura li kien għamel!

Fenek tat-tiben minnhom għamlu fejn bejta li

hemm taħt il-kamra tal-Balilla. Imma peress li Ċensu l-Balilla kien ibati b'qalbu, Joe qallu bih ħalli ma jtihx kedda ta' xejn. Tfaċċaw Ċikku u Fredu Grima li mal-ewwel immarkawh iżda sfortunatment ma kellhomx senter. Marru jiġru jgħidu lill-Balilla biex imur jispara għalih imma dan ovvjament ma riedx. Però ta' qalbu tajba li kien, offrielhom is-senter tiegħu u kien Fredu li kellu l-unur li jispara u jinżel għalih. It-tajba hi li weħel ma' rashom il-Balilla għax peress li ma riedx jispara għalih, issuspettaw li kien għamlu hu!

Hekk kif dawn l-imberkin ta' fniek tat-tiben bdew jindraw, beda jiġri bil-kontra. Jittawwal xi ħadd minn fuq ix-xifer, jara 'fenek tat-tiben', ma jagħtix kasu u xħin ifettillu, il-fenek idabbar rasu bejn il-blat! Oħrajn kienu jkunu ċerti li l-fenek li kienu qed jaraw kien tat-tiben imma biex iserrħu rashom, kienu jwaddbulu żrara u dan kien jisparixxi bil-kaċċatur jibqa' b'ħalqu miftuħ!

Kien hemm ieħor mar bil-mixirfa għal xi disgħa ta' filgħodu u ra fenek ġo toqba fuq blata. Iżda xħin ma rahx jiċċaqlaq, ma tax kasu iżjed. Fis-sagħtejn reġa' ttawwal u l-fenek kien għadu hemm, allura aktar ikkonferma li kien tat-tiben! Tant kemm kien konvint li kif iltaqa' ma' ta' Kolin u dan saqsih jekk kienx ra xi ħaġa, wieġbu, "Iva, wieħed tat-tiben minn tiegħek fejn il-bejta **tal-Lanġasa**." Issa Joe kien jaf li hemmhekk ma kienx għamel fniek tat-tiben, allura mar jittawwal u l-fenek kien għadu hemm, rieqed fil-fond! Spara għalih u mar jgħid grazzi lil min kien qallu bih![61]

### Fatati u ħsejjes strambi mal-lejl

John Vella s-Sigarett beda joħroġ għall-fniek waħdu ta' tnax-il sena. Hu propja minn tas-Suttani imma peress li missieru Pawlu kien irqiq għuda, qalgħuhielu s-Sigarett u spiċċa wiret il-laqam tiegħu. Biex imur Irdum il-Qammieħ, kien jinżel bil-mixi minn Ġnien Ingraw, jgħaddi minn taħt il-Kamp tal-Għadira, jitla' mis-Sdieri mbagħad jgħaddi għal fuq ix-xifer biex joqgħod bil-mixirfa għad-dawl ta' qamar. Imbagħad kif jinżel il-qamar kien imur jorqod fil-kamra li kellhom Għajn Tuta.

Jiftakar kif kien hemm żmien meta Rdum il-Qammieħ bdew jidhru l-iħirsa. Dan għaliex kien hemm min beda jbeżża' lill-kaċċaturi biex ma jersqux għall-kaċċa lejn l-irdum ħalli jgawdu huma biss. Kienu jitkebbu f'liżar u jistennew lil dak li jkun ġej fid-dlam, imbagħad jitgerrbu mas-sies tat-tafal. Inkella jaqsmu f'xi passaġġ bil-mod il-mod, qishom ruħ. Jekk ma tkunx taf x'qed jiġri, kont tinqata' minn ġewwa.

Darba d-diskors waqa' fuq il-fatati tal-irdum u staqsew lis-Sigarett x'kien jagħmel jekk jispiċċa wiċċ imb'wiċċ ma' wieħed. Peress li kien jaf li wieħed minn dawk li ġieli nbidlu f'ħares kien qed jisma' kollox, it-tweġiba kienet hekk, "Mhux intih tir! Jekk ikun spirtu mhux se nagħmillu ħsara għax ġa jkun mejjet. Jekk ikun tad-demm u l-laħam, dak jarah hu!" Ma noħduhiex b'sorpriża li hu qatt ma ltaqa' ma' fatati l-irdum!

Inkella kienu jaraw lil xi ħadd l-irdum bil-lejl bil-mixirfa fuq xi blata u jwaddbulu l-ġebel minn fuq ix-xifer għal isfel. Lejl minnhom, John kien mimdud fuq blata meta f'daqqa waħda sema' tvenvina ma' rasu. Ħaseb li xi ħadd kien qiegħed jissuttah bil-ġebel. Ftit wara tvenvina oħra. Iżda nduna li l-'ġebel' ma kienx qed jaħbat mal-art għax it-tvenvina biss bdiet tinstema'! Sema' aktar ħsejjes strambi għaddejjin żiffa minn miegħu. Wara xi ħadd qallu li dak li sema' ma kien xejn ħlief iċ-ċief li jkun ħiereġ mill-bejtiet tiegħu fix-xifer fi triqtu lejn il-baħar.[62]

### Min jorqod ma jaqbadx fniek – suppost!

Għodwa minnhom John wasal tard fuq ix-xifer u zijuh, li kien sebaħ hemm, qallu, "Issa x'ġejt tagħmel?" Però lanqas laħaq tbiegħed ftit passi li ma rax fenek għaddej bejn il-ħarrub fejn id-**Dikkiena**. Kif spara għalih, feġġew żewġt ifniek oħra telgħin sparati mar-rampa tad-**Dikkiena** biex jidħlu ġewwa. Kien pront tahom żewġ tiri. Zijuh qallu, "Ma qtiltux hux għax għaġġilthom it-tiri." Imma hekk kif is-Sigarett tela' minn taħt ix-xifer bi tlitt ifniek f'idu, l-ieħor mistagħġeb qallu, "Int m'għidtx li ma qtiltux?!" U John wieġbu, "Skużi, dak int għidtu, mhux jien!"

Lejl minnhom kien bil-mixirfa fuq ix-xifer tal-Qammieħ u beda jara fenek jiċċaqlaq imma peress li kien lejl imsaħħab, il-qamar ma bediex juri sew. Fl-aħħar spara u ħaseb li ma qatlux għax mat-tir ħareġ jiġri. Tah t-tieni tir u l-fenek ma ċċaqlaqx iżjed. Niżel jiġbru imma baqa' jhewden fuq l-ewwel tir li kien spara. Allura mar jittawwal fejn kien spara l-ewwel darba u hemm sab żewġt ifniek oħra mejtin. Aktarx kienu qed jieħdu ftit pjaċir li spiċċa ħesrem! Tlieta b'żewġ tiri![63]

### Gallina tal-post

Kien hemm gallina tal-post Irdum il-Qammieħ li ħadd ma seta' jtajjarha. Allura darba l-Ħadd, is-Sigarett mar jipprova xortih. Wara ftit il-klieb sabu sinjal imma minkejja li ħartu kull m'hemm ma tajruhiex. Fl-aħħar kelba minnhom bdiet tagħti s-salt biex tipprova titla' max-xifer. Iggranfa minn hawn u ġġebbed minn hemm, irnexxielha u daħlet ġo għar ċkejken. Imbagħad instema' tfaqqigħ ta' ġwienaħ u ħarġet il-gallina minn ġol-għar qisha dimonju. Kienet titla' ġol-għar xħin tinduna li ġej l-inkwiet. Xħin staqsejt lil John jekk qatilhiex, it-

tweġiba kienet "Ħeqq, jien ma mortx biex inżiegħel biha!"[64]

### Il-Pappagallu jmur *off roading* – f'nofs il-Mellieħa

Ġanni Dimech il-Pappagallu[65] kien midħla sew tal-Qammieħ u minn irdum kien dieħel u ħiereġ, daqqa għall-ħut, daqqa għall-fniek u daqqa fir-raba'. Meta ġie mill-Awstralja kien rama' b'mutur BSA imma kellu problema għax il-Qammieħ ried jieħu l-kelba miegħu. Allura għamlilha kaxxa tal-injam, rabatha mal-ġenb tal-mutur u l-kelba kienet tirkeb fha.



*Ġanni Dimech il-Pappagallu.*
*Ritratt: Familja Borg*

Imbagħad xtara Landrover. Darba minnhom kien ipparkjat fir-rampa ta' Kullatu, fejn llum hemm Ġorġ tal-Forn. Startja u hekk kif qabad in-niżla, mar jagħfas il-brejk u ma sab xejn. Beda jippompja l-pedala biex ineħħi l-arja u l-pedala weħlet mal-pjanċa! Qasam il-*Main Road* sparat, kiser fuq ix-xellug u hemm sab ma' wiċċu t-taraġ li jagħti għal Triq Sant'Elena! U b'Ġanni ggranfat mal-isteering, jimmolla fuq is-*seat*, il-Landrover niżlet it-taraġ ukoll.

Darb'oħra, Ġanni kien ħiereġ mit-triq dejqa li hemm fi Rdum il-Qammieħ meta l-Landrover skidjat xi naqra fuq it-tafal imxarrab u waqgħet fl-għalqa ta' taħt. Spiċċat maqluba fuq ġenb u peress li kienet ix-xita, għamlet xi jumejn hemm sakemm xi ħaddiema tal-Gvern għenuh jaqlibha f'postha.[66]

### "U tgħid mhux se jinżel fl-ilma Sant'Antnin!"

Dan Ġanni kien jiżbel malajr imma fl-istess ħin kien nar tat-tiben u malajr jgħaddilu. Xi drabi il-mutur tal-ħart kien jittantah biex jistartja u dan kienet taqbiżlu u kien jibda jgħajjat "Insib ħadida u nkissru!" Kien ikun hemm Pawlu tat-Twila miegħu u kien jgħidlu "Iwa Ġann, hekk nagħmlu, ejja nkissruh!" U kien jgħaddilu. Imma l-mutur ġieli qala xi xebgħa ħadida sew (aktarx il-ħadida kienet tkun l-*istarting handle*) tant li Joe tal-Baqrambun, li kien isewwihom, kien qallu li jekk il-mutur jiqaflu ma jmissux għax iktar kien ikun hemm aktar ħsara bid-daqqiet tal-ħadida milli ħsarat oħra!

Kien jiġbor kemm Alla ħalaq ħbieb u bdiewa tal-inħawi biex jieklu għandu, tant li r-razzett li kellu l-Qammieħ sar qisu l-każin tal-inħawi. Meta kien isajjar għalih u kien jonqsu xi ħaġa, Ġanni kien jidħol fir-raba' tal-inħawi (bil-permess tal-bdiewa) u jaqta' xi żewġ tadamiet misjurin żżejjed, xi ġidra qed tfelles, xi ħassa mikula bil-bebbux, insomma prodotti li ma kinux tajbin għas-suq. Xi kultant, xi bidwi kien isib nofs ġidra tikber fir-raba' tiegħu! Il-Pappagallu jkun ħa n-nofs l-ieħor għall-borma. Kien jieħu biss kemm kien ikollu bżonn u xejn aktar. Imbagħad darb'oħra, kien jgħaddi għan-nofs l-ieħor!

Għodwa minnhom il-mitħna tar-riħ ma riditx itella' ilma. Allura qabad ix-*shiftin* u niżel jixxabbat fl-ispiera biex jirranġa l-pompa. Xi bdiewa tal-madwar semgħuh igerger minn hemm isfel u marru jaraw kellux bżonn xi ħaġa. U hemm raw lil Ġanni, b'saqajh miftuħin imqabbda fit-toqob tal-ġenb tal-ispiera, ftit 'il fuq mill-ilma. F'idejh kellu fidiferruwa u kien qed jgħawwar biha fl-ilma. Kienet waqagħlu dak l-ispeċi ta' kamin tax-*shiftin* fl-ilma u kien qed jipprova jara jaqbdux bil-fidiferruwa, f'ħames piedi ilma u fi dlam ċappa! Xi ħadd minn fuq qallu "Ġann, itlob lil Sant'Antnin forsi jsibulek!" U dak minn isfel, bit-temperatura tiela', wieġbu "U tgħid mhux se jinżel fl-ilma Sant'Antnin!" Anqas laħaq għalaq ħalqu li ma tellax il-fidiferruwa u jsib l-kamin imdaħħal fit-tarf![67]

### Ix-Xquq u Rdum il-Qammieħ illum

Ix-Xquq u l-Qammieħ messithom xorti differenti. Ix-Xquq inbidel mil-lejl għan-nhar għax messitu x-'xorti' li fih jinbena s-sett tal-film Popeye. Illum m'għadekx tistmaħ kelb irdum, kif kien jgħid Karmnu l-Ħanx, għax iddur fejn iddur dejjem taħbat ma' xi ħadd, anke bil-lejl. L-ankri ta' fuq il-bajja għosfru wkoll, għax ttieħdu ġo kontejner min-nies barranin li ħadmu fuq is-sett tal-film,[68] aktarx biex jiddewbu għall-ħadid jew biex jintużaw f'films oħra.

Mill-banda l-oħra, Irdum il-Qammieħ għadu kważi kif sawritu n-natura, wieħed mill-ftit postijiet fil-Mellieħa li għadhom mhux mittiefsa mill-

'progress'. Dan ukoll bis-saħħa tal-bdiewa tal-post li ħadu ħsieb jindukrawh u jieħdu ħsiebu. Huma nies bħal dawn il-bdiewa u s-sajjieda li ħaqqhom l-ikbar ġieħ u unur. Kienu kapaċi jieħdu ħsieb dak li tana l-Ħallieq u jħalluh lil ta' warajhom kif sabuh, għal kuntrarju ta' dawk li għal buthom u bl-iskuża tal-progress, difnu l-postijiet naturali b'torrijiet tal-konkos u ħallew b'wirt lill-bqija tal-Maltin ċappa konkrit.

**Dan l-artiklu qatt ma seta' jkun possibbli mingħajr dawn in-nies:**

**Anthony Sammut, John Baptist Gauci, Jonathan Muscat, David Bartolo, Jimmy Camilleri, Doriette Camilleri, Michael Camilleri, Anthony Rogers, Alfred Vella, Mary Vella, Joe Camilleri, Ġuża Camilleri, Ġanni Grima, Kristina Grima, Ernest Grima, Nenu Fenech, Ġużi Cutajar, Belsa Cutajar, Doris Cutajar, Marouska Falzon Cutajar, Charlie Sciberras, Joe Cini, Lina Vella, Carmelo Micallef, Judith Micallef, Pawlu Vella, Pawla Vella, John Vella, Mary Vella, Joseph Borg, Lucy Borg, Rita Borg, Ċensu Debono, Karmni Debono, Ninu Cutajar, Tessie Cutajar, David Muscat, l-Arċipriet Dun Joe Caruana, Ruben Vella u l-Istaff tal-Arkivji Nazzjonali.**

## Grazzi mill-qalb tal-għajnuna.

*Nota: Il-persuni kollha intervistati għal dan l-artiklu taw il-kunsens tagħhom biex l-informazzjoni mgħoddija minnhom tintuża għal skopijiet ta' riċerka. Huma aċċettaw ukoll li jieħdu sehem fil-Proġett Memorja tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. F'dan il-proġett, l-intervista kollha tiġi rrekordjata, mgħoddija lill-Arkivji Nazzjonali u b'hekk issir parti mill-kollezzjoni orali biex ma tintilifx u tkun tista' tintuża minn riċerkaturi oħrajn għal skopijiet edukattivi.*

## Referenzi


1 Rdum ix-Xquq (*ridum yxicac*) jissemma fl-1569 f'dokument li jinsab fil-Mużew tal-Katidral. Ismu jfisser l-irdum fejn hemm ħafna blat imxaqqaq. Informazzjoni meħuda minn Wettinger Godfrey (2000) *Placenames of the Maltese Islands*, PEG Ltd.

2 1892 - Petizzjoni ta' G. M Zammit, f'ismu u ħafna sajjieda foqra (*begs together with many poor fishermen)* biex jinbena lqugħ għad-dgħajjes fl-Irdum 'Ixquq'.

3 Okkorrenzi tal-Pulizija 1896.

4 Okkorrenzi tal-Pulizija 1906.

5 Jary Christopher (2017) *Yells Hells and Bells* Bluemoon Print.

6 Intervista ma' Alfred Vella.

7 Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Anthony Sammut

8 Intervista ma' Alfred Vella. Ara wkoll l-artiklu ta' Alfred Vella (2019) *Persunaġġi fl-Inħawi tal-Mellieħa* fil-**Mellieħa mal-Milja taż-Żmien**, it-Tieni Volum, Kunsill Lokali Mellieħa pġ 243.

9 Ibid.

10 Is-sajd bil-ġelatina kien komuni ħafna u rnexxieli niġbor ħafna ġrajjiet interessanti tas-sajd bil-bombi. Iżda peress li dan is-sajd kien illegali, ħadd ma xtaq li dawn jiġu miktubin!

11 Ix-xatt tal-Qammieħ, magħmul minn blat isfar, jissejjaħ il-Ħajt tal-Qammieħ.

12 Din l-istorja smajtha minn ħafna persuni differenti, inkluż missieri. Meta kont insaqsi min kien involut, dejjem issemma l-istess laqam ta' familja Melleħija, allura dan aktar jikkonferma li din il-grajja seħħet tassew. Hemm verżjonijiet ftit differenti, eżempju li kienu qegħdin ġo frejgatina, li l-kelb salva eċċ imma l-qofol tal-istorja u l-post fejn seħħet huwa dejjem l-istess.

13 Il-laqam Baqrambun ġej mill-fatt li Ġamri kien idoqq fil-banda u xi ħadd xebbħu ma' xi bandist prim minn barra l-Mellieħa, li kienu jsejħulu l-Baqrambun.

14 Interessanti li l-Għawdxin, ix-Xquq kienu jsejħulu l-Għont. Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Joe Camilleri tal-Baqrambun.

15 Barrada tixbah lil nassa imma ma jkollhiex minn fejn jidħol il-ħut. Il-ħut li jkun inqabad jitpoġġa fiha u tintefa' l-baħar. B'hekk il-ħut jibqa' ħaj.

16 Intervista ma' Joe Camilleri tal-Baqrambun u Charlie Sciberras il-Basli.

17 Intervista ma' Ġanni Grima l-Ħanx.

18 Aktarx li s-Saraċin huwa l-laqam ta' persuna li kellu r-raba' l-irdum però s'issa qatt ma ltqajt ma' dan il-laqam bil-miktub.

19 Intervista ma' Ġanni Grima l-Ħanx.

20 Intervista ma' Ġanni Grima l-Ħanx.

21 Intervista ma' Ġanni Grima l-Ħanx.

22 Intervista ma' Alfred Vella.

23 Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn David Muscat.

24 Intervista ma' Ġużi Cutajar ta' Żumini.

25 Fil-fatt, l-ewwel Battaljun tal-*Kings' Own Malta Regiment* fil-15 ta' April 1942 irrapporta li kien hemm erba' bombi mhux sploduti fil-kamp. Interessanti wkoll li fid-9 ta' April 1942, xi suldati lemħu sottomarin mhux identifikat 'il barra mill-bajja tax-Xquq.

26 Intervista ma' Ġanni Grima l-Ħanx.

27 Intervista ma' Ġanni Grima l-Ħanx.

28 Intervista ma' Nenu Fenech ta' Silà.

29 Intervista ma' Nenu Fenech ta' Silà.

30 Intervista ma' Ġużi Cutajar ta' Żumini.

31 Intervista ma' Nenu Fenech ta' Silà.

32 Intervista ma' Ġużi Cutajar ta' Żumini.

33 Intervista ma' Ġużi Cutajar ta' Żumini.

34 Intervista ma' Ġużi Cutajar ta' Żumini.

35 Il-laqam ġej mill-fatt li ommu kienet min-Naxxar.

36 L-Iskoll tal-Għasafar jinsab maqtugħ waħdu u mdawwar bil-baħar. Hu għoli ferm u mimli toqob, allura l-għasafar isibuh post ideali fejn ibejtu.

37 Intervista ma' Gużi Cutajar tan-Naxxarija.

38 Il-parati huma dawk l-injam li fuqhom itella' frejgatina l-art. Ħafna drabi ssibhom fi skall *(slipway)*. Li kien iġorr il-parati miegħu u saħansitra moqdief żejjed juri kemm Karmnu kien jaf li mal-baħar ma tistax tiċċajta.

39 Intervista ma' Gużi Cutajar tan-Naxxarija.

40 Intervista ma' Gużi Cutajar tan-Naxxarija.

41 Intervista ma' Joseph Cini tal-Bajjadon.

42 Intervista ma' Joseph Cini tal-Bajjadon.

43 Intervista ma' Joseph Cini tal-Bajjadon.

44 Intervista ma' Karmnu Micallef ta' Kullatu.

45 Irdum il-Qammieħ (*tal camhexh, lo ridomi*) jissemma l-ewwel darba fl-1569, f'dokument tal-Kattidral tal-Imdina. Qammieħ tfisser in-negozjant tal-qamħ. Jista' jkun li r-raba' tal-irdum kien jinżera' qamħ fil-Medju Evu. Informazzjoni meħuda minn Wettinger Godfrey (2000) *Placenames of the*

*Maltese Islands*, PEG Ltd.

[46] Okkorrenzi tal-Pulizija Lulju 1899.

[47] Okkorrenzi tal-Pulizija Ġunju 1900.

[48] Okkorrenzi tal-Pulizija Marzu 1905.

[49] Intervista ma' Pawlu Vella tan-Nar.

[50] Intervista ma' Pawlu Vella tan-Nar.

[51] Intervista ma' Pawlu Vella tan-Nar.

[52] Intervista ma' Joseph Borg ta' Kolin.

[53] Intervista ma' Pawlu Vella tan-Nar, John Vella s-Sigarett, Joseph Borg ta' Kolin u Ċensu Debono ta' Kejli.

[54] Dwar l-għażiq bil-bank, ara wkoll l-artiklu ta' Paul P. Borg, '*L-Armonija Bejn il-Bniedem u l-ħamrija - It-tixbiha ta' Selmun*' f'Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien – It-Tieni Volum, Kunsill Lokali Mellieħa 2019 pġ 214-218.

[55] Intervista ma' Ċensu Debono ta' Kejli.

[56] Intervisti ma' Ċensu Debono ta' Kejli u John Vella s-Sigarett.

[57] Intervista ma' Ċensu Debono ta' Kejli.

[58] Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Dun Joe Caruana.

[59] Intervista ma' Ċensu Debono ta' Kejli.

[60] Intervista ma' Joseph Borg ta' Kolin.

[61] Intervista ma' Joseph Borg ta' Kolin.

[62] Intervista ma' John Vella s-Sigarett.

[63] Intervista ma' John Vella s-Sigarett.

[64] Intervista ma' John Vella s-Sigarett.

[65] Ġanni Dimech ħalla dan il-wied tad-dmugħ fis-16 ta' Settembru 1994, fl-età ta' 81 sena. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta'dejjem.

[66] Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Joseph Borg ta' Kolin.

[67] Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Joseph Borg ta' Kolin.

[68] Intervista ma' Ġużi Cutajar tan-Naxxarija.





Angela Theuma

*54, Dun Franġisk Sciberras Street,*
*Mellieħa, Malta*

*angelatheuma@gmail.com*
*(+356) 99881467 / 27432763*



aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet
għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas
f'dawn il-kategoriji:

- Teorija tal-Mużika
- Strumenti tal-Injam
- Strumenti tar-Ramm
- Strumenti tal-Perkussjoni

Email: **info@imperialbandclub.com**





# Mill-Mellieħa sal-Assedju

Anthony Fenech

Ħarist lejn tiegħek għerienek
B’fuqhom rajt tax-xemx id-dija
Bi ġrajjietek hemm miktuba
Ta’ dawk niesek l-imgħoddija!

Illi kienu minn tal-ewwel
Misruqa jew maqtulin
Ħafna oħrajn sofrew il-jasar
Taħt il-kiefra misilmin!

U x-Xbieha ta’ Marija
Li fil-għar xi ħadd pinġiha
Kienu wkoll nies Melleħin
Li minnhom ġiet din mgħottija!

Dawk il-ħallelin tal-baħar
Kif hekk kienu magħrufin
Serqu u qattgħu lil min sabu
Nies f’għerien ġew imgħallqin!

Beda l-għadu jaqta’ qalbu
Meta jfittex mar fil-għar
Komplew kibru d-devoti
Minkejja dak li kien sar!

Għal darba’ħra l-Mislem tfaċċa
Bosta minnhom reġgħu ġew
Taħt l-għerien minn ta’ Kemmuna
Hemmhekk marru jistaħbew!

Issa l-qawwa tan-Nofs Qamar
Assedjat ħafna Maltin
Il-furbani ġrew lejn Malta
Ma baqgħux mistoħbijin!

Żbarkaw niżlu fil-Mellieħa
Billi kienu mwerwrin
Għax l-għajnuna minn Sqallija
Rawha ġejja dak il-ħin.

Il-Maltin ħarġu bi ħġarhom
Spalla m’oħra ma’ tal-Birgu
Waqt li t-Torok bdew jaħarbu
Lejn ix-xatt il-kenn ifittxu…

Kif il-qawwa tal-għedewwa
Assedjat lilna l-Maltin
Riġment Torok mill-Mellieħa
Lejn il-Birgu bdew resqin!

Ħafna minnhom dabbru rashom
Xħin fil-Port feġġew ix-xwieni
Kienet telfa kbira għalihom
Mal-wasla tal-Kavallieri!

Dlonk il-qniepen bdew idoqqu
Biex iservu ta’ sinjal
Bosta bnadar dehru jperpru
Fuq il-bjut ta’ ħafna djar!

T’kull sena f’Malta u Għawdex
L-akbar festa qed naraw
Li għaqqditna poplu wieħed
Bir-raġun niċċelebraw!

Għax għalina rebħa kbira
Bil-Mislem jisfa’ tellief
B’hekk bix-xieraq li l-Mellieħa
B’Titular din issemmiet!

Sew is-sebgħa u kemm it-tmienja
Ta’ Settembru huma għalina
Il-Vittorja fuq l-għedewwa
U t-twelid t’Ommna Marija!

*Din il-poeżija ġiet ispirata minn tagħrif misjub fl-istorja tal-Mellieħa u mgħoddi lill-awtur mill-mibki Jimmy Muscat.*



# Iż-żmien għaddej ġmielu… Waslet festa oħra!

Christopher Bartolo
*Sagristan*

Meta l-bniedem jibda jikber fiż-żmien, il-ħajja u ż-żmien jibda jarahom differenti minn meta jkun għadu żgħir. Meta wieħed jikber, il-ħajja ta' meta jkun għadu żgħir jew żagħżugħ tibda ġġiblu xi ftit tan-nostalġija. Faċli tiftakar fit-tfulija ta' meta tkun għadek titrabba mal-ġenituri, in-nanniet u z-zijiet u dawk kollha li kont tiltaqa' magħhom fit-toroq tiegħek. Tiftakar fl-avventuri li tkun għaddejt minnhom meta kont iżgħar fl-età u jġibulek ħafna memorji sbieħ u oħrajn mhux daqstant sbieħ. Però ż-żmien jibqa' għaddej – ġurnata wara ġurnata, ġimgħa wara ġimgħa, xahar wara xahar u sena wara sena.

Iż-żmien jgħaddi minn fuq kulħadd. Jasal iż-żmien li wieħed jaħdem u jasal iż-żmien li tieqaf taħdem, iż-żmien li tiżra' u ż-żmien li taħsad, iż-żmien li tkun b'saħħtek u ż-żmien li tkun marid, iż-żmien li tkun ferħan u ż-żmien li tkun imdejjaq, iż-żmien tal-bnazzi u ż-żmien tal-maltemp. Il-bniedem matul is-snin irid jaħdem u jistinka sabiex jgħix hu u l-familja tiegħu. Madanakollu sa minn dejjem, il-bniedem dejjem fittex li jkollu jiem ta' mistrieħ. Għalhekk ra kif idaħħal ġranet imqassmin matul is-sena kollha sabiex fihom jieqaf ftit mix-xogħol tiegħu. Ħafna minn dawn il-ġranet, jew kif inhuma magħrufa bħala festi, kienu marbutin mal-knisja fejn fihom ikun iċċelebrat il-mewt jew it-twelid ta' xi qaddis. Hemm festi oħra li jkunu jfakkru avvenimenti kbar li jkunu seħħew fil-pajjiż. Waħda minn dawn il-festi li għadna niċċelebrawha sal-lum hija t-tifkira tar-rebħa li l-Maltin għamlu fuq it-Torok Misilmin fl-Assedju l-Kbir tal-1565.

Iktar 'il fuq, jien għedt li meta tasal f'ċerta età, in-nostalġija għall-imgħoddi ssir parti minnek u jien hekk qiegħed jiġrili. Waħda mill-iktar festi importanti fil-kalendarju liturġiku tal-parroċċa tagħna hija l-festa importanti tal-konsagrazzjoni tal-knisja tagħna. Kien fl-1930 meta missirijietna flimkien mal-kappillan u l-kleru ta' dak iż-żmien kienu talbu lill-Isqof Mauro Caruana sabiex jikkonsagra t-tempju sabiħ u maestuż tagħna. Din it-talba kienet ġiet milqugħa u fit-18 ta' Frar ta' dik is-sena saret il-konsagrazzjoni tal-knisja lil Alla.

Din is-sena, dak in-nhar filgħodu, daqqejt it-tokki tat-tmienja u wara daqqejt tliet moti ta' ferħ. Wara ntfajt bil-qegħda fuq il-bank ta' wara tal-kursija tan-nofs biswit l-antiporta l-kbira u, waqt li bdejt inħares 'il fuq, qagħdt nitpaxxa bil-ġmiel tal-bini maestuż b'mod speċjali lejn il-koppla b'dawk it-twieqi sempliċi u sbieħ li jiffurmaw tliet stilel kbar li ġew iddisinjati mill-artist Mellieħi Ġorġ Fenech. Affaxxinajt ruħi bir-restawr u l-iskultura sabiħa li ħafna minnha nħadmet fiż-żmien meta kont għadni sagristan żagħżugħ. Ftakart meta l-iskulturi Carmelo u ibnu Manwel Cini kienu qegħdin, b'ħafna paċenzja, iqattgħu l-iskultura sabiħa fil-ġebla bajdanija li għandna ssawwar it-tempju li tant hu għażiż għalina l-Melliħin.

Xħin kont għadni nħares lejn il-koppla, bdejt nisma' t-tpespis tal-għasafar tal-bejt li bdew jittajru fuq il-bejt bit-tama li jsibu toqba xi mkien fejn jagħmlu l-bejta tagħhom. Waqt li kont qiegħed nisma' t-tisfir dgħajjef tagħhom, ħsibijieti marru fuq tliet persuni li kienu ta' għajnuna kbira għall-knisja tagħna.

L-ewwel persuna li ħsibt fuqha kienet propju missieri Lippu li kien is-sagristan tal-knisja qabli madwar 50 sena ilu. Dak iż-żmien jien kien għad kelli 11-il sena. Il-familja tiegħi kienet ferħana ħafna bil-ħatra ta' missieri bħala sagristan. Niftakar, fi żmien il-Milied, lil ħuti l-bniet jaħslu l-knisja, ommi tnaddaf il-brazzi u l-gandlieri tar-ram u ħuti s-subien jarmaw il-knisja. Kienet tkun dehra sabiħa ta' familja sħiħa tikkontribwixxi b'mod volontarju sabiex il-knisja tagħna tinżamm nadifa u armata kif jixraq.

It-tieni persuna li ġiet quddiem għajnejja kienet l-eks kappillan Mons. Ġużeppi Schembri li kellu rispett kbir lejn il-ħidma ta' missieri. Ta' sikwit kien imur ħdejh u japprezza dak kollu li jkun qiegħed jagħmel. Mons. Schembri kien jaf japprezza u jħobb. Kien jieħu ħafna gost jara li l-knisja tiżżejjen kif suppost fil-festi, kien jieħu gost li l-Mellieħa kienet qiegħda tiżviluppa, li fil-Mellieħa kienu qegħdin jinbnew lukandi ġodda biex iż-żgħażagħ Melliħin kien ikollhom fejn jaħdmu.

Ġibt quddiem għajnejja lil Mons. Schembri f'April 1976 jistedinni sabiex nieħu l-inkarigu tal-knisja bħala sagristan flok missieri. Imbagħad erġajt ġeddidt il-memorji sbieħ meta fl-1 ta' Mejju ta' dik is-sena kien ħatarni bħala sagristan tal-knisja tagħna. Niftakar fil-kuraġġ li kien xtaqli u kemm kien awgurali għal din il-ħatra. Kien xtaqli futur sabiħ – ħafna snin ta' ħidma fid-dar t'Alla għall-Mulej u l-familja kbira tiegħu li hi l-komunità Melliħija kollha.

It-tielet persuna li waqgħu ħsibijieti fuqha kienet Toni Fenech (ta' Smitt). Toni kien raġel twajjeb u kien mogħni b'ħafna snajja'. Toni kien dejjem ikun ma' missieri u flimkien kienu jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tas-siġġijiet tal-knisja u anke tal-bini tal-knisja billi jagħmlu t-tiħkil fejn kien ikun hemm bżonn. Kienu jgħinu ħafna lis-sagristan Karmnu Gauci fl-armar tal-knisja b'mod speċjali fil-festa tal-Vitorja. Niftakar lil Toni, missieri u xi rġiel oħra jippreparaw il-vara tal-Vitorja sabiex titpoġġa fuq il-bradella bi preparazzjoni għall-festa tal-Vitorja.

Fil-bidu ta' Settembru ta' kull sena, aħna bħala komunità Melliħija niċċelebraw il-festa li għażlu missirijietna sa mill-qedem – festa li tfakkarna fit-twelid ta' Ommna Sidtna Marija. It-8 ta' Settembru jfakkarna wkoll fi ġrajja importanti oħra li seħħet fl-1565 meta l-Maltin rebħu lit-Torok f'dak li jissejjaħ l-Assedju l-Kbir. F'din il-ġrajja, il-Maltin ħarġu rebbieħa fuq il-Misilmin bl-għajnuna t'Alla u t'Ommna Marija Santissima.

Kif għedt drabi oħra, il-festi jinvolvu ħafna ħsibijiet, preparamenti, responsabbiltà, sagrifiċċji u xogħol. Ħafna nies ikunu nvoluti fl-ippjanar tal-attivitajiet li jsiru fil-knisja u anke dawk li jsiru barra mill-knisja. L-għan tal-festi huwa wieħed reliġjuż. L-iskop li l-komunitajiet ta' Malta u Għawdex jagħmlu dawn il-festi hu sabiex jirringrazzjaw lil Alla permezz tal-qaddisin patruni tagħhom u dan għandu jgħaqqad lill-komunitajiet kollha sabiex jitolbu u jifirħu lkoll flimkien. Il-festi esterni għandhom għan tajjeb ukoll. Dawn jgħinu sabiex in-nies jiltaqgħu flimkien u, f'atmosfera ta' festa, jifirħu flimkien bħala parroċċa. Għalhekk ejjew inżommu f'moħħna li l-iskop ewlieni huwa wieħed spiritwali u għalhekk għandna nieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-knisja u nersqu għas-sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin.

Fl-aħħar nett, irrid irrodd ħajr lill-President tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-kumitat kollu tar-rispett u għajnuna li dejjem sibt kemm bħala sagristan kif ukoll lill-familja tiegħi. Jalla l-Mulej jagħtina festa tajba sabiex minnha joħorġu minjiera ta' valuri nsara kif għandu jkun u li, bħal snin oħra, tagħmel ġieħ lill-poplu Mellieħi kollu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

ta' titta
confectionery
152, Triq il-Mitħna l-Ġdida
Mellieħa
Mob: 79366078



BØCK
CLUB HOUSE
Under new management
Chef Patron Peter Aquilina
We cook with passion
and Sarah serves you with a smile !
tel: 77791105
No.3, Triq il-Kbira, Mellieha

**CZ IMPORTS**
FOR YOUR HEALTH AND NATURAL WELL-BEING




e-mail:
czimportsltd@gmail.com

Tel: 9947 5258



## The Veggie Truck

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*



# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal ikla fniek u xarba ġenwina*
*mal-ħbieb bi prezzijiet raġonevoli*

**7, Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa**
**Tel: 2152 3467**

*Il-familja Xuereb (tal-Kukka)*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd u*
*jirringrazzjaw lill-klijenti kollha.*

# Skema "Irrestawra Darek 2018"

L-Għaqda Mużikali Imperial ibbenefikat minn fondi fl-iskema "Irrestawra Darek 2018" għar-restawr tal-faċċata tal-Każin. Id-disinn tal-faċċata li jidher f'din il-paġna sar mill-Iskultur Manuel Cini, li jikkumplimenta d-disinn tal-gallarija li kien sar minn Manuel Cini stess fl-2005. Bħalma tistgħu taraw, il-faċċata tal-Każin issa ser tieħu dehra oħra aktar maestuża li tixraq lill-Każin tagħna u tkompli ssebbaħ il-pjazza ewlenija tal-Mellieħa. Il-Perit Joseph Attard huwa inkarigat mill-permessi u xogħol ieħor tekniku li huwa meħtieġ li jsir f'dan ir-restawr. Bħalissa ġew sottomessi l-pjanti għall-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar biex, jekk kollox imur kif ippjanat, dan ix-xogħol ikun jista' jibda wara l-Festa ta' Marija Bambina. Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu s-sehem tagħhom biex dan il-proġett jinbeda u, jekk Alla jrid, jintemm matul is-sena li ġejja.







# Il-Mellieħa u l-inħawi mil-L saż-Ż

David Bartolo
*B.(European Studies with History) (Hons.) (Melit.)*

Fil-ħarġa ta' din il-pubblikazzjoni tas-sena l-oħra (2018) kont bdejt artikli qosra skont l-alfabet b'rabta mal-Mellieħa u minhabba l-ispazju, kont illimitajt il-kitba tiegħi bejn l-ittri A sal-K. Dan l-artiklu jidher li ntgħoġob sew mal-qarrejja u din is-sena ħa nkompli bl-artikli qosra bejn l-L u ż-Ż.

**L**

**Il-Gran Mastru Lascaris**

Il-Gran Mastru Franċiż Paul Lascaris Castellar (1636-1657), kien wieħed mill-ħames Gran Mastri li bnew sensiela ta' torrijiet biex tiġi mgħassa l-kosta Maltija. Dan il-Gran Mastru bena t-Torri l-Aħmar jew ta' Sant'Agata fl-1647 u kien lest fl-1649[1], u dak ta' Għajn Tuffieħa li nbena fl-1637[2].

Dan il-Gran Mastru baqa' magħruf l-aktar għall-espressjoni Wiċċ Laskri, għall-fatt li dan il-Gran Mastru kien magħruf għad-dixxiplina kbira u kien rażżan it-tbaħrit tal-kavallieri man-nisa fil-karnival[3].




***Sensiela ta' fortifikazzjonijiet li nbnew minn ħames Gran Mastri (Sors: https://vassallohistory.wordpress.com/coastal-towers/ )***

**M**

**Manuvri militari**

L-inħawi tal-Mellieħa, speċjalment il-Bajja tal-Għadira, għal żmien twil kienu magħrufa għall-użu tagħhom biex isiru l-manuvri militari mis-Servizzi Ingliżi u anki l-alleati tagħhom, speċjalment mal-forzi Amerikani. Dawn l-eżerċizzji l-aktar li saru kienu fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin fl-eqqel tal-Gwerra l-Bierda.

Dawn il-manuvri kienu jikkonsistu f'taħriġ għall-iżbark fuq il-kosta u kienu jieħdu sehem fihom mijiet ta' persuni militari. Kienu jkunu d-diversi dinjitarji u kmandanti militari li kienu jiġu jsegwu dan it-taħriġ. Fost dawn insibu l-Aġent Prim Ministru Ġużè Ellul Mercer, Lord Mountbatten, il-Gvernatur Robert Laycock u saħansistra d-Duka ta' Edinburgh, il-Prinċep Philip[4].

**N**

**Non Gode L'Immunità Ecclesiastica**

Mal-faċċatta tat-Torri l-Aħmar, insibu lapida bil-kliem Latin "Non Gode L'Immunità Ecclesiastica". Din tfisser li dan il-post ma joffrix kenn għal persuni mfittxija mill-ġustizzja. Dawn il-lapidi huma l-aktar mwaħħla ma' diversi kappeli, imma peress li ġewwa l-imsemmi torri kien hemm kappella ddedikata għal Sant'Agata, din ir-regola kienet tapplika għal hemm ukoll.




***Il-lapida mwaħħla mat-Torri l-Aħmar (Sors: https://redtowermalta.wordpress.com/a-brief-tour/ )***

Dawn il-lapidi saru meta kien intlaħaq ftehim fl-1761 bejn il-Gran Mastru Emmanuel de Rohan-Polduc (1775-1797) u l-Isqof Bartolomeo Rull (1758-1769) biex titneħħa l-immunità ta' persuni mfittxija mill-awtoritajiet li kienu jfittxu refuġju f'postijiet reliġjużi[5].

**O**

**Oqbra**

Fl-inħawi tal-Mellieħa nsibu diversi oqbra taż-żmien Puniku u Ruman. Dawn jinsabu bejn tal-Ibraġ u l-Ħewwiexa f'Selmun, fil-widien ta' San Niklaw, Ġnien Ingraw, Santa Marija, tar-Rabti, tal-Kalkara u tal-Għansar kif ukoll fuq id-Dahar, f'tat-Tunnara fl-Aħrax, il-Manikata u n-Naħlija f'Għajn Tuffieħa[6].

Kumpless interessanti jinsab bejn tal-Ibraġ u l-Ħewwiexa f'Selmun. Dan jikkonsisti f'tlett oqbra Paleokristjani, barriera u kif ukoll kalati[7].

**P**

**Il-Patata**

Il-Patata f'Malta kontra l-ħsieb ġenerali mhux minn dejjem kienet tiġi mkabbra u kkonsmata ġewwa Malta. Din ġiet introdotta f'Malta fil-bidu sas-seklu dsatax imma sal-1850 din kienet rarità kbira fl-agrikultura Maltija.

Fl-ewwel esebizzjoni agrarja li saret f'Malta u li kienet fl-Imnarja tal-1854, l-uniku esebitur li kellu l-patata kien ċertu Giuseppe Bartolo mill-Mellieħa[8].

**Q**

**Il-Qniepen tas-Santwarju**

Is-Santwarju tal-Mellieħa għandu erba' qniepen u huma antiki sew. Il-qanpiena l-kbira kienet saret f'Firenze fl-1857 u kienet swiet £85. Wara din hemm oħra li hija waħda miż-żewġ qniepen tal-arloġġ tas-Santwarju. Din kien ħadimha Mikelanġ Sapiano, il-famuż arluġġar mill-Imqabba. Din il-qanpiena kienet saret fi żmien il-Gran Mastru Manoel de Vilhena (1722-1736) u fuqha hemm kemm l-arma tiegħu, kif ukoll dik tal-Isqof Apheran de Bussan (1728-1758).

It-tieni qanpiena saret fl-1832 mill-fonditur Leotta. L-aħħar waħda hija l-qanpiena ż-żgħira li hija l-qanpiena l-oħra tal-arloġġ. Din kienet ingħatat minn Giovanni Battista Dorell fl-1712 u għalhekk hija l-aktar waħda antika fost l-erba' qniepen[9].

**R**

**Royal Lady**

L-SS Royal Lady kien vapur ibaħħar bejn Malta u Għawdex li kien propjetà tal-kumpanija Gozo Mail Service Company u kien jopera bejn Ottubru 1938 u Mejju 1942, fejn safa attakkat u meqrud mill-ajruplani Ġermaniżi fil-port tal-Imġarr ġewwa Għawdex[10].

Fit-18 ta' Marzu 1942, dan il-vapur li kellu 209 passiġġieri, waqt li kien qed jidħol mal-moll tal-Marfa, safa attakkat mill-ajruplani Ġermaniżi Messerchmitts Bf109 Fs, fejn l-imsemmi vapur ġarrab xi ħsarat u kien hemm tliet persuni li kienu bl-uniformi, wieħed Ingliż u tnejn Maltin, li sfaw feruti[11].

**S**

**Inċident tas-Sea Hawk**

Fl-4 t'Ottubru 1956, ajruplan tal-ġlied Sea Hawk tal-Qawwa Navali Rjali kien waqa' inċidentalment fuq il-Mellieħa. Dan l-inċident kien seħħ waqt taħriġ militari li kien qed isir waqt il-Kriżi tas-Swejż, fejn l-Ingilterra flimkien ma' Franza u l-Iżrael invadew l-Eġittu.

L-ajruplan imsemmi kien ibbażat fuq l-*aircraft carrier* l-HMS Bulwark u kien iġġarraf f'Irdum id-Delli, fl-inħawi ta' Għajn Tuffieħa. Il-pilota kien uża l-*ejector seat* imma għal xi raġuni huwa ma nħallx minnu u lanqas il-paraxut ma nfetaħ sew. Huwa miet meta waqa' fi Triq is-Santwarju u ġie fi ġnien ta' dar privata. Il-bdot Ingliż kien Sub Lieutenant Gordon John Meredith minn Surrey, u kulma kellu kien dsatax-il sena[12].

**T**

**Terremot fit-12 t'Ottubru 1856**

Fis-siegħa neqsin kwart fil-għodwa tal-Ġimgħa 12 t'Ottubru 1856 seħħ terremot qawwi li kkawża bosta ħsarat. Dan kien ta' 7.7 fuq l-iskala Richter u l-epiċentru tiegħu kien Kreta, il-Ġreċja. Dan kien l-aktar terremot b'saħħtu fost is-seba' terremoti li nħassu f'Malta bejn l-1542 u l-1923 u li kkawżaw ħsarat fil-bini[13].

Fost il-bini li safa mġarraf kien it-Torri ta' Selmun jew kif inhu l-aktar magħruf bħala ta' Għajn Ħadid. Dan kien mibni mill-Gran Mastru De Redin (1657-1660) fl-1658[14]. Il-kanun tiegħu kien spiċċa mirdum fit-tafal ta' taħt ix-xifer ta' Għajn Ħadid u fl-1970 l-Għaqda Wirt Storiku Mellieħi tellgħu dan il-kanun u ġie mpoġġi fi Pjazza tas-Salib flimkien mal-lapida tal-istess torri fejn għadhom hemm sal-lum[15].

**U**

**L-Università**

Għal żmien twil fi żmien il-Medju Evu u l-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, kien hawn il-Kunsill Popolari, jew kif inhu magħruf l-aktar bħala l-Università. Din kellha r-rwol li tieħu ħsieb is-swar u d-difiżi, l-amministrazzjoni fuq livell nazzjonali, tieħu ħsieb l-importazzjoni tal-qamħ u twassal l-ilmenti tal-Maltin lill-Viċi Re ta' Sqallija.

Rigward l-amministrazzjoni, l-Università kien ikollha diversi lmenti rigward artijiet tal-komun fil-Mellieħa li kienu qed jiġu maħtufa mill-familja Desguanez[16]. Dan seħħ lejn l-aħħar diċenji tas-seklu ħmistax meta qam inkwiet sew fuq dawn l-inħawi, l-aktar fuq Miżieb ir-Riħ[17].

L-Università kienet ukoll ħallset biex jinbena t-Torri l-Aħmar[18]. Hija kienet ukoll tħallas is-salarji tal-għassiesa fit-torrijiet l-Abjad u ta' Għajn Ħadid[19].

## V

**V.G.F.A.**

Din bil-Latin tfisser "Voto Fecit Gratia Accepit", li hija "Il-Wegħda saret u l-Grazzja hija Milqugħa". Dawn l-ittri jidhru fuq diversi kwadri antiki tal-wegħdi li jkunu saru lill-Madonna fi knejjes antiki bħalma huwa s-Santwarju tal-Mellieħa.

Din il-kitba tkun qed tirreferi għall-wegħda li tkun saret minn xi ħadd u bħala apprezzament, din il-persuna tagħmel kwadru li jfakkar il-wegħda milqugħa tagħha u toffrih lill-knisja bħala rigal simboliku[20].

Ħafna minn dawn il-kwadri li jinsabu fis-Santwarju, kif jissejħu eżatt Ex-Voti, għandhom dawn l-ittri fuq l-pittura[21].

## W

**Il-Gran Mastru Alof de Wignacourt**

Il-Gran Mastru Franċiż Alof de Wignacourt (1601-1622) għandu diversi konnessjonijiet mal-Mellieħa. Ewlenin fosthom huma d-devozzjoni li kellu lejn is-Santwarju, it-twaqqif tal-Monte di Redenzione delle Schiavi u l-aħħar inżul tat-Torok f'Malta fl-1614.

Dan il-Gran Mastru tant kien devot tas-Santwarju li kien iżur dan il-post darba fil-ġimgħa[22]. Fit-13 ta' Ġunju 1607, huwa kien waqqaf il-Monte di Redenzione li l-għan tiegħu kien li jinfdew kemm kavallieri u kif ukoll Maltin mill-jasar li kienu waqgħu fih fl-artijiet Misilmin. Il-konnessjoni mal-Mellieħa hija li waħda mara Katerina Vitale ħalliet ġidha kollu li kellha f'Selmun u l-inħawi għal dan l-għan[23].

Fis-6 ta' Lulju 1614, it-Torok għamlu l-aħħar inżul tagħhom f'Malta u attakkaw kemm in-naħa ta' Wied il-Għajn u ż-Żejtun, u kif ukoll in-naħat tal-Mellieħa[24].



*L-arloġġ tax-xemx li nsibu fil-Bitħa tas-Santwarju*

## X

**Arloġġi tax-Xemx**

Fil-Mellieħa nsibu żewġ arloġġi tax-xemx li huma f'postijiet pubbliċi u huma fl-istess akkwati. Wieħed jinsab fil-Bitħa tas-Santwarju fuq il-loġoġ kantuniera mal-kmamar li hemm fl-istess bitħa. L-ieħor jinsab mal-ħajt tal-Uffiċċju tal-Arċipriet li jagħti għal fuq l-ġnien tal-istess post.

Dak tal-bitħa, iħares lejn in-nofsinhar u huwa skolpit fuq il-ġebel u għandu n-numri Rumani. Dan kien ġie restawrat minn Dun George Fenech fl-1970[25]. L-arloġġ l-ieħor mal-ħajt tal-imsemmi uffiċċju jħares ukoll lejn in-nofsinhar.

## Z

**Francesco Zahra**

Il-pittur Franġisk Zahra twieled l-Isla fl-1710 u miet fl-1773. Huwa l-aktar magħruf għal xogħlijiet artistiċi reliġjużi fuq l-istil Barokk Naplitan. Triq fil-Mellieħa hija msemmija għalih.

Dan il-pittur kien pitter is-saqaf tas-Santwarju fejn hemm l-artal. Dan juri t-Trinità Mqaddsa u għadd t'isfqijiet. Dawn l-isfqijiet kienu għaddew minn Malta fi triqthom lejn il-Konċilju ta' Kartaġni fis-sena 409. Teżisti tradizzjoni li l-Għar tal-Madonna tal-Mellieħa kien ġie kkonsagrat minn dawn l-isqfijiet [26].



*Il-pittura mas-saqaf tas-Santwarju (Sors: http://www.atelierdelrestauro.com/en/gallery/gallery/15/wall-painting---the-wall-painted-ceiling-of-the-mellieha-sanctuary.htm )*

## Ż

**Żbark fl-1614**

Kif għedna qabel, f'Lulju 1614 it-Torok għamlu l-aħħar żbark tagħhom f'Malta. Il-Mellieħa dabbret ukoll parti minn dak l-iżbark. Fis-6 ta' Lulju, li kien il-Ħadd, it-Torok għamlu tentattiv jidħlu Marsaxlokk imma sabu reżistenza mit-Torri San Luċjan. Minn hemm telqu u żbarkaw f'Wied il-Għajn u attakkaw iż-Żejtun u wara sabu reżistenza qawwija mill-Kavallieri u l-Maltin.

Wara dan kollu, salpaw lejn it-tramuntana u ppruvaw jidħlu San Pawl l-Baħar, imma t-torri

t'hemm xejjen il-ħsieb tagħhom. Minn hemm ġew il-Mellieħa fejn żbarkaw l-Għadira u telgħu l-Mellieħa. Huma ħadu l-ilma mill-Għadira, ħarqu numru ta' djar u għamlu attakk fuq is-Santwarju fejn għamlu diversi ħsarat[27].

Il-ħsieb hu li jekk Alla jrid din l-enċiklopedija tkompli tinġabar u tiġi ppublikata matul iż-żmien. Jidher li hemm l-interess għal dawn it-tip ta' referenzi u min-naħa tagħna ħa nippruvaw inwieġbu għal din id-domanda. Żgur li din qatt ma tista' tkun konkluża u trid tiġi aġġornata ta' spiss, kemm għax il-Mellieħa u l-inħawi jipposjedu minjiera ta' fatti, eċċ., u kif ukoll dejjem jinstabu oħrajn ġodda, u l-avvenimenti ġodda ma jonqsu qatt.

### Referenzi

1 Spiteri, S. (2017), p 111
2 Ibid, p 113
3 Morana, M. (2011), p 238
4 Bartolo, D. (2015), p 122
5 Bartolo, D. (2019), p 13
6 Vella, E. (2002), p 25
7 Bartolo, D. (2019), p 11
8 Cassar, C. (1994), p 24
9 Bezzina, J. (1988), pp 23-24
10 Debono, C. (2014), p 44
11 Ibid, pp 41-42
12 Said, M. A. (2002), p 11
13 https://vassallohistory.wordpress.com/earthquakes-in-malta/
14 Bartolo, D. (2019 ), p 14
15 Muscat, J. (2011), Ritratt nru 88
16 Buhagiar, M. (1984), p 7
17 Wettinger, G. (2002), pp 42-43
18 Bartolo, D. (2019), p 12
19 Zammit, V. (1987), pp 30-31
20 Morana, M. (2011), p 234
21 Muscat, J. (2009)
22 Bonnici, A. (1997), p 135
23 Wettinger, G. (1998), p 67
24 Debono, C. (2014), pp 22-26
25 Micallef, P.I. (1994), p 46
26 Muscat, J. (2010), p 30
27 Zammit, V. (1984), pp 24-25

### Bibliografija


Bartolo, D. (2015), "Il-Militar fil-Mellieħa", *Banda Imperial Festa 2015*, Qrendi, Best Print.

Bartolo, D. (2019), "Postijiet ta' interess fil-Mellieħa", f'Sammut, J. (ed.), *Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, it-Tieni Volum*, Outlook Coop.

Bezzina, J. (1988), "Il-Qniepen tas-Santwarju", f'*Festa Marija Bambina 1988*, Fgura, Printwell.

Bonnici, Patri A. (1997), "It-triq li wasslet għall-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fl-1747", fi *Ftuħ uffiċjali tal-Każin-Soċjetà Filarmonika La Vittoria 1997*, Fgura, Printwell.

Buhagiar, M. (1984), "Il-Parroċċa tal-Mellieħa fiż-żminijiet tan-nofs", f'*Festa Marija Bambina Mellieħa, 1984*, Fgura, Printwell.

Cassar, C. (1994), *Fenkata: An Emblem of Maltese Peasant resistance?* Ministry for Youth and the Arts.

Debono, C. (2014), *Wartime Mellieħa 1940-43 Volume 1 The role of the village during the Second World War 1940-43*, Ħannieqa Kotba Melleħin Nr 4- Kunsill Lokali Mellieħa.

Debono, C. (2014), "The late stages of the Ottoman *razzia* on Malta in 1614", f'Abela, R. (ed.), *The Turkish raid of 1614,* Wirt iż-Żejtun, Union Print .

Earthquakes in Malta https://vassallohistory.wordpress.com/earthquakes-in-malta/

Micallef, P. I. (1994) *Maltese Sundials*, Union Print.

Morana, M. (2011), *Bejn Kliem u Storja*, Qrendi, Best Print.

Muscat, J. (2009), *Ex Voto Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa*, Qrendi, Best Print.

Muscat, J. (2010), "In-Nawfraġju ta' San Pawl u l-Mellieħa", f'*Festa Marija Bambina 2010*, Qala, A&M Printing.

Muscat, J. (2011), *Il-Mellieħa, l-Istorja tagħha bir-ritratti*, Qala, A&M Printing.

Sant, M. A. (2002) "Ġrajjiet tal-Imgħoddi – It-Traġedja tas-Sea Hawk", f'*Mill-Qiegħa, Ħarġa 14, Mejju 2002,* Kunsill Lokali Mellieħa.

Spiteri, S. (2017), *The Fortifications of Malta,* San Ġwann, BDL.

Vella, E. (2002), "Il-wirt arkeoloġiku tal-qedem", f'Catania, J. (ed.), *Il-Mellieħa mal-milja taż-Żmien*, Veritas Press.

Wettinger, G. (1998), "Jerġa' jissewwa Bieb il-Mistra", f'*Leħen l-Imperial, Festa 1998*, Gozo Press.

Wettinger, G. (2002), "L-inħawi tal-Mellieħa fiż-Żmien Nofsani", f'Catania, J. (ed.), *Il-Mellieħa mal-milja taż-Żmien*, Veritas Press.

Zammit, V. (1984), "Is-Santwarju attakkat mit-Torok fl-1614", f'*Festa Marija Bambina Mellieħa, 1984*, Fgura, Printwell.

Zammit, V. (1987), "Fortifikazzjonijiet fit-Tramuntana ta' Malta matul il-perjodu tal-Ordni ta' San Ġwann", f'*Festa Marija Bambina Mellieħa 1987,* Fgura, Printwell.



**SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE**



Opening hours:
Mon – Tues 06.00 – 18.00
Wed 06.00 – 13.00
Thurs - Fri 06.00 – 18.00
Sat 06.00 – 14.00
Sun Closed

**Ġo Ġo**
**MINI MARKET**
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**



# Iż-żmien hu l-aqwa teżor

Ralph Micallef

L-aqwa teżor li għandu l-bniedem, bla dubju ta' xejn, hu ż-żmien. Ħadd fid-dinja mhu se jaċċetta li jingħata kollox bil-patt li jitteħidlu ż-żmien għax dan ikun ifisser il-mewt tiegħu. Iż-żmien la jeżisti fil-Ġenna, għax kieku l-qaddisin kienu jkabbru l-merti tagħhom, la fl-Infern, għax l-indannati kieku kienu jitolbu maħfra, u lanqas fil-Purgatorju għax kieku kienu jagħmlu aktar penitenza biex ifittxu jmorru l-Ġenna. Mela t-teżor taż-żmien jispiċċa mal-mewt.

Meta nitwieldu, Alla jagħtina żewġ ħwejjeġ: (1) żmien kemm tgħix; u (2) numru ta' grazzji li se jagħtina Alla f'ħajjitna. Alla ma jagħtix l-istess żmien lil kulħadd u ma jagħtix l-istess numru ta' grazzji lil kulħadd, iżda jagħti lil kulħadd ċans biex isalva ruħu.

Iż-żmien jiswa daqs Alla, għalhekk hu prezzjuż. Il-ħalliel it-tajjeb b'minuta żmien rebaħ 'l Alla u sieħbu b'minuta żmien ukoll tilef 'l Alla. Iż-żmien jiswa Eternità, għal dejjem ta' dejjem. Iż-żmien jiswa d-Demm Prezzjuż ta' Kristu. Kristu wriena fl-Evanġelju kemm hu prezzjuż iż-żmien fil-parabbola tas-siġra tat-tin li damet tliet snin ma tagħmel frott u tkidd l-art għalxejn, u sid l-għalqa qal lill-bidwi biex jaqlagħha. Il-bidwi talab lil sid l-għalqa biex jissaportiha sena oħra sakemm jagħżaq madwarha, idemmilha u jsaqqiha. Imbagħad jekk ma tagħmilx frott, jaqlagħha.

Fil-parabbola l-oħra tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli, sid l-għalqa jgħidilhom "X'intom tagħmlu hawn fil-għażż il-jum kollu?" "Għax ħadd ma qabbadna," weġbuh. Qalilhom "Morru aħdmu intom ukoll fil-għalqa tad-dwieli tiegħi." Fil-parabbola l-oħra tas-seftur il-ħażin li ħeba t-talent tiegħu fl-art, is-sid tiegħu ċanfru "Ja seftur ħażin u għażżien, kien imissek poġġejtu l-bank biex meta niġi lura tieħu l-imgħax tiegħu." L-Iskrittura tgħid "L-għażż għallem ħafna ħażen." Ikun ħela ta' żmien meta dak li għandna nagħmlu, ma nagħmluhx għal Alla b'intenzjoni retta.

Iż-żmien jgħaddi u ma jerġax lura, l-arloġġ u l-kalendarju 'l quddiem jimxu u mhux lura. Dun Ġorġ kien jgħid "Issa hu ż-żmien li naħdmu għax iż-żmien qasir." Tista' inti tfassal iż-żmien u tagħmlu prezzjuż billi, sew fix-xogħol, barra, fid-dar, fil-knisja u fir-rikreazzjoni, tagħtih dejjem 'l Alla, u s-Sinjur Alla jaf iħallas bil-kbir taż-żmien li inti tkun tajtu. Issa hu ż-żmien, tħallix għal għada għax dan jista' ma jkunx tiegħek.

Fejn tista', aħdem; tħallix l-aptit jew il-burdati jmexxuk fejn tibda mitt ħaġa u ma tispiċċax waħda. Kappillan f'parroċċa jkollu ħafna proġetti tajba x'jagħmel, iżda ftit isib lil min jaħdimhom u jgħinuh. Għandna bħala eżempju lil Madre Tereża, soru xwejħa u marradija, iżda dejjem kienet issib iż-żmien biex tagħtih lil Alla. Taż-żmien li taħli, int trid tagħti kont.

VS WHOLESALE

244, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243



# L-Introduzzjoni tas-Sistema tar-Razzjon u l-Ispezzjonijiet li kienu jsiru fil-Ħwienet fil-Mellieħa

## Erba' Spezzjonijiet f'Diċembru 1941

Kitba ta' Charles Debono
*Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*



### Preparazzjonijiet għal eventwalità ta' gwerra u l-prekawzjonijiet li ttieħdu wara li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, Awwissu 1939-Jannar 1941

Għall-ħabta t'Awwissu 1939, jiġifieri madwar xahar qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija fit-3 ta' Settembru 1939, f'Malta ttieħdet deċiżjoni li tiġi kkreata organizzazzjoni li tieħu ħsieb u tikkordina l-importazzjoni ta' komoditajiet, kemm għaċ-ċivili kif ukoll għas-servizzi.[1] Wara li bdew l-ewwel attakki fuq Malta, mir-*Regia Aeronautica* (Il-Qawwa tal-Ajru Rjali Taljana), fil-11 ta' Ġunju 1940, il-komoditajiet essenzjali komplew jiġu kkontrollati u anki, jekk neċessarjament restritti, mill-*Food and Commerce Control Officer*. F'Ottubru tal-istess sena, l-istess uffiċjal introduċa sistema ta' permessi għax-xiri taz-zokkor mill-bejjiegħa bl-imnut mingħand il-bejjiegħa bl-ingrossa. Sal-aħħar tal-1940, il-kwistjoni tal-permessi ġiet estiża għas-sapuna tal-ħwejjeġ u ż-żejt tal-ikel, u nħarġet ordni ta' projbizzjoni fuq il-kwistjoni tal-laħam u l-ħalib fil-bottijiet. Fil-bidu tas-sena 1941, ġie introdott tnaqqis fit-tqassim tal-kafè u s-sulfarini.



*Ir-Regional Protection Officer tan-North-West Region, il-Markiż Barbaro of St. George.*

### Sistema tar-razzjon fil-Mellieħa qabel dik uffiċjali

Jidher li matul dan iż-żmien kienet diġà ġiet introdotta xi forma ta' razzjon mill-*Protection Officers*, f'inħawi differenti ta' Malta, inkluż il-Mellieħa. Dak iż-żmien il-Mellieħa kienet tagħmel parti min-*North-Western Region*, li kienet tinkludi wkoll lil San Pawl il-Baħar, in-Naxxar, il-Mosta, l-Imġarr u l-Mellieħa. Żewġ *Protection Officers* partikulari, is-Sur John Amante Cilia u s-Sur Louis Bartolo, it-tnejn mejtin, kienu diġà ntroduċew forma ta' sistema ta' razzjon fl-irħula rispettivi tagħhom, jiġifieri fl-Imġarr u fil-Mellieħa. Hemm evidenza li f'Jannar 1941, ir-*Regional Protection Officer* ta' dan ir-Reġjun, il-Markiż Barbaro of St. George, bl-għajnuna tal-*Protection Officers* li kienu jaqgħu taħtu, kienu diġà bdew jirrazzjonaw iz-zokkor, is-sapun, il-ħalib tal-bottijiet u l-għalf tal-annimali, bir-riżultat mixtieq.

### L-introduzzjoni uffiċjali tas-sistema tar-razzjon

Fi Frar 1941, il-Gvernatur iddeċieda li jintroduċi sistema ta' razzjon nazzjonali, fejn ġiet magħżula s-sistema tan-*North-Western Region,* li l-Mellieħa kienet tagħmel parti minnu. Il-Markiż ġie maħtur *Food Distribution Officer* u fis-27 ta' Frar, ġie mwaqqaf il-*Food Distribution Office* fil-Belt Valletta taħt id-direzzjoni tiegħu. Ix-xogħol tar-*Rationing Office* kien jiġi implimentat mid-*District Commionners* u r-*Regional Protection Officers*. Il-gżejjer Maltin ġew maqsuma f'diversi Distretti.

### Fejn u x'kellhom jagħmlu l-familji Maltin biex jirreġistraw għall-Ktieb tar-Razzjon

Madwar ġimgħatejn wara, il-poplu Mellieħi ġie mitlub biex jirreġistraw lilhom infushom mal-*Protocetion Officer* Louis Bartolo, li kellu l-uffiċċju tiegħu fir-Raba' Kamra tal-Pjazza tas-Santwarju. Kull familja kienet tingħata l-Ktieb tar-Razzjon tagħha, li kien ikun taħt l-isem tar-raġel tal-familja. L-istess Uffiċċju kien iqassam ukoll permessi lill-ħwienet tal-merċa biex jipprovdu lill-konsumatur numru ta' bżonnijiet essenzjali, li kienu jinkludu zokkor, kafè, sulfarini, sapun tal-ħasil, xaħam u/jew marġerina, żejt tal-ikel, *corned beef*, kunserva



*Ir-Raba' Kamra fil-Pjazza tas-Santwarju kienet l-Uffiċċju tal-Protection Officer tal-Mellieħa, is-Sur Louis Bartolo.*

u pitrolju. Jekk kien ikun hemm żieda jew tibdil fid-daqs tal-familja, kellu jiġi rappurtat lill-*Protection Officer* f'temp ta' jumejn. Jekk ma jsirx hekk, kienet tingħata multa ta' bejn £5 sa £10, bir-riskju wkoll li jinqatgħalhom ir-razzjon provdut lilhom. Id-daqs tal-familja kien importanti biex ikun determinat l-ammont ta' razzjon lil kull dar.

Apparti hekk, jekk ikun hemm xi ċaqliq ta' familji jew persuni individwali minn Distrett għal ieħor, kellhom jinfurmaw lill-awtoratijiet konċernati, liema hi d-destinazzjoni finali (jiġifieri f'liema distrett se jissetilja, tissetilja jew jissetiljajw). Kemm-il darba konsumaturi jonqsu milli jobdu dawn ir-regoli, kienu jkunu f'riskju li jiġu mċaħħda mir-razzjon tagħhom.

| **Numru tal-ħanut** | **Triq** | **Raħal** | **Xhud waqt l-ispezzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 26 | Triq tas-Salib | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 8 | Triq il-Ħdax | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 26 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 15 | Triq Tas-Snajjin | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 10 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 15 | Triq il-Mitħna l-Qadima | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 13 | Triq il-Vitorja | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |

| **Numru tal-ħanut** | **Triq** | **Raħal** | **Xhud waqt l-ispezzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 12 | Triq Irjali | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 11 | Triq Santa Marija | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 74 | Triq Santa Marija | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 60 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 67 | Triq il-Parroċċa | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 153 | High Street | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 9 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 71 | Triq il-Vitorja | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |

| **Numru tal-hanut** | **Triq** | **Raħal** | **Xhud waqt l-ispezzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 10 | Triq it-Tramuntana | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |
| 9 | Triq Santa Marija | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |
| 147 | Triq San Franġisk | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |
| 10 | Triq id-Disgħa | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |
| 17 | Triq il-Parroċċa | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |
| 20 | Triq il-Mitħna l-Ġdida | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |
| 8 | Triq il-Ħdax | Mellieħa | P.C. 649 G. Buttigieg |

| **Nru tal-hanut** | **Triq** | **Raħal** | **Xhud waqt l-ispezzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 15 | Triq Irjali | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 11 | Triq Santa Marija | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 45 | Triq Santa Marija | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 12 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 67 | Triq il-Parroċċa | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 11 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 30 | **High Street** | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 54 | Triq il-Vitorja | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia |
| 6 | Triq Stivala | Mellieħa | P.S. 289 P. Cachia[2] |



***Replika ta' uniformi tal-Pulizija użata fi żmien il-gwerra. Din it-tip ta' uniformi kienet tintuża kemm qabel kif ukoll wara tmiem il-gwerra, jiġifieri mill-1920 sal-1960. (Sors: https://pulizija.gov.mt/Police-Uniforms-Gallery.aspx).***

### Is-sitwazzjoni fis-sajf tal-1941

Wara l-waqa' ta' Kreta f'idejn il-Ġermanizi, fl-1 ta' Ġunju 1941, u l-avvanzata tal-*Afrika Korps* matul il-kosta Libjana sal-fruntiera mal-Eġittu, ġie deċiż li tiżdied xi ftit ir-restrizzjoni fil-konsum taż-żejt tal-ikel, butir, marġerin, xaħam, *corned beef* u ħut fil-bottijiet. S'hawn naraw li l-uniċi prodotti tal-ikel li kienu għadhom ma ġewx razzjonati kienu l-ħobż, l-għaġin, il-ġobon, il-ħalib, ir-ross u t-te.

### Erba' spezzjonijiet li saru f'Diċembru 1941

Sadanittant, biex tiġi indirizzata l-problema tal-abbużi fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti msemmija hawn fuq, il-*Food and Commerce Control Officer* ordna lil numru ta' membri tad-Dipartiment biex jispezzjonaw ħwienet tal-merċa li kienu magħrufin li jħaddmu s-sistema tal-prodotti razzjonati. F'Diċembru 1941, il-pulizija għamlet diversi spezzjonijiet fi ħwienet tal-merċa fil-Mellieħa. Bejn is-16 u d-19 ta' Diċembru 1941, saru numru ta' spezzjonijiet f'dawn il-ħwienet li ġejjin.

North-Western Region (Tabella f'paġna 128).

### Konklużjoni

Waqt dawn l-erba' spezzjonijiet, il-Pulizija ma sabet l-ebda irregolarijiet. Għalhekk, wieħed jassumi li f'dawn il-ħwienet ma nstabux abbużi u li s-sidien kienu qegħdin jobdu l-ordnijiet imsemmija iktar 'il fuq.

### Referenzi


[1] Waqt li se tkunu qegħdin taqraw dan l-artiklu se jkun beda t-80 anniversarju ta' meta fl-1 ta Settembru 1939, il-Ġermanja Nazista nvadiet il-Polonja, fejn jumejn wara, jiġifieri fit-3 ta' Settembru, l-Alleati, il-Gran Brittanja u Franza ddikjaraw gwerra kontra l-aggressuri msemmija.

[2] NAM, Police Rough Occurences (Mosta) 16/12/1941 – 20/12/41



# Gaulos Exclusive Art

*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned, Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*

*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u transport ta' rakkmu antik.*

*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*

9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401 Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org

# J. Vella

Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




# IR-RAZZETT FRUIT SHOP

**BEST QUALITY FRUIT AND VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545

# DAINTY

CLOTHING & FOOTWEAR

85, G. Borg Olivier Street
Mellieha
Malta

**Tel.: 21523538**

*We accept one4all gift vouchers*

adidas
RIP CURL
SCOTCH&SODA
AMSTERDAM COUTURE
TIMEZONE

MĠARR
United
Bar & Restaurant
Since 1995

**MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT**

Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground)

T: 2157 4630 M: 7905 0283



# Proġett “It-tagħlim tal-mużika għal persuni neqsin mis-smigħ”

Dan il-proġett hu wieħed minn sensiela ta’ proġetti li l-Għaqda Mużikali Imperial tixtieq li twettaq biex jiġu ndirizzati gruppi ta’ tfal u żgħażagħ fis-soċjetà Maltija li sa issa ftit li xejn ġew offruti aċċessibbiltà għat-tagħlim tal-mużika. Wieħed mill-għanijiet tagħna bħala għaqda mużikali hu li nrawmu fit-tfal u ż-żgħażagħ il-ġibda lejn il-mużika u noffrulhom tagħlim bla ħlas. L-integrazzjoni ta’ persuni b’abbiltajiet differenti huwa mod effiċjenti sabiex jitkattar it-tagħlim, mhux biss dak mużikali iżda wkoll dak fuq livell soċjali. It-taħlit ta’ esperjenzi ta’ nies b’firxa wiesgħa ta’ abbiltajiet u diżabbiltajiet għandu jservi biex jitkattar l-għarfien dwar kif persuni differenti jesperjenzaw dak li toffri l-ħajja, fosthom l-abbiltajiet mużikali.

Permezz ta’ dan il-proġett, parti mill-iskema “It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda – 2018” amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, iffukajna fuq it-tagħlim ta’ mużika lil persuni neqsin mis-smigħ.

Għal dan il-għan għamilna riċerka u identifikajna organizzazzjoni fir-Renju Unit bl-isem ta’ “Music and the Deaf” (MATD) illi huma ddedikati esklussivament biex jipprovdu aċċess, edukazzjoni u opportunitajiet mużikali lil persuni neqsin mis-smigħ. Il-Ħamis 11 t’Ottubru 2018 ilqagħjna fostna ż-żewġ membri tal-MATD li ġew biex jagħtu s-sessjonijiet ippjanati, jiġifieri d-Direttur Artistiku tal-MATD Mr Danny Lane u l-interpretu tiegħu Mrs Sheryl Gale. Huma żaru l-Każin Imperial sabiex isiru familjari mal-post fejn kienu se jsiru s-sessjonijiet u fl-istess waqt ippreparajna l-istrumenti mużikali li kellna bżonn.



Il-Ġimgħa 12 t’Ottubru filgħodu bdejna bis-sessjonijiet fl-iskejjel, waħda fil-Mellieħa u tnejn fil-Mosta. Għal dawn is-sessjonijiet attendew ukoll is-Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali Imperial u membru tal-Banda Imperial li setgħu jagħtu dimostrazzjonijiet lill-istudenti fuq strumenti tar-ram u tal-injam. B’kollox attendew madwar 50 student, bl-età tagħhom tvarja bejn is-6 u l-11-il sena, sitta fosthom bi problemi differenti ta’ smigħ. Tul dawn is-sessjonijiet, l-istudenti kellhom l-opportunità li jkunu esposti għal introduzzjoni interessanti





ħafna għat-tagħlim tal-mużika, setgħu jisimgħu l-ħoss ta' diversi strumenti mużikali tal-injam, tar-ram u tal-perkussjoni, u kellhom ukoll iċ-ċans li jippruvaw idoqqu xi strumenti. L-entużjażmu ta' dawn l-istudenti kien evidenti fuq wiċċhom, b'mod speċjali żewġ studenti neqsin mis-smigħ. Wieħed minnhom ta' 7 snin li hu kompletament nieqes mis-smigħ ma riedx jitlaqna u baqa' wara l-oħrajn biex jipprova jdoqq strumenti mużikali varji, speċjalment dawk tal-perkussjoni. Ieħor mill-Mosta ta' madwar 10 snin b'nuqqas ta' smigħ moderat kien interessat b'mod speċjali fis-sassofonu, tant li anke attenda għas-sessjoni tal-għada s-Sibt filgħodu.

Il-Ġimgħa filgħaxija kien imiss imbagħad is-sessjoni mas-surmastrijiet u l-għalliema. Minkejja li dakinhar qamet maltempata kbira, l-attendenza għal din is-sessjoni kienet waħda sodisfaċenti. Il-parteċipanti kienu jvarjaw minn surmastrijiet, għalliema tal-mużika u għalliema għal persuni bi bżonnijiet speċjali, studenti universitarji tal-mużika u bandisti. Tul din is-sessjoni l-parteċipanti kellhom l-opportunità li jitgħallmu fuq metodi ta' tagħlim differenti li minbarra li jaqdu l-ħtiġijiet tal-persuni neqsin mis-smigħ, jistgħu jintużaw ukoll ma' kull student tal-mużika. Huma għamlu diversi mistoqsijiet lil Mr Lane, li min-naħa tiegħu qasam l-esperjenza personali tiegħu bħala mużiċist nieqes mis-smigħ.



Is-Sibt 13 t'Ottubru kienet imtellgħa l-attività prinċipali ġewwa l-Każin Imperial. Għal din l-attività attendew tfal u żgħażagħ neqsin mis-smigħ minn bosta lokalitajiet minn madwar Malta u Għawdex, interpretu tal-lingwa tas-sinjali Maltija, flimkien ma' numru ta' aljievi u bandisiti tal-Banda Imperial. Dan bil-għan li nippromwovu l-integrazzjoni ta' persuni b'abbiltajiet differenti u permezz t'hekk ikun hemm qsim ta' esperjenzi u realtajiet differenti. Fl-ewwel parti tas-sessjoni, Mr Lane introduċa xi aspetti fundamentali fit-tagħlim tal-mużika, fosthom it-tqasssim u r-ritmu. Imbagħad, l-istudenti kellhom l-opportunità li jippruvaw idoqqu diversi strumenti, fosthom klarinett, sassofonu, trumbetta, baritone, euphonium, pjanu u diversi strumenti tal-perkussjoni. Wara li daru dawn l-istrumenti kollha, kellhom iċ-ċans li jagħżlu l-iktar wieħed favorit tagħhom u jagħmlu iktar prattika fuqu. Din il-prattika ngħatat minn bandisti tal-Banda Imperial, flimkien mas-Surmast Direttur u Mr Lane. L-għan prinċipali kien li l-parteċipanti kollha jitgħallmu żewġ biċċiet mużikali sempliċi li setgħu jesebixxu quddiem il-ġenituri tagħhom u mistiedna oħra fl-aħħar parti tas-sessjoni.



Mr Lane hu mużiċist u edukatur nieqes kompletament mis-smigħ li għandu esperjenza vasta fit-tagħlim tal-mużika għall-persuni neqsin mis-smigħ, u l-motivazzjoni u l-imħabba tiegħu lejn il-mużika u t-tagħlim tagħha kienu ta' ispirazzjoni għal dawk kollha li attendew is-sessjonijiet. L-esperjenza tal-parteċipanti għas-sessjoni tas-Sibt kienet waħda tajba ħafna tant li kien hemm min staqsiena jekk jistax jerġa' jiġi l-għada jew il-ġimgħa ta' wara. B'mod partikolari, żewġ persuni neqsin mis-smigħ, wieħed mill-Mosta u oħra minn Għawdex, urew ix-xewqa li jibdew jitgħallmu l-mużika. Minħabba raġunijiet loġistiċi, minn informazzjoni li għandna, dawn infatti bdew jitgħallmu l-mużika mal-banda tal-lokal tagħhom.

Fl-istess waqt, dawk l-aljievi u bandisti tal-Banda tagħna li attendew għas-sessjonijiet kellhom esperjenza unika li kompliet timmotivahom biex jirsistu iktar fl-istudju mużikali tagħhom. Huma kienu esposti għal metodu ġdid u innovattiv li għad li huwa ddisinjat biex jiffaċilita t-tagħlim mużikali għal persuni neqsin mis-smigħ, huwa ovvjament effettiv ukoll għal min m'għandux problemi bis-smigħ.

L-opportunità li kellhom il-bandisti li attendew u li għandhom ċertu esperjenza fl-istrument tagħhom biex jgħallmu lill-parteċipanti neqsin mis-smigħ idoqqu strument serviet ukoll bħala motivazzjoni biex huma jitħajru jibdew jgħallmu. Hi x-xewqa tagħna li jkollna iktar għalliema li jibdew kors ta' taħriġ fit-tagħlim tal-mużika, u dan il-proġett serva wkoll bħala l-ewwel pass f'din id-direzzjoni.



Din il-parti inizzjali tal-proġett laħqet it-tmiem tagħha permezz ta' seminar li sar nhar il-Ġimgħa 26 t'Ottubru 2018 li fih ġew diskussi u analizzati s-sessjonijiet organizzati u t-triq 'il quddiem. Il-pjan tagħna hu li nkomplu fuq din l-inizjattiva u ninvolvu lill-parteċipanti tas-sessjoni tas-Sibt f'xi programmi li l-Banda tagħna ttellgħa minn żmien għal żmien. Dan sabiex inkomplu ninkoraġġuhom jitgħallmu l-mużika u fl-istess ħin inħajru iktar tfal u żgħażagħ jibdew jistudjaw il-mużika.

Proġett mill-**Għaqda Mużikali Imperial**
bil-kollaborazzjoni tal-
**Aġenzija Żgħażagħ**
u l-**Għaqda Każini tal-Banda**
bħala parti mill-iskema
**'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda - 2018'**



Joseph F Cachia

# Il-Muwlti li Nħibb Jienae

Il-Muwlti illi nħibb jinae
Huwa lsjiaen il-Maelliħin.
Laeħnu ħiluw bħaell-qaenpienae
B'tuuni suudi faerriħin

Il-Muwlti li tant niggusta
U li tant nitgħaxxaq biaeh
Il-luwm ma tismaewx bil-busta
Ħliaef mingħand xi wieħed xiaeħ

Il-Muwlti li tant jhaenini,
Bil kaemm għuudna nisimgħaewh
Ma tufuwx kaem jisgħubini,
Li b'ilsnae uħrajn taebbaewh.

Il-Muwlti illi nħibb jienae,
Duak Maelliħi, bid-djaelaett.
M'hiniaex saejjer nitlub ħniaena.
Anzi rrid iktar rispaett.

Mhuwx saejjer niħu għalijae
Jekk int tgħaedli injurant
Immae l-kaelmae Maelliħijae
Għudni u nibqae' nħibbhae tant.

Duan hu lsiaen missirijietna,
Li użaw matul tant snin
Inżummawh fi ħsibijietna.
Li nużawh aeħna kburin.

Tal-Għansar
16/9/ 2018.

# Il-Malti, li Nħobb Jiena

Il-Malti, illi nħobb jiena,
Huwa lsien il-Melliħin,
Leħnu ħelu bħal qampiena,
B'toni, sodi, ferriħin.

Il-Malti li tant niggosta
U li tant nitgħaxxaq bih
Il-lum ma tis'mgħux bil-bosta
Ħlief mingħand xi wieħed xiħ

Il-Malti li tant jhennini
Bil-kemm għadna nisimgħuh
Ma tafux kemm jisgħobbini
Li, b'ilsna oħrajn tebbgħuh.

Il-Malti illi nħobb jiena,
Dak Mellieħi, bid-djalett,
M'iniex sejjer nitlob ħniena,
Anzi rrid iktar rispett.

Mhux sejjer nieħu għalija
Jekk int tgħidli 'injorant'.
Imma l-kelma Melliħija
Għadni u nibqa' nħobbha tant.

Dan hu lsien missirijietna
Li użaw matul tant snin.
Inżommuh fi ħsibijietna,
Li nużawh, aħna kburin!

Tal-Għansar
16/09/2018.

# L-Ismijiet

Kieku taf kemm idejqquni,
Ma nista' nġerragħhom xejn,
Kull meta jiġu jsaqsuni,
Jweġġgħuli l-widnejn.

Bl-Ingliżati illi jfaqqgħu
Jew bit-tgħawwiġ tal-ilsien,
Il-Malti, għaċ-ċajt iwaqqgħu.
Ma nistax għalihom, jien.

'Golden Bay', flok, 'Il-Mixquqa',
'Ċirkewwa', 'Paradise Bay',
'Ix-Xquq', snin, ilhom mitluqa.
'Popeye Village', illum, ħej.

'L-Imġiebaħ' ftit wisq jafuha.
Minn flokha jgħidu 'Selmun'.
'Għajn Żejtuna', wkoll bidluha.
Dik 'Santa Marija' illum.

'Tax-Xilep' ukoll tlifniha,
Slugs Bay ilha, għal bosta żmien.
Għax li konna naraw fiha,
Illum, tarah kullimkien

Wisq nibża' li dan snobiżżmu
Flok Malti jużaw l-Ingliż
Ma nemminx illi t-turiżmu
Jiżdied b'dan l-att irħis

It-turist mhux se jiddejjaq
Jekk jgħawweġ l-isem xi ftit.
M'hemmx li dil-'marda' titfejjaq.
Ismijiet Maltin irrid!

*Exiles.*
*08/05/2019.*



***Ix-Xquq***



***Ix-Xilep***



***Il-Palazz ta' Selmun***

CN Marble Granite
Mifsud

Blokk D,
Midland Micro Enterprise Park,
Triq Burmarrad,
L/O Naxxar

Mobile
9988 5191

Email
contact@cnmarbleandgranite.com

Web
www.cnmarbleandgranite.com

Tal-Puzzu
Pizza . Pasta . Grill

We are also catering for Kid's Parties, Events, Majjalati, Fenkati, Buffets and more

Wood Fire Oven

*Take Away Available*

11, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa

Mob: 79707755

THE HILLTOP
RESTAURANT Est. 1972

Here is where seafood and meats come together to bring you a modern multicultural cuisine



Gorg Borg Olivier Street Mellieħa
For reservations call
+356 21521101 or +35699445484
www.thehilltopmellieha.com

Ta' Peter

Bar, Restaurant & Games Room

*Specialising in Maltese Cuisine & Fresh Fish Dishes.*

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537

Kafè Borg

Coffee Pods,
Instant Coffee,
Instant Coffee Sticks
& Freshly Roasted Coffee

**KAFE BORG -** Coffee Roasters,
Tal-Balal Road, San Gwann SGN 9018 - Malta.
Tel: 2137 1626, 2137 3208
**www.kafeborg.com**

MOSTA BACON®
since 1970

# Xogħlijiet Artistiċi fis-Santwarju tal-Mellieħa

Mario Fenech

Fil-lokalità tal-Mellieħa, id-devozzjoni lejn Sidtna Marija tmur lura għal sekli sħaħ. Xhieda ta' dan huwa s-Santwarju bil-wisq antik li minn dejjem kien post ta' ġabra għal dawk kollha li f'waqtiet ta' diffikultà jew b'ringrazzjament għal xi grazzja maqlugħa resqu bi ħġarhom biex iżuru x-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna.

Matul is-snin, dan it-Tempju Marjan ġie mżejjen b'numru ta' kwadri li wħud minnhom jinsabu fuq l-artali li hemm fis-Santwarju. Tlieta minn dawn il-kwadri huma tal-artist Antonio Falzon li għex bejn is-sena 1805 u s-sena 1865.

Falzon twieled fil-Floriana u minn dejjem wera x-xewqa li jkun artist tant li beda t-tagħlim tiegħu għand l-artist magħruf Giuseppe Hyzler. Aktar tard huwa rebaħ borża ta' studju biex mar Ruma fejn kompla t-tagħlim tiegħu għand l-artist Tommaso Minardi. Wara li temm l-istudji tiegħu f'Ruma huwa rritorna lura f'Malta fejn beda jiġi kkummissjonat biex jagħmel diversi xogħlijiet f'għadd ta' knejjes oħrajn tant li ma damx wisq sabiex ġibed l-attenzjoni tal-Kappillan tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Baldacchino sabiex jagħmel tliet kwadri fuq l-artali tas-Santwarju.

Il-Kappillan Baldacchino kien it-tieni Kappillan tal-Parroċċa tal-Mellieħa. Kien inħatar Kappillan mill-Isqof Mons. Sant u ħa l-pussess tal-Parroċċa nhar il-15 ta' Lulju 1849.

Il-kwadri li għamel Falzon huma ta' Sant'Andrija, ta' San Pawl u tal-Madonna tal-Karmnu. Interessanti l-fatt li dawn it-tliet kwadri kienu saru fis-sena 1853. Din hija l-istess sena li matulha kienet waslet fil-Mellieħa l-istatwa titulari ta' Marija Bambina li ħarġet minn idejn l-iskultur magħruf Pietru Pawl Azzopardi u li kien ħallas għaliha Dun Ġużepp Di Stefano.



*Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fis-Santwarju*



*Kwadru ta' Sant'Andrija fis-Santwarju*

Jidher li dan il-perjodu kien wieħed tassew tajjeb għall-poplu tal-Mellieħa. Dan għaliex fl-istess żmien, minbarra l-istatwa titulari ta' Marija Bambina, kif ukoll flimkien ma' dawn it-tliet kwadri tal-artist Antonio Falzon, kienu saru wkoll fost l-oħrajn is-Salib tal-Kleru, il-Girandola, il-Pulptu, l-Orgni, kif ukoll tpoġġiet qampiena fil-kampnar li kienet inħadmet fi Franza. Swiet is-somma ta' 1190 skud. L-erba' opri l-oħrajn kienu swew is-somma ta' 1012-il skud.

Dan il-perjodu sabiħ tkompla fis-sena ta' wara meta fis-Santwarju waslet l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li mbagħad aktar tard meta twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju fis-6 ta' Ġunju 1869 bdiet tintuża għall-festa li kienet issir fil-Parroċċa.

Jidher sew li dak iż-żmien is-Santwarju kien miżmum fi stat tajjeb ħafna, tant li meta għamel il-Vista Pastorali tiegħu fir-raħal l-Isqof Gaetano Pace Forno nhar id-9 t'April 1866 huwa sab li s-Santwarju ma kien jonqsu xejn. Għaldaqstant huwa talab li l-pittura tal-Isqfijiet li hemm mad-dawra tal-Altar Maġġur tiġi rrestawrata biex tkun fi stat tajjeb bħall-Opri Sagri l-oħrajn li kien hemm fis-Santwarju.

Aktar tagħrif dwar l-istorja tas-Santwarju tal-Mellieħa fil-ħarġa ta' dan il-ktejjeb tas-sena d-dieħla.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*







# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


A. Vella Borg & Sons Ltd .......95
A.F. Skip Hire .........................15
Aalayah's Stop & Shop ...........66
Abela Norbert Joiners .............34
Alkova .....................................82
All Needs The D.I.Y. Store .....10
Angela's Flower Shop...........116
Art in Beauty ...........................51
B. Grima & Sons Ltd ...............4
Bar tal-Każin tal-Banda Imperial .............120
Bayleaves ................................64
Beauty Mood ............................3
Bella Veduta ..........................139
Belleview ................................67
Best Print Co. Ltd .................102
Billy's ......................................68
Bock Club House ..................119
Bottles & Bottles .....................14
BOV ........................................22
C. Vella & Sons Ltd ................88
Carmel Vella Limited ..............74
Cash & Carry ..........................50
CLD...........................................8
CN Mifsud Marble Granite ...................136
Cross Keys ..............................52
CZ Imports ............................120
Dainty ...................................130
DB Properties ..........................70
Dingli Butcher .........................82
Drifter ......................................66
Drivewell Motoring School ....30
Eight24 ......................................3
Evergreen ...............................36
Eyetech ...................................71
Farmer's Fresh Green Grocer........................25
Fieldsports ...............................14
Gason Mamo Insurance .............outside back
Gaulos Exclusive Art ............129
George's Bakery......................80
Glamorous ..............................36
Ġo Ġo Mini Market .............125
Green Valley ...........................76
Greystone ...............................17
Hair Sensations .........................7
HB Motors .............................65
Herbies .....................................7
Horace Enterprises Ltd ...........29
HSBC .....................................63
Il Bagno ..................................76
Ir-Razzett Fruit Shop............130
J. Attard ..................................21
J. Vella ..................................130
J&G Discount..........................21
JDS ...........................inside back
Jevon's Fruit Shop...................67
Jimcam Enterprises Limited..............53
Joe Gauci Metal Works ...........28
John Bray & Family ................23
John Buttigieg Cikkies ............11
Joseph Debono ........................64
Julie's Lifestyle .......................76
Kafè Borg .............................137
Karizia Travel Agency ............64
Malta Bus Coop ......................50
Manuel Bezzina Co Ltd ..........71
Manuel's Garage .....................42
Marianna Stationery................73
Mario Gauci ............................42
Maritim Antonine Hotel & Spa .........................35
Mark Taliana ..........................24
Meet Garage ...........................51
Mellieħa Garage ......................49
Mġarr United Bar & Restaurant ...............130
Mosta Bacon .........................137
MT Service Station ...............139
Munchies ................................19
Nella's ....................................53
One 80 ....................................38
P&C Cauchi ...........................30
Paradise Bay Resort Hotel ......75
Pâtisserie ................................60
Ph Borg Ltd ............................63
Popeye Village ........................26
Project SISS ............................81
Reflections..............................18
Rocs Group ............. inside front
ROCS Travel ...........................31
Roy Thai Specialist .................18
Sala Imperial ...........................39
Sammy Buttigieg (Ċikkies).......7
Santa Maria Service Station....73
Sports Experience ...................36
Stardust ..................................37
Start Computers ......................15
Stephen Deguara .....................28
Stoneage .................................34
Swan laundry ............................6
Ta' Peter ...............................137
Ta' Titta Confectionery .........119
Tal-Puzzu .............................136
The Beach at Paradise Bay .....62
The Caterer.............................10
The Hilltop Restaurant ..........136
The Veggie Truck ..................120
Tony's Bakery .........................82
Tosca ......................................57
Tower Ladder Services ...........82
Tramun Tagħna .......................27
V. Debono Ironmongery..........36
Valyou ......................................2
VS Wholesale........................126

# At JDS we offer:



A variety of custom made kitchens , bedrooms and bespoke furniture, both modern and traditional to suit your needs.



A variety of custom designs and local manufacture that can provide you with a range of materials and colour schemes of your choice.

All are manufactured locally in Marsa.



We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Visit our showroom in Mellieha to view our Himolla sofa collection. Carrying a 5 year guarantee, Himolla can bring more comfort to home.

Visit the Himolla website:
www.himolla.com







We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Ask us for any assistance, you may require.

**Save money with JDS DIY made to measure services.**

JDS FURNITURE Ltd.

Main Street, Mellieha | Garibaldi Street, Marsa | t: +356 2152 2390
e: info@jdsfurniture.com | s: www.jdsfurniture.com | fb: JDS Furniture


Ħbatt bil-karozza.
Moħħi mistrieħ!
Ħadu ħsieb kollox
GasanMamo
INSURANCE
ngħinuk dejjem
96% tal-klijenti ta' GasanMamo huma sodisfatti
Mellieħa
59, Ġ Borġ Olivier Street
T: +356 2152 3672, 2752 3672
insurance@gasanmamo.com
GASANMAMO INSURANCE IS AUTHORISED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM
SOURCE: INTERNAL DATA (2018)